# Impact Study on Malta's bid to join the European Union

**Rapport Finali**
**Novembru 2000**

---

*L-ghan ta' l-istudju*
*Gabra fil-qosor ta' l-istudju*

**Kapitlu 1 : Introduzzjoni**

**Kapitlu 2 : Xi tfisser ir-ristrutturazzjoni?**

**Kapitlu 3 : Kif tkejjel l-innovazzjoni?**

**Kapitlu 4 : Il-mod kif l-Unjoni Ewropea tkejjel is-success jew falliment ta' process ta' innovazzjoni (ristrutturazzjoni)**

**Kapitlu 5 : Innovazzjoni (ristrutturazzjoni) u mpjiegi fl-Unjoni Ewropea**

**Kapitlu 6 : Malta u l-Acquis**

**Kapitlu 7 : L-implikazzjonijiet ta' direttivi ohra fuq l-industrij lokali**

**Kapitlu 8 : L-impatt tas-shubija fl-Unjoni Ewropea fuq setturi differenti**
*8.1 - Is-Settur tal-Manifattura*
*8.2 - Settur Pubbliku*
*8.3 - It-Tarznari l-oqsma tal-bini u tiswija tal-vapuri*

## L-ghan ta' l-istudju

ID-DMIR li kellu jaqdi dan l-istudju li kellha taghmel il-General Workers' Union kien li jkunu mgharbla l-impatti li jolqtu lil Malta bis-shubija taghha bhala membru shih fl-UE(Unjoni Ewropea) fejn ghandhom x'jaqsmu

* l-innovazzjoni, jew ristrutturazzjoni, ta' l-industriji lokali u
* il-holqien u/jew it-telfien tax-xoghol ghall-haddiema.

It-tgharbil ta' dawn l-impatti qed f'dan ir-rapport isir settur settur. Dawn is-setturi huma
* is-settur tal-manifattura

* is-settur pubbliku u
* is-settur tal-bini tal-vapuri u tat-tiswija tal-vapuri.

L-ewwel pass kien li sar Rapport Preliminari sabiex il-membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-General Workers' Union ikunu jistghu jaraw sew l-argumenti ewlenin li issa qed jitwessghu aktar f'dan ir-Rapport Finali.

L-argumenti ewlenin migjubin fir-Rapport Preliminari u f'dan ir-Rapport Finali gew minn ghadd ta' rapporti kemm imxandrin u kemm le. Il-kuntatti diretti li saru ma' bosta Direttorati ta' l-Unjoni Ewropea fi Brussell u fil-Parlament Ewropew fil-Lussemburgu ghenu hafna biex tnisslet nixxiegha ma taqta' xejn ta' taghrif siewi u aggornat.

Irid jinghad mill-bidu nett li dan l-istudju sar b'mod oggettiv u li l-argumenti ewlenin li jittratta m'huma mxaqilbin la 'l hawn u lanqas 'il hemm izda huma msejsin fuq "gharbiel jew analizi kwantitattiva" tal-fatturi maghrufin kollha. Jigifieri kull ghamla ta' taghrif li ghandu x'jaqsam ma' l-Acquis Communautaire u mar-ristrutturazzjoni sarulha mistoqsijiet bhal: X'qed jigi propost? KIF qed jigi propost? META se jidhol fis-sehh? X'se jigri minhabba fih u bhala konsegwenza tieghu? MIN se jintlaqat minnu?

## Gabra fil-qosor ta' l-istudju

IL-HTIEGA tar-ristrutturazzjoni ta' l-industrija f'Malta ilha tigi diskussa ghal hafna snin. Izda baqa' qatt ma sar l-ebda tentattiv serju la biex jigi spjegat din xi tfisser u lanqas x'mizuri huma mehtiega biex din ir-ristrutturazzjoni tkun tista' ssir. Ghalhekk il-General Workers' Union hasset li kellha hija stess tidhol ghal din il-bicca xoghol billi taghmel ricerka fil-fond u b'mod xjentifiku u tipprezenta l-konkluzjonijiet taghha lill-partijiet kollha koncernati.

Il-General Workers' Union waslet ghall-konkluzjoni li l-kwestjoni principali m'hix jekk Malta ghandhiex tidhol jew le fl-Unjoni Ewropea. Il-kwestjoni hija li l-Gvern mhux jiehu l-mizuri li huma xierqa biex ir-ristrutturazzjoni tirnexxi. Il-Gvern qieghed ihallat l-ezercizzju tar-ristrutturazzjoni mal-kwistjoni tas-shubija fl-Unjoni Ewropea u meta jaghmel dan qieghed imexxi lill-industriji fit-triq il-hazina ghal kollox.

Il-General Workers' Union hija inkwetata hafna li jekk l-ezercizzju tar-ristrutturazzjoni ma jkunx ippjanat u mwettaq bil-ghaqal, iwassal ghal qghad sfrenat, aktar u aktar minhabba l-fatt li l-Gvern qieghed jimxi b'ghajnejh mghammda biex jikkonforma ma' l-Acquis Communautaire ta' l-Unjoni Ewropea .

Il-General Workers' Union dejjem gharfet li l-isfidi li se jkollna bil-globalizzazzjoni, bil-World Trade organisation u bl-Unjoni Ewropea jridu jigu ifaccjati. Huwa ghalhekk li l-General Workers' Union izzomm ruhha infurmata kontinwament dwar il-kwestjonijiet tal-kummerc globali li qed ihabbtu wicchom maghhom it-trejdunjons f'pajjizi ohra u l-aktar f'dawk ta' l-Unjoni Ewropea .

F'dan ir-rapport il-General Workers' Union tezamina d-diversi kwestjonijiet teknici li ghandhom x'jaqsmu mar-ristrutturazzjoni u x'ifissru fir-realtà ghall-pajjiz. Ir-rapport jiffoka fuq il-klima ekonomika incerta li hawn bhalissa u li nholqot minhabba n-nuqqas serju ta' ippjanar ghal matul medda twila ta' zmien. Minflok jaghmel dan l-ippjanar, il-Gvern qieghed itellaq mieghu nnifsu biex jikkonforma ma' l-Acquis sas-sena 2002 u dan minghajr ma jqis il-konsegwenzi socjali u ekonomici li dan se jkollu fuq il-pajjiz.

Il-General Workers' Union f'dan ir-rapport tfisser bil-provi ghaliex il-Pjan Nazzjonali ghall-Adozzjoni ta' l-Acquis (NPAA) huwa dokument mill-aktar inadekwat ta' ippjanar u implimentazzjoni. Ma fih l-ebda mizuri li huma necessarji biex iwasslu ghar-ristrutturazzjoni la f'medda qasira u lanqas f'medda twila ta' zmien.

Kif muri bl-istudju intensiv li ghamlet il-General Workers' Union , hemm hafna parametri li huwa mehtieg li jigu ikkunsidrati ghar-ristrutturazzjoni. Ir-rapport jispjega l-kuncett tar-ristrutturazzjoni jew tibdil, jew "innovazzoni" kif l-ahjar li tissejjah, u jesplora fid-dettal x'inhuma l-fatturi necessarji biex titwettaq din l-"innovazzjoni". Ir-rapport jittratta "l-ippjanar ta' l-innovazzjoni" li qieghed isir fl-Ewropa u juri fid-dettal ir-rizultati tal-Community Innovation Surveys li qeghdin isiru fl-Unjoni Ewropea .

Il-General Workers' Union f'dan ir-rapport turi bil-provi li l-Gvern huwa dghajjef fl-amministrazzjoni u fl-ippjanar. Jekk il-General Workers' Union kienet kapaci tinvesti r-rizorsi taghha biex tirricerka x'inhu verament mehtieg biex isir tibdil fl-industriji tal-pajjiz, u tohrog bir-rizultati murijin f'dan ir-rapport, ghaliex il-Gvern ma jistax jaghmel l-istess Il-General Workers' Union m'ghamlet xejn aktar hlief li rricerkat il-pubblikazzjonijiet li tohrog il-Kummissjoni Ewropea stess.

Jekk il-Gvern jinsab f'fernezija biex jipprova li s-shubija fl-Unjoni Ewropea hija l-ahjar ghazla, ghaliex m'ghamilx l-istess ricerka. Minn ricerka bhal din kien jasal biex jipprezenta pjan nazzjonali koerenti ghat-twettiq tar-ristrutturazzjoni ta' l-industriji privati u pubblici tal-pajjiz minflok il-konfuzjoni shiha li hawn bhalissa.

Il-konkluzjonijiet li jasal ghalihom dan ir-rapport tal-General Workers' Union jinftehmu malajr minn kull min huwa interessat. Il-Gvern m'ghandux vizjoni cara ghal dan il-pajjiz. Il-mizuri prezenti juru li assolutament m'humiex adekwati biex ihejju lil Malta ghas-shubija fl-Unjoni Ewropea fil-gejjieni qrib. Biex it-tibdil igib ir-risq u l-gid jehtieg li jkun hemm ippjanar serju u dan ikun mifrux fuq perijodu itwal ta' zmien.

---

**KAPITLU 1**

# Introduzzjoni

IL-HADDIEMA "ghandhom ikollhom il-garanzija li jinghataw kull taghrif u jigu ikkonsultati sa minn kmieni dwar hwejjeg li jolqtuhom fl-impriza fejn jahdmu u dan skond il-ligi Komunitarja u l-ligijiet u l-prattika nazzjonali". - Charter tal-Jeddijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea Kapitlu IV, Solidarjetà, Artiklu 25, Jedd il-Haddiema ghat-Taghrif u l-Konsultazzjoni fl-Impriza.

Il-materji li ghandhom x'jaqsmu max-xoghol u l-impjiegi jinghataw importanza partikulari mill-Unjoni Ewropea. Izda t-tkabbir ekonomiku fl-Ewropa ma ssarrafx fit-tkabbir li huwa mehtieg li jkun hemm fin-numru ta' impjiegi u l-qghad qieghed izomm ruhu gholi hafna b'medja ta' 10.5 fil-mija fl-Unjoni Ewropea kollha.

L-istruttura tas-suq tax-xoghol Ewropew qieghda tinbidel biz-zjieda li qed ikun hemm fil-flessibilità, b'aktar partecipazzjoni min-nisa fil-postijiet tax-xoghol, u bit-tkabbir tas-settur tas-servizzi. Dan kollu qed iwassal ghad-dilemma ta' kif se tintlahaq il-htiega ghal xoghol u qligh ta' flus dicenti ghac-cittadini Ewropej waqt li tinzamm fl-istess hin il-kompetittività fl-ekonomija globali.

L-istruttura tas-suq tax-xoghol f'Malta wkoll trid tinbidel mill-qiegh fil-gejjieni qrib hafna. U d-dilemma se tkun dik kif se jigi provdut xoghol bi qligh ta' flus dicenti ghall-haddiem Malti waqt li tinzamm il-kompetittività f'ekonomija misjuqa mill-Unjoni Ewropea . Bhalissa l-qghad hawn Malta huwa ta' 5.5 fil-mija, jigifieri nofs il-medja ta' l-Unjoni Ewropea .

It-tigdid tat-talba ta' Malta ghal shubija shiha fl-Unjoni Ewropea giet trattata mill-Kunsill Ewropew fil-laqgha li dan kellu f'Helsinki fl-10 u l-11 ta' Dicembru 1999, u t-trattattivi ma' Malta ssokktaw ufficjalment fuq livell multilaterali fil-15 ta' Frar 2000. It-trattattivi fuq it-tminn kapitali li gejjin bdew fit-28 ta' Marzu 2000 il-politika industrijali, l-imprizi z-zghar u medji (SMEs), ix-xjenza u r-ricerka, it-taghlim u t-tahrig, it-telekomunikazzjoni u l-informatika, il-politika kulturali u awdjoviziva, ir-relazzjonijiet barranin u l-politika barranija u tas-sigurtà komuni.

Sebgha mit-tminn kapitli nghalqu sa tmiem il-Presidenza Portugiza bl-eccezzjoni tal-kapitlu dwar il-politika kulturali u awdjoviziva li mbaghad inghalaq taht il-Presidenza Franciza. It-trattattivi fuq disa' kapitli ohrajn infethu taht il-Presidenza Franciza fi tmiem Settembru 2000. Dawn il-kapitli ghandhom x'jaqsmu mac-caqliq hieles tal-kapital, il-ligi tal-kumpaniji, il-kompetizzjoni, is-sajd, l-istatistika, il-politika socjali, l-ghaqda ekonomika u monetarja, il-harsien tal-konsumatur u tas-sahha, u t-trasport.

Sal-25 ta' ottubru 2000, Malta kienet talbet tlett arrangamenti specjali u ghaxar perijodi ta' transizzjoni fil-kapitli li kienu qeghdin jigu ttrattati taht il-Presidenza Franciza. Intalab arrangament specjali taht il-kapitlu tac-caqliq hieles tal-kapital, tlett perijodi ta' transizzjoni taht dak tal-kompetizzjoni, tlett perijodi ta' transizzjoni u arrangament specjali taht il-kapitlu tat-trasport, u erba' perijodi ta' transizzjoni taht il-kapitlu tal-politika socjali. Arrangament specjali iehor kien qieghed jintalab fis-settur tas-sajd.

Kwestjoni ta' interess specjali ghal Malta ghandha x'taqsam mal-kwota tal-qabda tat-tonn kif iffissata mill-Kummissjoni Internazzjonali ghall-Konservazzjoni tat-Tonn ta' l-Atlantiku. Ikun interessanti naraw jekk dan jolqotx direttament il-vijabiltà ekonomika tat-"tuna penning" li qed jigi zviluppat f'Ta' Cenc bil-hsieb li jitkabbar it-trawwim tat-tonn ghall-esportazzjoni. Bhalissa Malta tesporta 30 fil-mija tal-qabda taghha tat-tonn lejn il-Gappun.

**Il-process tat-trattattivi**

Malta ghandha tassew il-htiega li tirriforma l-ligijiet u r-regolamenti taghha kif ukoll tehtieg li jkollha entitajiet regolatorji indipendenti biex jizguraw id-dhul u t-twettiq xieraq ta' dawn il-ligijiet. Regolamenti fuq is-sahha u s-sigurtà fuq il-post tax-xoghol, il-harsien tal-konsumatur u ta' l-ambjent, u ohrajn huma ta' gid ghac-cittadin fuq medda qasira jew twila ta' zmien.

Dak li Malta zgur ma tehtiegx huma ligijiet mghoddijin bil-ghagla mill-Parlament u li l-impatt taghhom ma jkunx ghadu tgharbel bizzejjed bhal, nghidu ahna, il-ligi dwar is-sajd. Lanqas ma tehtieg awtoritajiet godda mahluqa kull gimgha u mmexxijin dejjem mill-istess wcuh. Dawn l-awtoritajiet x'nies se jkollhom jahdmu maghhom Dejjem jekk nassumu li n-nies li jahdmu maghhom se jigu mharrgin biex jaghrfu u jifhmu x'ghandu jkun ifisser xogholhom, min se johrog il-flus ghat-tahrig taghhom

Il-Gvern tal-lum qajla jiflah jonfoq miljuni ta' liri mill-flus migbura minghand min ihallas it-taxxi biex iwaqqaf strutturi li l-Gvern innifsu ghadu m'hux zgur humiex se jahdmu sew u jekk ghandhomx jimplimentaw l-eluf ta' regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea mil-lum ghal ghada. Huwa minnu li ghadna fil-bidu. Imma l-bidla u r-ristrutturazzjoni, li nehtiguhom tabilhaqq, ghandhom isiru b'pass inqas imghaggel sabiex inkunu zguri li qeghdin niehdu d-decizjonijiet it-tajba. Nehtiegu kultura ta' bidla izda bla ma nbiddlu mill-qiegh is-socjeta' taghna u l-mod kif nghixu u nahsbu. Li kellna nidhlu fl-Unjoni Ewropea , il-parlament taghna jkollu jqatta' l-ghexieren ta' snin li gejjin jipprova jlahhaq mad-diskussjonijiet u l-aggornament tal-ligijiet u r-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea flok ma jiddiskuti l-problemi u l-kwestjonijiet nazzjonali. Il-Pjan Nazzjonali ghall-Adozzjoni ta' l-Acquis (NPAA) ma jkoprihomx dawn il-perijodi u x'aktarx li xi hrafa akbar tkun trid tigi ivvintata.

Ir-Rapport Stenzel tat-18 ta' Settembru 2000 jishaq fuq il-pass imghaggel li bih seta' jsir il-process ta' l-iscreening kollu kemm hu - fis-sew ha 12-il xahar biss fl-1995 - kif ukoll fuq il-

pass imghaggel tat-trattattivi li ghaddejjin bhalissa. B'ironija kbira, dak li hemm komuni f'dawn ir-rapporti kollha hu l-fatt li l-ebda wiehed minnhom ma jghid li dak li l-Unjoni Ewropea hadet ghoxrin sena biex tibnih, issa l-pajjizi li jridu jidhlu fl-Unjoni Ewropea qed ikollhom jibnuh f'sentejn.

Tabilhaqq, il-Gvern Malti tal-lum huwa kburi bil-fatt li l-krucjata tal-privatizzazzjoni li saret matul it-12-il sena li ghaddew tat lill-Unjoni Ewropea x'tifhem li Malta tinsab fit-triq it-tajba ghal shubija shiha.

B'danakollu, il-klima industrijali tal-pajjiz baqghet ma nbidlitx billi la qed jinholqu opportunitajiet godda u lanqas ma tkattret il-kompetittivita'. Dan imur kontra l-kuncett li l-privatizzazzjoni u l-liberalizzazzjoni tal-kummerc fis-setturi kollha jwasslu ghal spinta fit-tkabbir ekonomiku u jrawmu opportunitajiet godda ghall-impjiegi.

Il-pass imghaggel li bih il-Gvern qieghed jghid "iva" biex jaqbel ma' l-Acquis ga qed jiswa ta' hsara lil Malta billi l-messagg li qed jitwassal lil Brussell huwa li l-ebda ghajnuna m'hi mehtiega biex jintlahqu l-htigiet ta' l-Acquis. In-negozjaturi tal-pajjizi ta' l-Ewropa centrali u tal-lvant hadmu aktar bil-ghaqal u rnexxielhom jiksbu l-fondi mehtiega ghall-hidma strategika taghhom ta' qabel is-shubija - jigifieri ghat-twettiq ta' ghadd ta' tibdiliet fl-ekonomiji taghhom. Huma ghandhom tliet Policies Finanzjarji minn xiex jigbdu ISPA, SAPARD u PHARE.

**Il-mezzi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea ta' qabel id-dhul.**

L-ISPA (Intrument for Structural Policies for Pre-accession) tigbor fiha l-provvediment ta' mezzi mmirati lejn l-allinjament tal-pajjizi applikanti mal-livelli infrastrutturali Komunitarji u l-provvediment ta' kontribuzzjoni finanzjarja ghat-twettiq ta' mizuri ambjentali u ta' mizuri fl-infrastruttura tat-trasport. Ghandha l-ghan specifiku li thaffef it-twettiq ta' l-Acquis Communautaire min-naha tal-pajjizi applikanti fil-qasam ta' l-ambjent u tghin fl-izvilupp sostenibbli ta' dawn il-pajjizi.

L-ISPA thaddan ukoll it-Transport Infrastructure Needs Assessment (TINA) biex thaffef il-process ta' l-ghazla tal-mizuri prijoritarji mahsuba ghall-izvilupp ta' network ta' trasport pan-Ewropew matul il-perijodu ta' qabel is-shubija.

Il-PHARE tiehu hsieb il-bini ta' istituzzjonijiet u investiment.

Is-SAPARD (Special Accession Programme for Agriculture and Rural Development) joffri ghajnuna ta' qabel is-shubija ghall-izvilupp tas-setturi rurali u agrikoli tas-CEEC u din l-ghajnuna bdiet mis-sena 2000. Dawn huma strumenti finanzjarji li huma disponibbli ghat-thaddim tal-programmi nazzjonali ghall-adozzjoni ta' l-Acquis Communautaire.

Dawn il-flus jigu allokati lill-pajjizi tas-CEEC skond kif ikunu l-akbar htigiet.

**L-ghodod finanzjarji ta'l-Unjoni Ewropea ta' qabel id-dhul li tista' thaddimhom Malta**

Malta ma tgawdix it-tlett mezzi separati ta' ghajnuna finanzjarja. L-ghajnuna ta' qabel is-shubija hija ta' 38 miljun EURo ghall-perijodu 2000-2004. Terga', skond ir-Rapport Stenzel tat-18 ta' Settembru 2000, Malta ma tikkwalifikax bhala wiehed mir-regjuni l-inqas vantaggjati (Artiklu 158 tat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea). Dan ifisser li kieku kellha tidhol fl-Unjoni Ewropea Malta taf ma tkunx tista' tikseb fondi taht oggettiv 1 jew 2 tal-Fondi Strutturali li jistghu jiksbu minnhom, nghidu ahna, Korsika u Sardinja (oggettiv 1) u ghadd ta' pajjizi ohrajn Ewropej (oggettiv 2).

Kulma jmur aktar qed jidher car li l-pjan nazzjonali mfassal ghall-adozzjoni ta' l-Acquis Communautaire ikollu jigi ffinanzjat bil-gbir tat-taxxi u mhux bil-ghajnuna ta' l-Unjoni Ewropea ghaliex dawn jibqghu ma jigux u s'issa ghadhom baxxi wisq biex ilahhqu ma' l-isfidi tas-shubija shiha. Mizuri horox ta' taxxi flimkien ma' izjed passi qawwija ghat-tnaqqis tad-deficit tal-Budget sa tlieta fil-mija sas-sena 2004 b'mizuri ta' privatizzazzjoni, kif rikjest mill-Acquis, zgur li mhux se jwasslu ghall-holqien ta' impjiegi sas-sena 2002.

Min-naha l-ohra, jekk l-investiment mehtieg fl-infrastruttura ma jsirx fil-klima ta' bhalissa minhabba fin-nuqqas ta' fondi, dan kollu jista' jwassal ghal "perijodi transizzjonali twal hafna" li jkun ifisser li jinholoq hafna saram fil-hidma biex invincu ma' forzi godda tas-suq u mal-kompetizzjoni industrijali.

Il-Gvern Malti tal-lum qieghed ihabbat wiccu ma' qaghda li tixbah lil dik ta' Catch 22!

**Il-laqgha gholja ta' Nizza**

L-Unjoni Ewropea fethet it-tahditiet fl-oqsma kollha ta' dawk li huma policies kontroversjali mal-bicca l-kbira tal-pajjizi applikanti izda ghadha ma dahlitx fit-talbiet ghal trattament specjali jew derogi. Ghad illi l-Kummissarju ghat-Tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea , GUnjoni Ewropea nter Verheugen, li s-soltu ma jhobb jintrabat fuq xejn, wieghed li l-kwestjoni titqanqal fir-rapport ta' kull sena ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-progress tal-pajjizi kandidati ghas-shubija f'Novembru 2000, qajla jista' wiehed jistenna lill-Unjoni Ewropea tintrabat fuq xi haga qabel il-laqgha gholja ta' Nizza f'Dicembru 2000. Hemmhekk se jkun diskuss trattat gdid biex l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea jitlestew ghal tkabbir iehor ta' l-Unjoni li se jkun fih ukoll regolamenti godda dwar il-votazzjoni.

Issa sar aktar u aktar car li Franza m'hix se thalli jsir tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea qabel ma l-Ewropa tibda thaddan sistema ta' bosta safef (multi-tiered system). Id-diskors tal-President Franciz, JacqUnjoni Ewropea s Chirac, f'Berlin fl-ewwel gimgha ta' Lulju 2000, ghamilha cara li l-konferenza kostituzzjonali ta' l-Unjoni Ewropea f'Nizza, imlaqqa' fuq kollox ghal ftit hwejjeg procedurali, ma kinitx bizzejjed. Huwa jrid lill-Gvernijiet ta' l-Unjoni Ewropea ihejju ruhom ghal riformi bil-wisq aktar profondi.

Il-proposta ta' Chirac li ssir konvenzjoni kbira mmexxija minn grupp zghir ta' ghorrief (wise men) biex tiehu hsieb kwestjonijiet bhar-rijorganizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tat-trattati ta' l-Unjoni, halli tinstab il-formula t-tajba ghall-qsim tal-poter bejn l-awtoritajiet Ewropej, nazjonali u lokali, u l-fruntieri geografici ahharin ta' l-Unjoni, ghandha ggieghel lill-pajjizi applikanti jahsbu u jahsbu sew.

Id-diskors tieghu f'Berlin kien twegiba lill-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin tal-Germanja, Herr Fischer, li ressaq proposta li l-Parlament ta' l-Unjoni Ewropea jkollu zewg kmamar, bi Gvern Ewropew, kostituzzjoni, u president imtella' direttament. Franza qatt ma tkun lesta titlef is-setgha li ghandha bhala wahda mill-membri-fundaturi ta' l-Unjoni Ewropea u tara lilha nnifisha u lill-Germanja bhala l-imsiehba ewlenin ta' grupp gdid ta' pijunieri li jkunu jmexxu l-Unjoni.

Chirac jaghti hjiel li pajjizi ohrajn ghandhom mnejn jinghaqdu ma' Franza u mal-Germanja f'dan il-grupp. Mill-gdid huwa interessanti ghal Malta li tinnota li l-unici zewg oqsma li Chirac semma li dawn il-pijunieri iridu jesploraw ghandhom x'jaqsmu mal-Politika tad-Difiza u ta' l-Ekonomija.

Xi analisti Ewropej jaqblu li Ewropa ta' "bosta sistemi", li fiha pajjizi differenti jahdmu id f'id f'oqsma differenti, tkun l-aktar soluzzjoni prattika ghal Unjoni Ewropea mkabbra. Fl-istess waqt whud minn dawn l-analisti jaqblu ma' integrazzjoni aktar profonda, ohrajn le. Ghandu mnejn Chirac ma pproponiex sewwasew Ewropa ta' "bosta sistemi" izda wahda ta' zewg

velocitajiet li fiha l-grupp tal-qalba gewwinija, jew il-grupp tal-pijunieri, ikun tabilhaqq il-faktotum u c-centru ta' kollox.

Bit-trattat attwali ta' Amsterdam ta' l-1997, kull pajjiz membru ta' l-Unjoni Ewropea jista' jhaddem il-veto kontra kull mossa mressqa minn grupp ta' pajjizi li jinghaqdu flimkien specifikament biex jimbottaw ghat-twettiq ta' xi progett specjali. Franza u l-Germanja t-tnejn iridu jiehdu vantagg mill-holqien ta' libertà gdida li fil-lingwagg ta' l-Unjoni Ewropea (EU-Speak) tissejjah "flessibbiltà" u li se ssib ruhha mdahhla fit-trattati ta' l-Unjoni fil-konferenza ta' Nizza. Din il-"flessibbiltà" thalli gruppi ta' pajjizi jimbarkaw fuq progetti u istituzzjonijiet godda irrispettivament jekk il-pajjizi mhollija barra minn dawn l-inizjattivi jkunux jaqblu jew le. Chirac qieghed jishaq ukoll li jekk din il-"flessibbiltà" ma tkunx bizzejjed, Franza u l-Germanja ghandhom jahdmu id f'id barra ghal kollox mill-istrutturi tat-trattati ta' l-Unjoni Ewropea .

Minn hawn tohrog il-mistoqsija dwar x'ghamla ta' lehen se jkollha Malta fl-Ewropa, dejjem jekk ikollha lehen.

**Min imur tajjeb mit-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea ?**

Ta' min wiehed jislet ukoll kliem ir-Rapport Glante kif mghoddi mill-Parlament Ewropew fil-11 ta' Settembru 2000 u li jittratta dwar x'ifisser it-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea ghall-industrija, ghall-kummerc barrani, ghar-ricerka u ghall-energija.

Ir-rapport jghid illi "t-tkabbir joffri l-opportunità li titjieb il-kompetittività u jikber il-gid ta' l-ekonomija Ewropea kollha billi jinghata bidu ghal riformi kbar fis-swieq, jigi modernizzat ir-rwol ta' l-Istat, jitwettqu r-regoli tal-Komunità minghajr derogi u billi jitjieb il-mekkanizmu legali kollu fil-qasam finanzjarju u dak ambjentali".

Ir-rapport jissokta jghid illi "s-setturi industrijali ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jiksbu l-gid mit-tkabbir ghaliex it-tkabbir ikun ifisser il-ftuh ta' swieq godda u jhajjar opportunitajiet godda ghan-negozju, ecc".

B'danakollu r-rapport jemmen illi "l-potenzjal ta' l-esportazzjoni" tal-pajjizi applikanti jizdied jekk jinzamm l-aggustament industrijali". Ir-rapport jaghraf illi l-Ftehimiet Ewropej bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjizi applikanti sahhew il-liberalizzazzjoni tal-kummerc bejn il-pajjizi applikanti u l-Unjoni Ewropea , ecc".

Fl-istess Rapport Glante, il-Parlament Ewropew ifakkar lill-Kummissjoni Ewropea li la ghadu sar l-ebda tgharbil kwantitattiv ta' l-impatt potenzjali tat-tkabbir fuq "il-holqien tal-kummerc" u "d-diversifikazzjoni tal-kummerc", u lanqas tgharbil tat-tibdiliet li jafu jsiru fl-investiment dirett minn terzi pajjizi fl-Istati Membri ta' bhalissa u l-pajjizi applikanti minhabba fit-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea .

Fid-dawl ta' dan ix-xenarju li issa nafu sew kif se jkun, l-ewwel mistoqsija mqanqla mill-General Workers' Union hija din

"Jekk kemm-il darba l-Acquis igieghel lill-Gvern jirristruttura l-industriji pubblici u privati fil-gejjieni qrib, x'inhuma t-thejjijiet li qeghdin isiru li fuq medda qasira jew medjana ta' zmien, jigifieri ta' bejn tlett snin u ghaxra, jizguraw li dan l-ezercizzju jirnexxi bla ma jintilfu impjiegi"

U t-tieni mistoqsija tal-General Workers' Union hija

"X'mezzi qieghed jadotta u jhaddem il-Gvern biex jghasses halli jara li dawn it-thejjijiet jirnexxilhom iroddu l-gid lil Gzirijietna u jwasslu ghall-holqien ta' l-impjiegi"

**Liema istituzzjonijietf'Malta se jkunu katalisti ghar-ristrutturazzjoni?**

* IPSE - L-Institute for the Promotion of Small Enterprise Ltd (IPSE) kien twaqqaf bil-ghan li jrawwem u jmexxi 'l quddiem it-tkabbir u t-tixtil ta' l-imprizi z-zghar (SMEs) fil-qasam tal-manifattura. L-IPSE vara xi programmi biex jghin lill-SMEs bhal, nghidu ahna, l-Enterprise Formation and Growth Programme ("Small is Beautiful") programmi ta' tahrig ghall-pjanifikazzjoni tan-negozju u oqsma marbutin mieghu u d-dhul bi strategija komprensiva tal-kuncett tal-Business Incubation bhala rifda ghal min irid jibda negozju gdid. L-NPAA jistqarr li ghamliet ohra ta' ghajnuna mfasslin mill-IPSE biex jghinu lill-SMEs jinkludu l-provvediment ta' taghrif dwar is-swieq, it-titjib fit-tmexxija (management), l-izvilupp tal-prodott, il-hila fil-produzzjoni u fit-tlestija tax-xoghol fiz-zmien rikjest, il-harsien ta' l-ambjent, it-trawwim ta' l-innovazzjoni, it-tishih tar-rizorsi umani, it-tfittxija ghal swieq barranin, u wkoll programmi ta' appogg finanzjarju kif ukoll generiku.

* METCO - Il-Malta Export Trade Corporation (METCO) toffri servizzi lill-industriji lokali tal-manifattura u s-servizzi fit-trawwim tal-kummerc internazzjonali u t-taghrif dwar il-kummerc. Tghin ukoll lill-imprizi jidhlu f'kuntatti kummercjali godda barra minn Malta u biex jidentifikaw l-possibbiltajiet ta' negozji bi shab mal-barranin.

Malta permezz tal-METCO tiehu sehem f'attivitajiet fil-qafas tas-Shubija Mediterranja u f'inizjattivi Komunitarji bhalma huma l-Euro-Info Correspondence Centre u l-BC-NET. Imprizi bil-bazi taghhom hawn Malta jippartecipaw ukoll f'hidmiet ta' koperazzjoni kummercjali bhall-INTERPRISE u l-Europartenariat. Din il-partecipazzjoni hija ikkordinata mill-METCo.

* MDC - Il-Malta Development Corporation (MDC) minn dejjem kienet tiehu hsieb l-amministrazzjoni ta' pakkett ta' incentivi mressqin lill-klijenti taghha, l-aktar b'rihet il-Ligi dwar l-Izvilupp Industrijali (Kap 325). Dan il-pakkett fih incentivi dwar it-taxxa, allowances ghall-investiment, self b'imghax baxx, ghotjiet ta' flus ghat-tahrig, facilitajiet specjali tal-kirjiet ta' fabbriki u art u incentivi ohrajn. Bhalissa l-MDC qieghda tirrevedi din l-iskema ta' ghajnuna bil-hsieb li taghmilha taqbel aktar mal-principji ta' l-Unjoni Ewropea .

* ETC - L-Employment and Training Corporation (ETC) twaqqfet ghaxar snin ilu u wiehed mill-ghanijiet ewlenin taghha huwa li tohloq korsijiet jew skemi ohrajn bl-iskop li tghin lin-nies isibu impjieg jew li ttejbilhom il-kwalità tal-hiliet taghhom kemm tal-mohh kemm ta' l-id. L-ETC issa qieghda thabbat wiccha mal-bicca xoghol iebsa hafna li tfassal Pjan Nazzjonali ta' Hidma ghall-Impjiegi li huwa mistenni jitlesta sar-raba' kwart tas-sena 2001. Dan il-pjan nazzjonali jkollu jhaddan il-European Employment Strategy il-gdida (l-hekk imsejjah Process ta' Lussemburgu) li jikkomprendi process wiesa' ta' konvergenza fl-impjiegi msejjes fuq erba' plieri li fosthom hemm l-intraprenditorija. Dan il-process jipprovdi kundizzjonijiet favorevoli ghat-twaqqif ta' negozji zghar billi, fost hwejjeg ohra, jinqeda b'servizzi ta' appogg ghall-intraprendituri u ghal min jithajjar isir bhalhom.

L-ETC hija wkoll responsabbli biex tassessja u tohrog l-NVQ li hija skema ta' kwalifikazzjoni li biha l-haddiema jkunu jistghu jiksbu kwalifika marbuta ma' l-esperjenza taghhom fix-xoghol - sistema li ga tithaddem f'kull pajjiz ta' l-Unjoni Ewropea .

**Madankollu m'huwiex car x'inhu xoghol is-Small Business Efficiency Unit li twaqqfet fi hdan il-Ministeru tas-Servizzi Ekonomici b'mandat li tindokra l-htigiet tan-negozji z-zghar u ta' dawk li jahdmu ghal rashom, u kif din l-istruttura ghandha tahdem flimkien ma' l-IPSE, mal-MDC, mal-METCo u l-bqija.

**L-Imprizi z-Zghar u Medji jdawru r-rota ta' l-ekonomija?**

Issa ilu zmien twil mhux hazin isir thaqqiq dwar x'jaghmel SME u ghadha ma ntlahqet l-ebda konkluzjoni sewwasew minhabba fil-bixra dejjem titbiddel ta' l-SMEs. Bosta jahsbu li din hija dilemma ghal hawn Malta minhabba fl-ghamla ta' l-industriji z-zghar taghna. Izda, fis-sew, il-mikro-ditti ta' l-Ewropa, jigifieri dawk li jhaddmu minn haddiem sa disgha, huma 40 fil-mija ta' l-imprizi fl-Unjoni Ewropea u jipprovdu kwart ta' l-impjiegi.

Il-Korporazzjoni Maltija ghall-Izvilupp (MDC) ghazlet definizzjoni ghall-imprizi z-zghar ghall-ghan kemm tal-Ligi dwar l-Izvilupp Industrijali (Kap 325) u kemm tal-Ligi dwar l-Intraprizi z-Zghar - Garanzija tas-Self (Kap 397). Id-definizzjoni ghandha x'taqsam mal-livelli ta' l-impjiegi, mat-totali tal-karti bilancjali u l-livell ta' kemm jidhlu flus (turnover). Gwida ohra ghad-definizzjoni ta' l-imprizi z-zghar giet adottata mill-IPSE ghall-Programm tat-Tiswir u t-Tkabbir ta' l-Intrapriza. F'dan il-kaz il-kumpaniji li jhaddmu 15-il haddiem jew inqas huma meqjusa li jikkwalifikaw.

Sa Dicembru 1999 kien hawn 23,600 impriza f'Malta, li minnhom 46 kumpanija biss ihaddmu aktar minn 200 ruh. Barra minn hekk, 94.7 fil-mija ta' l-istabbilimenti kollha tqiesu bhala mikro-imprizi, 4.3 fil-mija bhala imprizi zghar waqt li d-ditti meqjusin bhala ta' daqs medju telghu ghal 0.9 fil-mija.

F'dik li hija kategorija settorali, madwar 64 fil-mija, jigifieri l-bicca l-kbira tal-mikro-imprizi, jaqghu fis-settur tas-servizzi. Hemm bosta minn dawn fin-negozju bl-ingrossa u bl-imnut, fit-trasport, fis-servizzi tal-komunità u tan-negozju, fis-servizzi personali u fis-sotto-setturi tal-catering u tar-rikreazzjoni. Sehem il-mikro-imprizi fl-industrija tal-bini jitla' ghal 97.3 fil-mija b'51 ditta zghira, sebgha medji u wahda kbira.

Fis-settur tal-manifattura, il-mikro-ditti jitilghu ghal bejn wiehed u iehor 90 fil-mija. L-industrija tal-manifatura tikkonsisti minn 19-il ditta kbira, 78 ta' daqs medju u 319-il ditta zghira, waqt li 3,677 huma mikro-ditti. L-industrija tal-biedja u s-sajd hija maghmula, tista' tghid kollha, minn ditti zghar hafna.

Fl-Ewropa hemm gharfien kbir tas-sinifikat ta' l-Imprizi Zghar u Medji (SMEs) u tas-sehem generali li ghandhom fil-potenzjal tal-kompetittività, tat-tkabbir u ta' l-impjiegi fl-ekonomija Ewropea. Il-Kunsill Ewropew li ltaqa' dan l-ahhar f'Lisbona hajjar lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex idawru hidmiethom b'rizq il-mikro-negozji u n-negozji z-zghar.

Ftit wara l-Kunsill ta' Lisbona, il-Kummissjoni adottat il-komunikat "Challenges for Enterprise Policy in the Knowledge-Driven Economy" u proposta ghal Decizjoni tal-Kunsill dwar "Multiannual Programme for Enterprise and Entrepreneurship" ghas-snin 2001-2005. Il-komunikat jelenka l-isfidi li l-politika intraprenditorjali trid thabbat wiccha maghhom matul il-hames snin li gejjin. Min-naha l-ohra l-Maltiannual Programme se jipprovdi struttura ta' azzjonijiet b'appogg ghall-ghanijiet tal-komunikat.

Il-komunikat jaghraf il-htiega li ghandha l-politika intraprenditorjali li tiehu hsieb l-ambjent kummercjali kollu sabiex tghin lill-imprizi, ikun x'ikun id-daqs, is-sura legali, is-settur u l-post taghhom, biex jikbru u jitkattru b'mod li jkun jaqbel ma' l-ghan ahhari ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-izvilupp sostenibbli.

Wahda mill-konkluzjonijiet ewlenin ta' studju komparattiv dwar il-kundizzjonijiet tax-xoghol u ta' l-impjiegi fil-mikro-ditti Inglizi, Francizi, Griegi u Svedizi ghandha x'taqsam ma' l-gharfien car li jehtieg li ssir aktar ricerka dwar il-bixra ta' l-impjiegi u r-relazzjonijiet ta' l-impjiegi fil-mikro-ditti u fid-ditti z-zghar. Qed tissemma hafna l-htiega qawwija ghal policies u strategiji mfasslin tal-qies ghal dawn id-ditti. It-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xoghol fejn jidhlu l-aspetti tas-sahha u tas-sigurta' jew il-programmi tat-tahrig jehtieg ghamliet godda ta' appogg kemm privat kemm pubbliku, legislazzjoni gdida, u ftehimiet u incentivi godda.

L-gharfien Ewropew tas-sehem siewi ta' l-SMEs fl-ekonomija tas-suq hieles gieghel lill-Gvern Malti jintebah li jrid jimxi wara l-Ewropa u jaghraf is-siwi ta' l-SMEs hawn Malta wkoll. Nissiehbu jew le fl-Unjoni Ewropea , il-politika li taghti siwi lill-SMEs hija wahda kostruttiva.

Fl-NPAA hemm imnizzel illi "l-Imprizi Zghar u Medji (Small and Medium Sized Enterprises - SMEs) ghandhom qofol kbir fl-agenda tal-politika ekonomika tal-Gvern. Il-politika dwar l-SMEs hija mmirata l-aktar biex tizgura li l-SMEs jaghtu sehem siewi lill-izvilupp ekonomiku u socjali generali tal-Gzejjer Maltin. B'hekk, il-Gvern qieghed jimmira lejn settur ta' l-SMEs li jimxi 'l quddiem billi jkollu l-appogg ta' ambjent favorevoli ghan-negozju ta' l-SMEs".

Jissokta jghid illi "qeghdin isiru sforzi sabiex is-settur pubbliku jkun komprensiv u koperattiv ma' l-SMEs fil-htigiet specjali taghhom. Huwa meqjus bhala mehtieg li l-SMEs ikunu kompetittivi fuq livell internazzjonali waqt li, fl-istess hin, ikun zgurat li jahdmu f'kamp gust ma' l-operaturi l-ohrajn. B'hekk, sehem l-SMEs fit-tnissil tal-produzzjoni u l-holqien ta' l-impjiegi jitjieb u jitkattar".

Wiehed jehodha li d-dokument tal-politika li trid tfassal strategija ghat-tkattir u l-izvilupp ta' l-intrapriza, li qieghed jithejja bhalissa u ghadu ma xxandarx, qieghed jistenna biex l-ewwel issir il-publikazzjoni ta' l-Entrepreneurship Strategic Policy li ghandha tohrog il-Kummissjoni Ewropea. Izda minkejja kollox dan ghandu jkun jkun l-ewwel dokument ta' politika (policy document) li ghandu jixxandar mill-Gvern Malti biex bih titwitta t-triq ghal policies industrijali godda u ghal-Ligi dwar il-Promozzoni tan-Negozju (il-Business Promotion Act). Minn dan in-nuqqas jidher li l-Gvern Malti mhux qieghed jifhem is-sinifikat kollu ta' policy document ta' din ix-xorta.

**L-isfida ta' l-ambjent mehtieg ghar-ristrutturazzjoni.**

Huwa ta' min wiehed jinnota li fl-NPAA il-kelma "innovazzjoni" hija marbuta biss mat-taqsima fuq it-taghlim. Meta wiehed iqis li kull dokument Ewropew li johrog idahhal lill-SMEs fil-kuntest ta' l-innovazzjoni, il-fatt li dan ma jsirx hawnhekk iqanqal thassib. Fis-sew, il-kelma "innovazzjoni" fid-dokumenti u kitbiet ta' l-Unjoni Ewropea nsibuha bosta drabi sinonima mal-kelma "ristrutturazzjoni".

Fl-Unjoni Ewropea "l-innovazzjoni" hija meqjusa bhala l-muftieh ghall-kompetittività industrijali, ghat-tkabbir ekonomiku sostenibbli, ghall-izvilupp socjali u ghall-holqien ta' l-impjiegi. Biex ihaddmu dal-muftieh, lill-kumpaniji Ewropej jghidulhom li jridu jintegraw, jizviluppaw u jpoggu fis-suq teknologiji godda u jimmanigjaw il-bidla. Sabiex dan jaghmluh b'mod aktar effikaci, jiddependu mhux biss mill-izvilupp tal-hiliet taghhom infushom izda wkoll fuq ambjent li jkun favur it-tigdid, nghidu ahna, il-kundizzjonijiet legali u fiskali, u l-holqien u t-titjib ta' "kultura ta' innovazzjoni" f'sens generali. Illum qed jinghata gharfien lill-fatt li l-SMEs ghandhom rwol essenzjali x'jaqdu fin-nisga ekonomika ta' l-Ewropa u kontribut vitali x'jaghtu fil-qasam ta' l-impjiegi. L-izvilupp tal-hila ghall-innovazzjoni li ghandhom l-SMEs tradizzjonali u l-holqien ta' kumpaniji godda b'teknologiji ta' livell gholi huma l-qawwa li qieghda xxerred it-teknologiji l-godda u tqanqal il-hidmiet ekonomici l-godda.

Dan kollu jwassalna ghall-konkluzjoni li dawk li nehtiegu hawn Malta huma l-agenti tal-bidla li jwassluna ghat-tibdiliet mehtiega halli nkunu nistghu nibdew nahsbu b'mod li bih inwettqu l-"Kultura tal-Bidla".

**Uhud mill-passi mehuda mill-Unjoni Ewropea biex tidhol il-bidla.**

Wahda mill-attivitajiet ewlenin ta' l-Unjoni Ewropea li tat rizultati tajbin fit-trawwim ta' atmosfera xierqa ghar-ristrutturazzjoni u ghall-innovazzjoni hija dik tat-twaqqif ta' l-Innovation

Relay Centres (IRC). Din n-network (xibka ta' komunikazzjoni) ta' IRCs thaddan madwar 70 konsorzju li jipprovdu appogg espert ghat-trasferiment transnazzjonali tat-teknologija lill-SMEs fi 30 pajjiz Ewropew. Kuntatti mill-qrib permezz ta' mezzi teknologici sofistikati fi hdan din in-network jipprovdu lill-IRCs l-ghodda mehtiega biex ikunu jistghu jirrangaw dawn ix-xorta ta' trasferimenti. L-IRCs jaghtu lill-imprendituri punt wahdieni ta' access ghal assortiment shih ta' kull appogg espert li jkunu jehtiegu - u dan jaghmluh billi jipprovdulhom is-servizzi mehtiega direttament permezz ta' l-istess network jew billi jidderiguhom lejn sorsi ohra regjonali jew Ewropej.

Is-servizz moghti min-network huwa mmirat l-aktar lejn il-kumpaniji - u specjalment l-SMEs. L-IRCs jghinu lill-kumpaniji biex isiru jafu x'inhuma sew il-htigiet teknologici taghhom, biex isibu t-teknologiji li jistghu jlahhqu ma' dal-htigiet, u biex jinnegozjaw il-kisba taghhom minghand dawk li ghandhom il-licenzja biex jipprovduhomlhom. Jghinu wkoll lill-industrija lokali ssib liema huma t-teknologiji addattati ghat-trasferiment lejn regjuni jew setturi ohrajn.

Din in-network ta' Relay Centres hija mifruxa fl-Unjoni Ewropea kollha u wkoll fl-Islanda, fin-Norvegja, fl-Isvizzera u f'Israel. B'arragamenti bejn naha u ohra, is-servizzi tan-network jaslu sa xi pajjizi ta' l-Ewropa centrali u tal-lvant.

Kull IRC iservi bhala t-tieqa tar-regjun tieghu fuq l-innovazzjoni Ewropea u jghin lill-kumpaniji u lill-organizzazzjonijiet tar-ricerka fit-trasferiment tat-teknologiji mal-bqija ta' l-Ewropa. Xoghol l-IRC huwa li jxerred il-prattika t-tajba fost il-pajjizi billi jaghmel it-trasferiment ta' ezempji ta' progetti li rnexxew u li fihom kienu mdahhlin istituzzjonijiet tat-taghlim, policy-makers pubblici, ricerkaturi, u l-industrija.

Hemm ukoll networks tas-sistema National Contact Point (NCP) ghal kull wiehed mis-seba' programmi mqassmin taht il-Fifth Framework Programme (FP5). Dawn in-networks jitmexxew mill-Istati Membri u xi whud minnhom ghandhom x'jaqsmu ma' aktar minn programm wiehed. Kull wiehed jaghti taghrif, pariri u ghajnuna esperta lill-kumpaniji ghat-thejjija li jkunu qeghdin jaghmlu ghall-proposti Ewropej tar-ricerka.

Zewgt networks ta' l-NCP jaghtu appogg lill-Programm dwar l-Innovazzjoni u l-SMEs:
* Xoghol l-SME National Contact Points huwa li jghinu lill-SMEs japplikaw ghal mizuri mahluqin ghalihom minn programmi ta' ricerka, ikunu liema jkunu, billi jghaddu mis-Single Entry Point fi Brussell.

* L-Innovation National Contact Points jghinu lill-organizzazzjonijiet kollha, sew kbar sew zghar, biex japplikaw ghal progetti ta' innovazzjoni u ghal prodotti ohrajn tat-taqsima ta' l-innovazzjoni tal-Programm dwar l-Innovazzjoni u l-SMEs.

In-network ta' l-Innovating Regions in Europe (IRE), li qabel kien jisimha RIS/RITTS (Regional Innovation and Technology Transfer Strategies), tghin lill-amministrazzjonijiet regjunali fl-izvilupp u l-assessjar tas-sistemi u l-programmi taghhom ta' innovazzjoni. L-assessjar isir fuq materji ta' tmexxija (management), finanzjament, tahrig, organizzazzjoni u teknologija, u jservi bhala sisien ghall-irfinar tal-policy u l-infrastrutturi regjunali ta' l-innovazzjoni, specjalment fejn ghandu x'jaqsam ma' l-SMEs.

Flimkien mal-hidmiet tan-networks imsemmija hawn fuq, il-Programm dwar l-Innovazzjoni u l-SMEs nieda sejha specifika ghall-promozzjoni ta' strategiji regjunali ta' innovazzjoni fil-pajjizi li jkunu qeghdin jinnegozjaw id-dhul taghhom fl-Unjoni Ewropea.

Sistema ohra, li ghandha l-bazi taghha fil-Lussemburgu, jisimha Linking Innovation to Finance and Technology (LIFT). Xoghol il-LIFT huwa li tghin kull ghamla ta' intrapriza billi ssibilha l-flus ghall-inizjattivi taghha. Hija ssejjes hidmietha fuq ghajnuna diretta billi taghti pariri esperti ghar-revizjoni ta' business plans u torganizza seminars dwar kif jitfassal Pjan ta' l-Implimentazzjoni tat-Teknologija. Is-seminars ikunu dwar Ghaliex nehtiegu Business Plan

Meta jkun il-waqt u z-zmien tal-htiega tieghu Min se jkun mehtieg jaghti s-sehem tieghu X'nehtiegu biex infasslu l-Business Plan. Seminars ohrajn ikollhom x'jaqsmu mas-Suq u l-Qaghda Kummercjali tieghu, l-Istrategija tal-Marketing, u l-bqija.

**Uhud mill-passi mehuda mill-agenti lokali tal-bidla.**

Il-Gvern Malti huwa mwebbel li bhalissa qed jittiehdu l-ahjar azzjonijiet permezz ta' l-agenti tieghu mahturin hawn Malta sabiex jippromwovu r-ristrutturazzjoni u b'hekk titjieb u tissahhah il-kompetittività ta' l-industrija lokali.

L-Institute for the Promotion of Sammal Enterprise (IPSE) nieda l-programmi bazici tieghu ghall-ghajnuna matul Lulju 1999. L-NPAA ukoll jistqarr li l-IPSE dan l-ahhar dahhal programm gdid li jipprovdi ghajnuna izjed effikaci ghal dawk il-kumpaniji li jkunu meqjusa eligibbli ghal din l-ghajnuna u li jkunu "xewqanin li jaghtu bidu ghar-ristrutturazzjoni", u jissokta jghid li dan ghandu jsir "bil-hsieb li jittaffa l-impatt tat-tnehhija immedjata tal-levies". Jekk dan kollu jaghti 'l wiehed x'jifhem li ghad hemm kumpaniji li ma jixtiqux jirristrutturaw, ifisser li hemm kumpaniji li ghadhom ma ntebhux bis-siwi li jirristrutturaw kemm jista' jkun malajr, meta wiehed iqis li l-levies iridu jitnehhew fi zmien sentejn.

Huwa maghruf ukoll li l-ezercizzju ta' l-IPSE li taghti "ghajnuna finanzjarja" lil min iressaq business plan ghal kumpanija eligibbli falla ghal kollox. Ta' l-IPSE taw 'il dak li jkun x'jifhem li hadd mill-SMEs ma jaf ifassal business plan! Jekk dan huwa minnu, wiehed kien jehodha li kien ikun f'loku li jigu organizzati kampanja qawwija ta' informazzjoni u sensiela ta' konferenzi jew seminars biex jghallmu lill-SMEs kif ifasslu business plan halli jsewwu l-qaghda. Il-LIFT tal-Lussemburgu torganizza konferenzi regolarment dwar kif jitfassal business plan tajjeb ghall-SMEs u ghall-kumpaniji l-kbar ukoll. Tal-LIFT ma jitilqux mill-premessa li jekk l-SMEs ma jifhmux mill-ewwel dan ikun ghax m'ghandhomx hila jifhmu, izda ghax il-messagg ma twasslilhomx sew.

F'Marzu 2000 tnedew inizjattivi ohrajn immirati biex jippromwovu s-sistema tan-networking, l-ghoti ta' xoghol bis-sotto-kuntratti, u l-holqien ta' alleanzi strategici fin-negozju. Ghadu kmieni wisq biex insiru nafu kemm qeghdin jirnexxu dawn il-programmi. L-NPAA jistqarr li "fis-snin li gejjin, se jittiehdu wkoll ghadd ta' mizuri biex jittejbu l-kundizzjonijiet ghall-holqien u l-izvilupp ta' intraprizi, b'attenzjoni specjali fuq dawk ta' daqs zghir u ta' daqs medju." Ghaliex fis-snin li gejjin Ghaliex mhux issa Huwa fatt maghruf sew li l-SMEs m'humiex jinghataw l-ghajnuna li misshom qeghdin jinghataw biex jirnexxu. L-NPAA jistqarr li l-SMEs iridu jhabbtu wicchom ma' "bosta xkiel fil-kisba ta' finanzjament u li qajla hemm finanzi ghall-SMEs Maltin u din hija haga li qieghda tillimita l-ftuh ta' negozji zghar, iddghajjef il-hila ta' l-imprizi li bhalissa m'humiex kompetittivi biex jirristrutturaw, u tnaqqas it-tkabbir ta' teknologija addattata u l-innovazzjoni fil-kumpaniji zghar".

Il-Ligi dwar l-Intraprizi z-Zghar - Garanzija tas-Self (Kap 397), mghoddija mill-Parlament fl-1997, kienet immirata biex thajjar it-twaqqif ta' imprizi zghar godda u t-tkabbir ta' dawk li ga hemm bil-provvediment ta' garanziji ta' self mill-MDC. L-imprizi z-zghar "huma mghejjunin b'dawn il-garanziji ta' self b'imghax baxx f'kazijiet fejn il-finanzjament konvenzjonali ma jistax jinstab minhabba f'nuqqas ta' sigurtà xierqa. Kull self b'ghajnuna huwa marbut bil-limitu ta' Lm21,000, bil-garanzija tal-Korporazzjoni ghal ammont li jitla' sa 60 fil-mija tal-bilanc tas-self dovut, jew 70 fil-mija fil-kazijiet meta s-self mghejjun jinghata lil impriza zghira li tkun ilha mwaqqfa ghall-inqas tlett snin".

Qatt sar kejl sew tas-success jew falliment ta' din il-garanzija tas-self Qatt inholqot cart ghall-kejl tat-tendenzi biex tistharreg kif u fejn sejra din il-garanzija X'inhuma t-taghlimiet li ttiehdu minn din l-iskema

Qieghda titwaqqaf Skema ta' Garanzija ghas-Self biex titmexxa mill-IPSE halli ttejjeb l-access ta' l-SMEs ghall-finanzjament. Barra minn hekk, qed jitwaqqaf fond specjali li bih l-IPSE tkun tista' tohrog garanziji lill-istituzzjonijiet finanzjarji ghal progetti approvati taht id-diversi programmi ta' ghajnuna offruti mill-IPSE. Sar dokument ta' strategija, tfassal pjan ta' twettiq li bih l-IPSE tinghata hjiel ta' liema setturi u x'ghamla ta' SMEs trid tiehu hsieb u kif tkun tista' tghinhom l-ahjar

"L-IPSE qieghda wkoll tqabbad lil min jaghmlilha rappori settorjali halli jghinuha tistabbilixxi l-impatt kemm tat-tnehhija tal-levies kemm tat-thaddin ta' l-Acquis fuq l-operat ta' l-intraprizi lokali tal-manifattura". Fis-sew, l-IPSE adottat lista twila ta' termini ta' riferenza li qieghda tintuza ghal kull settur ikun liema jkun.

Ir-Rapport dwar l-Industrija Maltija ta' l-Ghamara huwa wiehed minn dawn ir-rapporti settorjali ikkummissjonati mill-IPSE. Ir-rapport juri li din l-industrija tinsab f'qaghda mwieghra u m'hi bl-ebda mod imhejjija ghat-tnehhija tal-levies. Lanqas m'hi se tkun tista' ddahhal l-ebda wahda mill-bidliet mehtiega ghall-innovazzjoni fis-sentejn li gejjin. Ir-rapport ma jghidx li hafna minn dawk li jahdmu fl-industrija ta' l-ghamara se jsibu ruhhom bla xoghol jekk il-levies jitnehhew fil-gejjieni qrib. Ir-rapport lanqas ma jghid kif l-industrija tista' tirristruttura ruhha fuq medda qasira jew twila ta' zmien, imqar kieku jaghtuha l-alternattiva li l-levies ma jitnehhewx fil-gejjieni qrib.

B'ironija, wahda mill-ghazliet imsemmija mir-rapport hija "li (l-produtturi) iwaqqfu l-manifattura u jikkoncentraw fuq il-prodotti importati". Ir-rapport ma jghidx x'isir mill-haddiema li kellu l-produttur jaqtaghha li jiehu din l-ghazla jew li kellhom il-produtturi kollha jaghmlu l-istess ghazla.

Ir-rapport jghid ukoll li din l-industrija ghandha rekord fqir ta' esportazzjoni. Din haga evidenti la darba s-swieq li l-industrija lokali ta' l-ghamara tahdem fihom huma dawk tal-Balkani u tal-Libja. Dawn huma pajjizi li m'humiex koperti mill-Export Credit Guarantee Scheme, u ghalhekk din l-iskema tal-Malta Export Credit Insurance Company (MECI), imwaqqfa fl-1990, ma tiswa ghalxejn.

L-MECI kienet twaqqfet biex tipprovdi assigurazzjoni ghall-kredtu ghall-esportazzjoni kif ukoll appogg lill-esportaturi Maltin fl-industrija tal-manifattura, l-ewwelnett biex taghtihom harsien u lqugh mis-sogru li ma jiehdux il-hlas li jkun haqqhom. L-ghan ahhari taghha suppost li huwa li l-esportaturi Maltin jiksbu ghajnuna biex isibu diversi swieq barra minn Malta u jsahhu l-qaghda taghhom fejn digà ghandhom. Din hija struttura ta' appogg li l-industrija ta' l-ghamara ma setghetx tiehu gid minnha tul l-ghaxar snin li ghaddew.

Ir-rapport isemmi wkoll il-fatt li l-industrija ta' l-ghamara ma tuzax daqskemm imissha s-servizzi tal-METCo u jissokta billi jistqarr li m'hijiex il-htija tal-METCo ghaliex il-METCo toffri servizz mill-aqwa lill-industrija ta' l-ghamara.

Il-General Workers' Union ghandha kull interess tkun taf x'se jigri issa li l-IPSE hallset Lm25,000 lil min ghamel ir-rapport mill-flus ta' dawk li jhallsu t-taxxi. (Ghal dawn l-istudji settorjali dwar l-impatt ma kienx hemm fondi ta' l-Unjoni Ewropea fuq livell nazzjonali).

L-IPSE ghandha esperti mharrgin biex iqisu dan ir-rapport Se torganizza seminar ghall-industrija kollha ta' l-ghamara u tiddiskuti s-sejbiet ta' dan ir-rapport Se tfittex li thajjar lill-industrija ta' l-ghamara torganizza ruhha f'koperattiva

X'inhi taghmel l-IPSE bir-rapporti kollha dwar l-impatt Qieghda tiddiskuti s-sejbiet taghhom mas-shab socjali Qieghda tfassal dokumenti ta' politika li jghinuha thejji pjani strategici u linji ta' gwida ghat-twettiq taghhom

U fejn ghandha x'taqsam il-METCO, x'passi behsiebha tiehu biex tinfetah aktar ghall-industrija ta' l-ghamara fil-gejjieni qrib

Behsiebhom jixxandru dawn il-mizuri u linji ta' gwida sabiex l-industrija ta' l-ghamara ssir temmen li dawn l-istudji saru ghaliex hemm impenn veru min-naha ta' "l-agenti lokali tal-bidla" u, m'ghandniex xi nghidu, jiggustifikaw il-flus migburin minghand min ihallas it-taxxa

Dawn il-problemi misjubin f'dawn ir-rapporti settorjali ta' analizi se jizdiedu mal-White Paper "Prosperity in Change Challenges and opportunities for Industry" Dan id-dokument li xxandar f'Dicembru 1999 huwa msejjes fuq Artiklu 157 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea . Il-politika industrijali Maltija se tkun imsejsa biss fuq il-principji tal-politika industrijali Komunitarja u mhux fuq ir-realta' lokali Jaqaw il-Gvern qieghed jistenna li tohrog il-politika industrijali Komunitarja Ewropea qabel johrog ukoll il-pakkett il-gdid ta' incentivi industrijali li missu ga hareg din is-sena

Jekk tassew isegwi l-politika intraprenditorjali l-gdida ta' l-Unjoni Ewropea immirata lejn l-2005, il-Ligi dwar il-Promozzjoni tan-Negozju (Business Promotion Act) ghandha tiehu bixra differenti u ghandha tinkludi incentivi biex tinghata spinta lir-rati inizjali, l-aktar fejn jidhlu n-nisa, iz-zghazagh u dawk li huma bla xoghol, u joholqu opportunitajiet ghal ditti godda halli jibqghu fil-wicc u jikbru permezz ta' mizuri specifici.

Jekk se nseGeneral Workers' Union l-Unjoni Ewropea f'kollox, ikun minnufih ta' siwi ghall-ekonomija Maltija jekk il-Gvern johloq dokument ta' politika ta' innovazzjoni li tkun tiswa bhala gwida ghal kulhadd u jhaddan ukoll politika ta' R & D (Research and Development - Ricerka u Zvilupp) li biha tiehu r-ruh klima ta' innovazzjoni.

Dan id-dokument ta' innovazzjoni ghandu jkun fih ukoll it-twaqqif ta' Innovation Relay Centre fi hdan l-IPSE halli jghin lill-industrija lokali ssir midhla tat-teknologiji Ewropej ta' l-innovazzjoni u jkun jista' juri ezempji ta' "prattika tajba" min-naha ta' SMEs li rnexxew. Ghandu jhaddan ukoll ir-rwol, ir-responsabbiltajiet u l-professjonalizmu mehtieg tan-National Contact Points.

Jekk Malta se tiehu sehem fil-Fifth Framework Programme (u Malta m'ghandhiex ghalfejn tkun imsiehba fl-Unjoni Ewropea biex tkun assocjata mal-programmi tal-Framework jew ma' Leonardo jew Socrates is-sehem ta' pajjizi ohrajn bhall-Israel u l-Afrika t'Isfel jistghu jiswew ta' ezempju), l-NCPs irid ikollhom l-esperjenza fil-qasam li jkunu qeghdin irawmu. Dan jghodd aktar u aktar ghall-NCP inkarigata mill-SMEs, billi dan m'huwiex xi status role imma rwol ta' qofol fil-Horizontal "Innovations and SME" Programme.

Wiehed irid jifhem li xoghol l-NCPs huwa li jaghtu parir, jghinu u jharrgu proponenti potenzjali ta' l-SMEs ghall-FP5 fl-oqsma rispettivi tal-kompetenza. Ghandhom ukoll dmirijiet li jaghtu taghrif, iqanqlu gharfien tas-sitwazzjoni u juru lil min jitlobhom fejn jehtieglu jmur (l-Innovation Relay Centres ghandhom dan ir-rwol ukoll). Il-lista aggornata tan-National Focal Points tat-28 ta' Awissu 2000 ghall-SMEs ma taghmel l-ebda riferenza ghal Malta.

Hemm diversi programmi specifici li jistghu jidhlu fihom l-SMEs. Id-dokumenti u l-pubblikazzjonijiet tal-programm huma gwida siewja dwar x'inhi l-filosofija globali dwar l-SMEs. Il-programmi ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-SMEs huma msejsin fuq strategiji li rnexxew fl-Istati Uniti u fil-Gappun u fihom mhux policy wahda jew tnejn "misselfin" minn studji maghmulin mill-organisation for Economic Co-operation and Development (OECD). Hemm ukoll ezempji li rnexxew li jistghu jkollhom paralleli hawn Malta.

**Il-Pjan Nazzjonali tal-General Workers' Union ghar-ristrutturazzjoni u l-innovazzjoni**

Minn dak li nghad hawn fuq johrog ghalhekk car lill-General Workers' Union li l-kwestjoni m'hijiex biss dwar jekk ikunx ta' vantagg ghal Malta jekk tissieheb fl-Unjoni Ewropea bhala membru jew le, imma jekk il-Gvern Malti hux immexi l-kwestjoni sew.

M'hemmx dubju li hafna mill-politika ekonomika, industrijali u edukattiva ta' l-Unjoni Ewropea hija siewja u msejsa fuq l-esperjenza ta' bosta snin u l-adozzjoni ta' din il-politika tista' tiswa ta' gid ghal Malta. Qieghed johrog car hafna, izda, li ghall-Gvern Malti d-dhul fl-Unjoni Ewropea ifisser li jkunu adottati l-ligijiet kollha ta' l-Unjoni Ewropea minkejja x'jiswew tabilhaqq lil Malta u, fuq kollox, bla ma jifhem dawn il-ligijiet x'ikunu jfissru tabilhaqq ghall-industriji Maltin u ghac-cittadin Malti.

X'jiswa li jkun hemm il-jeddijiet tal-konsumatur u s-sahha u s-sigurtà fil-post tax-xoghol jekk imbaghad wiehed ma jkollux xoghol Bhalissa fl-industrija ta' l-ghamara hemm 3,845 haddiem jaqilghu l-ghajxien taghhom u ta' familthom.

L-NPAA juri wkoll nuqqas ta' gharfien ta' dak li hu mehtieg ghat-twettiq ta' dawn il-ligijiet. Kif digà ntwera hawn fuq, l-awtoritajiet imwaqqfin dan l-ahhar jehtiegu nies jahdmu fihom li jkunu mharrgin u mgharrfin u li jkunu jistghu jfiehmu lill-pubbliku kif dawn il-bidliet se jolqtu l-hajja ta' kull cittadin. Izda biex wiehed jgharraf lill-pubbliku, irid ikun mgharraf hu nnifsu.

Fl-ahharnett saret haga cara ghall-General Workers' Union li ma jistax jinghata bidu lil kampanja ta' ristrutturazzjoni minghajr Strategija Nazzjonali u Pjan Nazzjonali ta' Implimentazzjoni kif inhu xieraq. L-NPAA huwa mmirat lejn it-thaddim tal-ligijiet u r-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea per se bla ma jqis jghoddux ghal Malta jew le. L-NPAA lanqas ma jista' jitqies bhala dokument li jista' jiehu post dokument nazzjonali ghar-ristrutturazzjoni industrijali. Il-General Workers' Union temmen li dan li gej huwa mehtieg biex isehh l-ezercizzju tar-ristrutturazzjoni

* l-identifikazzjoni u t-trattament tal-htigijiet ta' investiment fil-firxa kollha ta' l-ekonomija
* is-sejbien ta' sorsi ta' finanzjament ghall-infrastruttura, ghas-settur tal-manifattura u setturi ohrajn
* struttura regolatorja li tkun thaddan il-politika kummercjali
* it-twaqqif ta' strutturi finanzjarji effikaci sabiex tkun tista' ssehh ir-ristrutturazzjoni
* politika u pjan li jidderiegu lill-ekonomija lejn l-izvilupp ta' servizzi tas-suq
* politika ghat-tqassim gust tar-rizorsi
* percentwali tajba tal-budget nazzjonali ghal programm ta' tahrig u tahrig mill-gdid (training u retraining)
* pjan ghal kull settur li jkun ihaddan it-teknika ta' l-R & D u ta' l-innovazzjoni
* pjan ghall-holqien ta' "kultura ta' kompetittività u innovazzjoni" fil-veru sens tal-kelma f'kull settur
* pjan tat-tkejjil tal-progress li jkun japplika ghal kull qasam u li jkun jghasses l-istess progress.

In-nuqqas ta' dan il-Pjan Nazzjonali kif spjegat hawn fuq juri nuqqas ta' leadership - u dan in-nuqqas ma jawgurax tajjeb ghas-safef t'isfel tal-haddiema li m'humiex imhejjija ghat-tibdil.

**L-atmosfera ekonomika vera ta' bhalissa**

Hemm gharfien shih li ghandna nuqqas ta' djalogu bejn il-Gvern prezenti u l-industriji lokali la darba l-Gvern qieghed iwiegeb ghall-Acquis minghajr ma jikkonsulta ma' l-industriji rilevanti. Il-kitba ta' l-istudji dwar l-impatti bla ma jitwettqu r-rakkomandazzjonijiet taghhom tkompli tgharraq kollox.

L-atmosfera ta' nuqqas ta' certezza li qieghda tahkem bhalissa tnaqqas il-hajra ta' l-industriji li jidhlu ghas-sogru tar-ristrutturazzjoni flok jghinhom jiksbu r-rizultati mixtieqa. Din l-incertezza qieghda twassal biex il-qaghda ta' l-impjiegi f'Malta ssir dejjem aktar imwieghra.

Fuq kollox, ir-ristrutturazzjoni hija mistennija ssehh f'ekonomija fejn:
* In-nefqa fl-importazzjoni bhalissa hija hafna oghla mid-dhul mill-esportazzjoni.

* Ma sar l-ebda tentattiv serju u meqjus biex jigu zviluppati swieq godda fil-Mediterran ta' madwarna halli l-investituri barranin jingibdu lejn Malta.
* Ma tressaq l-ebda mudell socjali vijabbli biex jigbed l-investiment barrani.
* L-Universita' ma toffri l-ebda hila specjalizzata fil-manifattura li taf tigbed swieq apposta ghall-manifattura. M'hijiex iffokata fuq l-izvilupp ta' programmi tat-taghlim u r-ricerka halli jigu zviluppati centri ta' eccellenza f'dan il-qasam. Dan l-ahhar, minhabba n-nuqqas ta' applikazzjoni xierqa, tilfet il-fondi ta' l-Unjoni Ewropea li bihom setghet tistabbilixxi ruhha bhala centru ta' eccellenza.
* M'huwiex car f'ghajnejn bosta negozjanti Maltin x'jigifieri tidhol fl-Unjoni Ewropea . Ir-ricerka tas-swieq jehtigilha tkun immirata biex taghraf jekk prodott jilhaqx il-livell tal-kwalità mehtieg mill-Unjoni Ewropea u jekk jistax jinbiegh bi prezzijiet kompetittivi, u l-bqija.
* Mhi titwaqqaf l-ebda intrapriza gdida, kif ga muri mir-Rapport Finali ta' Ramboll ta' Gunju 1966. Ir-rapport jghid illi "l-bixra intraprenditorjali tradizzjonali tal-Maltin qed titnawwar bic-certezza ta' impjieg komdu mahluqa minn qaghda iebsa fil-qasam tax-xoghol". Dik il-habta, izda, kien hemm certi mizuri tal-Gvern, fosthom il-VAT u ohrajn, li ma kinux joholqu "atmosfera komda ta' liberalizzazzjoni" li thajjar lill-intraprendituri jwaqqfu industriji godda.
* L-istabbiltà ekonomika tressaq quddiem l-investituri barranin sogru mnaqqas ghall-investiment biex jigu hawn Malta. L-investituri qabel jintrabtu l-ewwel jaraw jekk l-esperiment tar-ristrutturazzjoni hux se jirnexxi. Il-ftuh ta' l-ezercizzju tar-ristrutturazzjoni wkoll jgholli l-prezz tal-produzzjoni in generali fuq medda qasira ta' zmien u ghalhekk l-attrattiva tal-bidu ghal dawn l-investituri taf tintilef.
* Ghad m'hemmx incentivi biex jizdiedu n-nisa fost il-haddiema.
* Ghadu mhux maghruf kif l-investituri se jaraw lil Malta bhala membru fl-Unjoni Ewropea . Il-progetti ta' investiment industrijali barrani dirett li bhalissa joperaw hawn Malta gejjin l-aktar mill-Germanja, mill-Italja u mill-Ingilterra. Il-bicca l-kbira minnhom gejjin minn qabel l-1987 minn dak inhar 'l hawn l-ghadd ta' progetti mill-Ingilterra naqas bil-kbir.
* L-incentivi ta' l-ghoti ta' fabbriki u art b'kera baxx ghandhom mnejn m'ghadhomx bizzejjed. L-investituri barranin kienu jithajru mill-htiega li jnaqqsu n-nefqa tal-produzzjoni, u ghadd gmielu minnhom kienu influwenzati mill-fatturi tat-tariffi, jigifieri t-tariffi preferenzjali li jhallsu (jew ma jhallsu xejn) fuq prodotti dehlin f'pajjizi ta' l-Unjoni Ewropea minn Malta meta mqabblin ma' mkejjen ohrajn mhux ta' l-Unjoni Ewropea .
* L-isptar il-gdid se jgib pizijiet finanzjarji godda fuq il-pajjiz.
* L-ebda pjan alternattiv ma sar biex ma jhallix lis-setturi tat-tessuti, tal-hwejjeg u taz-zraben imorru lura meta sabu ruhhom wicc imbwicc mal-kompetizzjoni mill-Ewropa tal-Lvant, mill-Afrika ta' Fuq u mill-Asja tax-Xlokk.
* Iz-zjieda fl-impjiegi fis-setturi tal-metall, ta' l-elettriku u ta' l-elettronika issa tinsab imhedda.

It-theddida gejja mill-bidla fl-istrutturi tat-tariffi mahsuba biex iggib lil Malta allineata ma' l-Unjoni Ewropea . Xi kumpaniji jgawdu l-beneficcju li jistghu jdahhlu f'Malta materjal u komponenti bla ma jhallsu dazju u mbaghad jesportawhom lejn il-pajjizi ta' l-Unjoni Ewropea bla ma jhallsu dazju. Biex Malta tkun allineata ma' l-Unjoni Ewropea fit-tariffi, xi kumpaniji, nghidu ahna mis-settur ta' l-elettronika, jafu jkollhom ihabbtu wicchom mal-prospett li jhallsu tariffi godda ghal materjal u komponenti importati minn pajjizi barra mill-Unjoni Ewropea . Dan ikollu impatt fuq il-qligh u x'aktarx fuq it-tkomplija ta' l-operat ta' dawn il-kumpaniji. Minkejja dan kollu, ir-Rapport Stenzel ta' Settembru 2000 jqis "li Malta ghandha ekonomija tas-suq li tahdem u ghandha tkun f'qaghda li tiflah ghall-pressjoni kompetittiva u ghall-forzi tas-suq fi hdan l-Unjoni sakemm thaddem il-mizuri x-xierqa, l-akar billi tissokta bir-ristrutturazzjoni industrijali".

**KAPITLU 2**

## Xi tfisser ir-ristrutturazzjoni?

IL-FRAZI "intejbu l-kompetittività" hija frazi li fil-widna tinstema' bhala wahda li tkopri kollox u li tista' tfisser hafna u tista' ma tfisser xejn. Fis-sens veru taghha hija assocjata ma' policies specifici li jhaffu l-aggustament mal-bidla strutturali u jinkuraggixxu l-izvilupp ta' inizjattivi godda. Hija relatata wkoll ma' strumenti li jiddefinixxu l-operat tas-swieq (jigifieri specifikazzjoni tal-prodotti, access ghas-swieq, kompetizzjoni u finanzjament). U hija marbuta ma' mizuri li s-soltu jkunu kumplimentari ghal policies industrijali bhal, nghidu ahna, ambjent

makro-ekonomiku stabbli, tahrig, teknologija, ecc." - *(Silta mir-Rapport Glante ta' Settembru 2000).*

Sal-lum hawn Malta hadd ghadu ma ta definizzjoni ta' x'inhi sewwasew ir-ristrutturazzjoni. L-aspetti kollha ta' hawn fuq, li Glante jsemmihom fir-rapport tieghu, jigifieri li joholqu ambjent fiskali u amministrattiv favorevoli, huma lkoll pozittivament (jew negattivament) marbutin mill-qrib ma' zewg preokkupazzjonijiet li huma ta' thassib komuni ghall-pajjizi applikanti kollha u ghall-Unjoni Ewropea . L-ewwel preokkupazzjoni hija dik dwar "kif ghandha tizdied il-kompetittività ta' l-oqsma industrijali tal-pajjizi applikanti" u t-tieni, "kif jistghu l-ligijiet taghhom jigu allineati ma' l-Acquis Communautaire"

Hija tabilhaqq hasra li hawn Malta r-ristrutturazzjoni issa ntrabtet mal-htiega ta' addattament ma' l-Acquis. Wiehed kien jistenna li la r-ristrutturazzjoni hija l-punt centrali ta' l-Acquis, l-ghorrief lokali ta' l-ekonomija kienu se jiltaqghu bejniethom u jfasslu pjan nazzjonali dwar kif dan il-ghan jista' jintlahaq. Kif johrog car fl-NPAA, s'issa l-Gvern ha hsieb din il-kwestjoni bis-sulluzzu. Mentri gvern li jahseb b'rasu kien l-ewwel johloq filosofija, vizjoni ghall-industriji Maltin u warajha strategija u pjan nazzjonali ghat-twettiq taghha. (Dan hu kif hadmet l-Unjoni Ewropea , li l-ewwel bdiet bi Green Paper fuq l-Innovazzjoni f'Dicembru 1995). Imbaghad kellu jsir dibattitu nazzjonali bejn dawk kollha li ghandhom interess fil-bicca sabiex jinstabu liema allinjamenti regjonali jew globali jkunu jghoddu l-aktar ghal Malta. Dibattitu bhal dan kien iwassal ghall-holqien ta' mudell socjali li jissawwar billi kull min ikun imdahhal fih jaghmel hiltu u jfittex li jahdem ghall-gid komuni.

Ghandha mnejn kieku resqet lejn il-kwestjoni bil-ghaqal u bid-dehen, Malta setghet tkun tista' tinnegozja ftehim bil-wisq ahjar ma' l-Unjoni Ewropea milli b'ghajneja maghluqa taghzel shubija shiha fil-gejjieni qrib.

Terga', gvern responsabbli kien l-ewwel isib x'inhu l-prezz tas-shubija shiha u mbaghad jizgura ruhu li l-finanzjament ghaliha jigi minn Brussell. Li wiehed jintrabat li jaghmel "ir-ristrutturazzjoni" bla ma jifli sew il-prezz, u biex taghqad jaccetta Lm3 miljun biss, jidher bhala genn ekonomiku minn dawk li jharsu lejna minn barra.

Huwa interessanti li wiehed jinnota li fl-Unjoni Ewropea l-htiega li wiehed jishaq fuq ir-ristrutturazzjoni ilha hemm sa mill-bidu tal-Framework Programmes, izda kien biss f'Dicembru 1995 li dehret l-ewwel Green Paper fuqha. Dan id-dokument fela fl-irqaqat kollha taghha l-klima kurrenti ta' l-innovazzjoni fl-Ewropa u gie mifli minn bosta istituzzjonijiet Komunitarji, mill-gvernijiet u wkoll minn dawk li ghandhom x'jaqsmu mas-saffi t'isfel nett tal-firxa industrijali. Tqassmu 'l fuq minn 40,000 kopja tad-dokument li jigbor fih il-fehmiet tal-Parlament Ewropew, tal-Kumitat Ekonomiku u Socjali, u tal-Kumitat tar-Regjuni. Id-dokument sahaq fuq l-importanza tat-tixrid tat-teknologija, il-principju tas-sussidjarjetà, ir-rwol ta' l-operaturi ekonomici u d-dimensjoni socjali ta' l-innovazzjoni.

Il-Kummissjoni, bl-appogg ta' l-awtoritajiet nazzjonali, hadet hsieb taghmel konferenzi u dibattiti dwar dan id-dokument fl-Istati Membri kollha, kif ukoll fin-Norvegja u fl-Islanda. Hadu sehem fil-konferenzi madwar 5,000 ruh, fosthom diretturi tal-kumpaniji, kapijiet tac-centri tar-ricerka, istituzzjonijiet finanzjarji, amministrazzjonijiet pubblici, agenziji ta' l-innovazzjoni, trejdunjons, universitajiet, SMEs u l-bqija.

Terga', il-Kummissjoni ntbaghtulha aktar minn 300 dokument ta' reazzjonijiet bl-irqaqat kollha, l-aktar minn intraprizi jew mill-organizzazzjonijiet li jirrapprezentawhom. Fl-ahharnett, il-bicca l-kbira ta' l-Istati Membri, kif ukoll in-Norvegja u l-Ungerija, ziedu l-pozizzjoni ufficjali mal-kummenti ta' dawk imdahhlin fis-saffi t'isfel nett.

Huwa ghalhekk li l-Unjoni Ewropea tista' bil-jedd kollu tghid li qieghda "tara caqliq shih li qatt ma deher bhalu qabel dwar il-htiega ta' l-innovazzoni li m'hix qed tidher bhala ghan fiha nfisha imma bhala ghodda mehtiega biex jintlahqu ghanijiet socjali fundamentali u tkabbir

sostenibbli, kif ukoll ghat-titjib tal-kompetittività ta' l-intraprizi u t-tkabbir ta' l-ghadd ta' l-impjiegi".

Fejn kien il-Gvern Malti fl-1995 Kien medhi wisq jipprova jlahhaq mal-process ta' l-iscreening u baqa' ma fehemx li d-decizjonijiet kbar li kienu qed jittiehdu fi Brussell dak iz-zmien setghu jolqtu lil Malta fil-gejjieni tassew qrib.

Wara l-Green Paper gie fl-1996 "L-Ewwel Pjan ta' Hidma ghall-Innovazzjoni fl-Ewropa" li wassal ghall-"Ewwel Forum Ewropew ghall-Kumpaniji Innovattivi" fl-1998 wara sena shiha ta' konsultazzjonijiet man-nies tan-negozju, tal-finanzi u tar-ricerka, u mal-gvernijiet ta' l-Ewropa u ezercizzju biex tinholoq pjattaforma ghal djalogu kontinwu.

Minn dak inhar 'il hawn, hargu bosta komunikati fl-1998 dwar "Implementation of the Innovation Action Plan", dwar "Reinforcing Cohesion and Competitiveness through Research, Technological Development and Innovation" u dwar "Promoting Entrepreneurship and Competitiveness" u fl-1999 dwar "Competitiveness of the European Enterprises in the Face of Globalistion - How it can be Encouraged".

Is-sena 2000 rat x'hareg minn dawn l-isforzi kollha fl-inizjattivi tal-politika dwar il-politika ta' l-intrapriza. Fl-istess sena hareg l-ewwel rapport fuq "The Implementation of the Action Plan to Promote Entrepreneurship and Competitiveness" u komunikat iehor fuq "Innovation Policy in a Knowledge-based Economy".

Mela waqt li Malta tilfet ix-xoqqa f'moxtha li tiehu sehem f'dan id-djalogu li ilu ghaddej hames snin shah fl-Unjoni Ewropea , issa fl-aqsar zmien possibbli, u minghajr derogi, Malta trid tadotta d-decizjonijiet kollha mehuda dwar il-kwestjonijiet tar-ristrutturazzjoni.

Il-General Workers' Union ilha li ntebhet bil-htiega tar-ristrutturazzjoni ta' l-industriji lokali izda trid li din issir b'reqqa kbira halli ma jkun hemm l-ebda telf ta' impjiegi minhabba fiha. Ghalhekk meddet ghonqha tistharreg fil-fond il-kwestjoni kollha tar-ristrutturazzjoni u l-Unjoni Ewropea u kif il-haddiem Malti se jintlaqat minn dan kollu.

Aktar ma jghaddi z-zmien, aktar qed isir ovvju ghall-General Workers' Union li rridu nibdew mill-bidu u noholqu djalogu nazzjonali li jwassal ghal strategija u ghal pjan nazzjonali ghall-implimentazzjoni ta' din l-istrategija. F'din l-istrategija kulhadd ghandu jkun azzjonist (stakeholder), specjalment dawk li bhala azzjonisti jistghu jiggeneraw ix-xoghol u/jew l-impjiegi.

L-Awtorità ta' l-Ippjanar ghadha kif xandret abbozzi ta' studji dwar it-turizmu u dwar is-settur tal-bejgh bl-imnut bhala parti mit-tfassil ta' Structure Plan Review. Pjan ta' struttura huwa dokument ta' politika importanti u d-dokument il-gdid irid ikollu fih ukoll il-kuncett ta' "knowledge-driven economy". Mhux biss l-imprizi privati izda wkoll kull awtorità, agenzija u dipartiment tal-gvern iridu jkunu x'jafu x'ifisser dan kollu jekk kemm-il darba jridu jaghtu sehemhom ghall-holqien ta' klima kompetittiva li tnissel il-gid u impjiegi godda. Iz-zewg pjani zgur li ma jurux xi gharfien kbir dwar x'ifisser tabilhaqq tiehu sehem f'ekonomija ta' l-Unjoni Ewropea .

Jekk dan il-Gvern tal-lum se jaqbel li jhallas Lm1.2 miljun biex jiehu sehem fil-Fifth Framework Programme mill-flus migbura minghand min ihallas it-taxxi, ghandu jara li l-istituzzjonijiet rilevanti jistharrgu u jhaddmu l-filosofija li fuqha ssawwar dan il-programm. Bosta pajjizi li m'humiex fl-Unjoni Ewropea thajru jissiehbu fil-programm ghaliex il-filosofija li fuqha huwa msejjes gejja mill-aqwa mhuh Ewropej, Amerikani u Gappunizi.

Bhala hjiel insemmu li "Key Action 4 City of Tomorrow and Cultural Heritage", tghaqqad il-pjanifikazzjoni tal-bliet mal-wirt kulturali. Parti mill-ghanijiet taghha hija li "nharsu lejn l-isfidi komuni bhal dawk li ghandhom x'jaqsmu mal-kwalità ta' l-arja, il-hsejjes, il-kongestjoni tat-traffiku, l-iskart, il-kompetittivita' ekonomika, l-impjiegi, is-sigurtà u l-bqija". Din l-azzjoni

ewlenija timxi fuq "tahlita ta' aspetti socjo-ekonomici, ambjentali u teknologici fosthom l-izvilupp, l-integrazzjoni u l-uzu tat-teknologiji, ta' l-ghodod u tal-metodologiji biex jitjieb it-tbassir, l-immonitorjar u l-assessjar u t-twaqqif ta' prattiki tajbin. Ghandha tinghata enfasi lil dawk il-metodi li jkabbru sehem ic-cittadini u dawk li ghandhom interess fit-tehid tad-decizjonijiet urbani u li jghinu biex jigi zgurat li s-servizzi jkunu tajbin, ta' min wiehed jorbot fuqhom, u li jkunu jistghu jintlahqu mic-cittadini urbani kollha, ukoll dawk bi htigiet specjali".

Suggett rilevanti f'din il-hidma ewlenija huwa dak ta' l-"izvilupp ekonomiku, il-kompetittività u l-impjiegi" li jishaq fuq "l-ahjar prattiki mmirati lejn l-integrazzjoni effikaci tat-teknologiji halli jitkattar il-holqien ta' l-impjiegi fil-kuntest urban. Dan kollu ghandu jiehu hsieb il-htigiet urbani kbar, l-irfinar tal-mobbiltà u l-access, it-titjib fir-rizorsi tal-produttività, l-infrastruttura ta' komunikazzjoni avanzata ("bliet digitali"), il-provvediment ta' kapital ghat-tahrig ta' nies, u networks effikaci bejn min jipprovdi t-taghrif u min juzah. Dan jinkludi l-integrazzjoni tat-teknologiji godda mal-frieghi ta' l-arti u tas-snajja' li jaghmlu sehem mill-wirt kulturali".

Suggetti ohrajn ghandhom x'jaqsmu mal-"pjanifikazzjoni sostenibbli tal-bliet u l-managemet bis-sens tar-rizorsi". Dan jinvolvi "mezzi ta' analizzazzjoni u monitorjar u ghodod biex jitkejjel l-impatt tas-suq, titjib tal-mekkanizmi ghat-tfassil tal-policies urbani, regolazzjoni, incentivi u strumenti ekonomici b'attenzjoni specjali lejn l-impatt fuq l-inhawi ta' madwar il-bliet u lejn it-tnaqqis ta' l-effetti ekologici bl-attivitajiet urbani".

Fuq quddiem nett irid ikun hemm il-prijoritajiet f'dik li hija Teknologija u Zvilupp tar-Ricerka (Research Technology and Development - RTD). Fost dawn hemm "Il-promozzjoni ta' l-integrazzjoni tal-wirt kulturali fil-kuntest urban". Il-mira hi li jigu zviluppati l-ghodod, il-metodologiji u l-mudelli bhala ghajnuna fit-tehid tad-decizjonijiet ghall-esplojtazzjoni sostenibbli u l-integrazzjoni tal-wirt kulturali fil-kuntest ta' zvilupp urban konsistenti mal-protezzjoni u l-konservazzjoni tieghu u ma' l-access ghalih, ecc., kif ukoll, "it-turizmu u l-esplojtazzjoni sostenibbli u z-zamma tal-wirt kulturali, fosthom il-harsien kontra l-vandalizmu u disturbi civili, u l-assessjar u l-mod kif jistghu jittaffew is-sogri marbuta ma' l-uzu ta' mezzi kontra l-frodi u mat-trasport tal-wirt kulturali".

Fid-dawl ta' dawn l-argumenti, dawn l-abbozzi ta' pjani tematici jridu jitfasslu fuq linji differenti hafna. Billi t-turizmu ghandu siwi hekk kbir fl-ekonomija ta' Malta, tenhtieg politika koerenti li tippjana t-turizmu kulturali. U ghas-settur tal-bejgh bl-imnut f'ekonomija "b'orjentazazjoni globali", il-wisa' fiziku m'huwiex ta' qofol. Iz-zewg rapporti jehtiegu ideat kreattivi u strategici jekk kemm-il darba jridu jghinu pjan strutturali modern u rilevanti ghall-Gzejjer Maltin.

**Ghaliex hemm il-htiega ta' ristrutturazzjoni?**

Sabiex industrija titqies kompetittiva fl-Unjoni Ewropea , jehtigilha tlahhaq ma' ghadd ta' direttivi u "livelli ta' kwalità" ta' l-Unjoni Ewropea li huma stabbiliti bl-irqaqat kollha ghal kull prodott. Dawn il-livelli huma specifici hafna u lokalment bosta processi amministrattivi u ta' manifattura jkunu jridu jinbidlu mil-lum ghal ghada fil-gejjieni qrib sabiex ilahhqu ma' dawn il-kriterji ta' l-Unjoni Ewropea .

Billi m'hemmx dokument nazzjonali li jistharreg ir-ristrutturazzjoni, il-General Workers' Union ghamlet ricerka fuq il-letteratura li tista' tinkiseb u sabet li l-ktieb "The Theory of Innovation Entrepreneurs, Technology and Strategy" ta' l-akkademiku Daniz Jon Sundbo jipprovdi punt ta' tluq tajjeb. Il-qalba ewlenija tal-ktieb hija diskussa hawnhekk (u msejsa fuq ir-ricensjoni ta' Deward Elgar), bil-ghan li jitressaq rapport shih li jkun ikopri l-aspetti kollha tar-ristrutturazzjoni jew "innovazzjoni" kif Jon Sundbo u l-ohrajn kollha jsejhulha.

F'dan il-ktieb, Sundbo janalizza l-izvilupp tat-teorija ta' l-innovazzjoni mis-seklu dsatax saz-zmenijiet tal-lum. L-ghan tieghu kien li jaghti twegiba ghal din il-mistoqsija "Kif isir il-process

ta' l-innovazzjoni fis-socjetà tal-lum u x'teoriji jezistu bix wiehed jifhem u jispjega l-process ta' l-innovazzjoni"

L-innovazzjoni teknologika hija ta' qofol kbir ghall-hidma kompetittiva mhux biss ta' ditti individwali izda ta' nazzjonijiet shah u ghat-tkabbir sostenut fl-ekonomija dinjija. L-innovazzjoni hija b'mod specjali importanti meta jigu zmenijiet meta l-ekonomija taqbad in-nizla, u kienet fattur krucjali fl-izvilupp ekonomiku ta' matul l-ghaxar snin li ghaddew. B'rizultat ta' dan, il-programmi ghall-promozzjoni ta' l-innovazzjoni issa huma mferrxa ma' kullimkien u dan l-ahhar kien hemm caqliq lejn programmi ta' zvilupp strategiku bhalma huma l-Framework Programmes ta' l-Unjoni Ewropea .

**Tliet paragidmi ta' tigdid**

Sundbo stharreg il-kitbiet ta' bhalissa fuq it-teorija ta' l-innovazzjoni u sab li tidher differenti meta tinqara mill-punto di vista ta' kif it-teorija tispjega ghaliex tfigg l-innovazzjoni. Huwa jghid li "dan tani dehra gdida gmielha tat-teorija ta' l-innovazzjoni". Jidhru cari bosta tradizzjonijiet, izda ma hemm l-ebda djalogu bejniethom - qatt ma jisiltu kliem xulxin. Ghandhom fehmiet diversi ta' mnejn gew l-innovazzjonijiet u dwar min holoqhom u x'holoqhom.

It-tradizzjonijiet diversi jistghu jinqasmu fi tliet paradigmi ewlenin.

L-ewwel hija l-paradigma ta' l-imprenditur, fejn l-imprenditur bhala bniedem jghid x'ghandu jkun it-tigdid. Fl-imghoddi dawn l-imprendituri kienu jibdew in-negozji waqt li lil dawk tal-lum aktar issibhom jahdmu f'kumpaniji li ga qeghdin hemm.

It-tieni hija l-paradigma ekonomiko-teknologika li tghid li huwa l-izvilupp teknologiku li jgieghel li ssir l-innovazzjoni. Din il-paradigma tishaq fuq ir-rabta li ghandha t-teknologija mal-fatturi organizzattivi u socjali.

It-tielet hija l-paradigma strategika li temmen li huma l-managers gholjin ta' kumpaniji individwali li jiggwidaw l-innovazzjoni. Dawn irid ikollhom il-hila jaghrfu l-opportunitajiet tas-suq u l-processi tal-management ghall-istrategiji tan-negozju.

Storikament kull wahda minn dawn it-teoriji nholqot mill-qaghda tas-suq. It-teorija imprenditorjali bazika tispjega s-suq fil-process tal-formazzjoni, u t-teorija ekonomiko-teknologika tispjega s-swieq li huma stabbiliti imma mhux sfruttati. It-teorija strategika tghodd ghas-swieq mifqughin li huma kumplessi u ghaddejjin minn bidla mghaggla. Sundbo jikkonkludi li t-teorija strategika bazika hija l-lum l-aktar spjegazzjoni adekwata ta' l-innovazzjoni, imma dan sar minnu minn tmiem is-snin tmenin 'l hawn wara perijodu li tulu saru tentattivi generici biex jitrawwem it-tkabbir ekonomiku permezz tal-fattur teknologiku. Sundbo jghid li l-mudell strategiku jispjega l-potenzjal tat-tkabbir f'qaghda fejn il-potenzjal fis-swieq tradizzjonali m'huwiex hlief wiehed marginali u hemm bosta tfixkil fil-holqien ta' swieq godda. Dan ma jistax jinkiseb bl-izvilupp tat-teknologija gholja biss, u prova ta' dan jaghtihielna l-istagnar f'daqqa ta' l-industriji tal-kompjuter u ta' l-elettronika habta ta' l-1990 u l-1991.

**L-innovazzjoni m' hix biss ghall-manifattura**

Sa ftit ilu t-teoriji ta' l-innovazzjoni kienu jigu zviluppati fuq is-sisien ta' l-industrija tal-manifattura, izda Sundbo jghid li jehtieg li jitqiesu wkoll is-setturi tas-servizzi u l-biedja. Is-settur tas-servizzi qieghed kull ma jmur isir aktar ta' importanza ghat-tkabbir ekonomiku - u fil-fatt fil-pajjizi zviluppati s-servizzi jaghmlu tnejn minn kull tlieta kemm tal-prodott nazzjonali kemm ta' l-impjiegi. Matul il-ftit snin li ghaddew, ir-ricerka dwar l-innovazzjoni bdiet tiffoka dejjem aktar fuq is-settur tas-servizzi u l-lum l-innovazzjoni tas-servizzi saret il-qalba ta' l-argument. Il-ktieb ta' Sundbo jiddiskuti t-teoriji billi jassumi li jghoddu ghas-setturi kollha tan-negozju, waqt li jaghraf id-differenzi kbar li hemm bejniethom. Hekk, nghidu ahna, il-hidma tas-servizzi bosta drabi ssir bla ma jithaddem materjal teknologiku. Dan jixhet dubju fuq it-teoriji ta' l-innovazzjoni msejsin fuq il-mudell ekonomiko-teknologiku. Din id-dematerjalizzazzjoni ta' l-innovazzjoni hija raguni wahda ghaliex l-innovazzjoni hija mehtiega fit-tiswir teoretiku dwar l-innovazzjoni, kif ukoll dwar id-dinja reali.

Mit-teoriji msemmijin hawn fuq donnu jidher li hawn Malta qeghdin ingarrbu t-tlett paradigmi kollha u li hemm il-htiega li niddiskutu jekk dan kollu hux se jwassal ghal tkabbir sostenibbli jew le bla ma nidhlu fil-kwestjoni ta' jekk Malta hix se tidhol fl-Unjoni Ewropea jew le.

**X' se tkun tfisser?**

Ir-ristrutturazzjoni hija bicca xoghol li tqum hafna flus imqar biex tinbeda tehtieg hafna flus. Malta ghandha mnejn tiehu sa 38 miljun Euro biss ghal hames snin shah li jkunu jfissru madwar Lm3 miljuni fis-sena sabiex iddahhal il-bidliet kollha li huma mehtiega biex issir membru ta' l-Unjoni Ewropea . Hija ghalhekk haga minn ewl id-dinja li m'hemmx fondi ta' l-Unjoni Ewropea ghal dawn il-bidliet u li l-fondi ghar-ristrutturazzjoni se jkollhom jigu mit-taxxi li jhallsu l-Maltin. Il-hasda li se jiehdu bosta industriji lokali se tinhass minnufih la darba bil-ligi ta' l-Unjoni Ewropea l-ghoti tas-sussidji bhala ghajnuna lill-industrija ma jistax isir u minhabba f'hekk se jkollhom jitnehhew is-sussidji kollha ta' din l-ghamla. Barra minn hekk, lanqas il-monopolji ma jistghu jinzammu. Din se tkun haga iebsa wisq ghal gzira fejn setturi ta' impjiegi bhal tal-burdnara jharsu xogholhom b'monopolju li ilu stabbilit hafna snin.

**X' se ggib maghha?**

Il-bidliet kollha msemmija hawn fuq iridu jitqiesu u jitkejlu lokalment biex wiehed jifhem l-implikazzjonijiet tar-ristrutturazzjoni fuq l-impjiegi. Industrija lokali li jirnexxilha tirristruttura ruhha b'success u tkun kompetittiva f'qasir zmien taf imbaghad tasal li tikber u ghalhekk tohloq impjiegi godda. Izda kull industrija li ma tistax timxi minghajr sussidju, ma tissodisfax id-direttiva ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-kwalità, jew m'ghandhiex hila tkampa f'suq mhux protett taf ikollha tnaqqas mill-haddiema jew taghlaq u b'hekk minnufih twassal ghal tnaqqis ta' impjiegi.

Fattur iehor li m'huwiex jitqies bhalissa ghandu x'jaqsam ma' l-effett li dawn il-mizuri drastici tar-ristrutturazzjoni se jkollhom fuq is-socjetà Maltija. Dal-fattur se jbiddel id-drawwiet socjali Maltin

**X' jehtieg isir?**

Il-htigiet biex tirnexxi r-ristrutturazzjoni m'humiex biss id-dhul ta' ligijiet u direttivi godda u li l-bosta industriji jkunu mgieghla jaqblu maghhom. Il-holqien ta' atmosfera tassew kompetittiva jehtieg aktar minn ligijiet.

Kultura ta' bidla trid tidhol bil-mod il-mod bi programmi qawwija ta' edukazzjoni u b'tahrig vokazzjonali intensiv.

Jehtieg jinstab mudell ta' shubija socjali tassew. Mudell bhal dan f'pajjizi bhall-Irlanda nissel fiducja fil-politika ekonomika u socjali, sahhah l-attività u l-produttività tan-negozju, u wassal ghal livelli gholjin ta' investimenti u holqien ta' impjiegi godda. U m'hemmx ghalfejn nghidu, trid issir ghassa bla heda tas-successi u l-fallimenti tar-ristrutturazzjoni halli jigu aggustati fil-waqt il-kriterji tar-ristrutturazzjoni.

Fost elementi ohrajn li huma siewja ghall-holqien ta' l-ahjar atmosfera biex issehh ir-ristrutturazzjoni fl-ekonomija Maltija hemm id-dhul ta' l-atteggjament tar-Ricerka u l-Izvilupp (R & D) fid-diversi setturi bil-ghan li jiddahhlu ideat u teknologiji godda bil-holqien ta' politika ta' R & D immexxija mill-Gvern b'rizq kull settur. Daqstant iehor importanti jkunu l-mezzi li bihom titwettaq dil-kultura tal-bidla b'ghodod ta' management li gew ippruvati u mistharrgin b'success f'pajjizi ohrajn.

Barra minn hekk, wiehed irid jishaq li bhalissa m'hemm l-ebda politika fis-settur pubbliku li tnissel dil-kultura ta' bidla hekk mehtiega. Wiehed jista' jghid li jista' jmexxiha s-settur privat. Izda s-settur privat, l-aktar l-SMEs, tnehhi ftit ferm minnhom, huwa mxekkel mit-toqol burokratiku ta' bhalissa u minn nuqqas ta' strutturi ta' appogg finanzjarju. Dan it-tixkil mhux qed ihallihom jahsbu b'mod kreattiv kif mehtieg.

Bla dubju, punt ta' tluq essenzjali huwa li f'Malta jehtieg ikun hawn regoli xierqa ta' kompetizzjoni, specjalment meta tqis li dawn jistghu jaghtu l-aqwa protezzjoni possibbli lill-SMEs lokali f'ambjent lokali.

**L-importanza tar-regoli tal-kompetizzjoni gusta.**

F'seminar li kienet ghamlet l-UNCTAD dwar ir-Rwol ta' Politika tal-Kompetizzjoni ghall-Izvilupp fil-Globalizzazzjoni tas-Swieq Dinjin u li kien sar f'Ginevra, l-Isvizzera, fl-14 u l-15 ta' Gunju 1999, Ms Joanna R. Shelton, id-Deputat Segretarju Generali ta' l-OECD, tkellmet dwar "Ir-Riforma Regolatorja, it-Tnehhija tal-Monopolji, u l-Privatizzazzjoni Kif tigi Zgurata Konsistenza mal-Kompetizzjoni".

Dawn is-siltiet mit-tahdita taghha jghoddu hafna ghall-qaghda taghna bhalissa

Ms Shelton issemmi zewg kwestjonijiet ta' qofol dwar "l-ahjar tempizmu tar-riforma regolatorja, it-tnehhija tal-monopolji, u l-privatizzazzjoni". "Izda hija haga cara li l-ebda pajjiz ma jista' ma jaghtix kas tat-tfixkil fuq medda qasira ta' zmien li jista' jinholoq mat-transizzjoni in generali," tghid Ms Shelton u tissokta hekk "Ikun ahjar jekk wiehed jitfa' harstu fuq politika li ttaffi t-tbatija li tista' tinholoq bit-transizzjoni, flok ma ntawlu t-transizzjoni imma l-process tar-riforma ekonomika huwa wiehed kumpless u jdahhal fin-nofs konsiderazzjonijiet kemm politici kemm ekonomici".

Ms Shelton tghid illi "bilfors li se jkun hemm qaghdiet li fihom il-pajjizi jtawlu xi privatizzazzjoni jew ohra, jew xi riforma jew ohra, sabiex izommu t-tfixkil ekonomiku ta' medda qasira f'livell accettabbli. Il-politika tal-kompetizzjoni taf tghin fil-holqien ta' l-arrangamenti mehtiega u biex tizgura li l-aktar riformi siewja jsiru mill-ewwel waqt li l-privatizzazzjoni tkun ghadha qed titqies".

"Barra minn hekk, fejn ikun hemm dubju mhux hazin dwar is-siwi ta' dawn il-mizuri ekonomici, x'aktarx ikun izjed ghaqli li wiehed jizbalja fuq il-qsim ta' l-assi f'ghadd ta' partijiet imma jhalli xi lok ghal amalgamazzjonijiet bejn il-kumpaniji wara l-privatizzazzjoni. Dan l-atteggjament ikun tabilhaqq siewi jekk dawn l-amalgamazzjonijiet ikunu suggetti ghal stharrig bil-ligi tal-kompetizzjoni li jqis kemm l-efficjenzi reali kemm l-effetti li jistghu jkunu anti-kompetittivi."

Minn dan johrog car li Ms Shelton qed tithaddet dwar politika tal-kompetizzjoni f'pajjizi li jistudjaw u jippjanaw l-effett tal-privatizzazzjoni fuq l-ekonomija ta' pajjiz u mhux dwar pajjizi li jhaddnu l-ligijiet ta' haddiehor fl-intier kollu taghhom.

Il-kummenti ahharin ta' Ms Shelton huma interessanti wkoll "Il-kummenti tieghi llum kienu l-aktar dwar il-beneficcji ekonomici li jistghu jinkisbu billi mmilu aktar fuq is-swieq kompetittivi, izda jiena rrid naghlaq billi nishaq li hemm beneficcji importanti ohrajn ukoll. Generalment, il-kompetizzjoni akbar miksuba bir-riforma regolatorja, bit-tnehhija tal-monopolji, u bil-privatizzazzjoni ghandha tikkontribwixxi biex b'mod generali jkun hemm qsim tal-poter ekonomiku u konsegwentament tal-poter politiku. Terga', ghandha taghti lil aktar nies l-opportunita' li jhaddmu u jizviluppaw il-hiliet imprenditorjali u manigerjali li huma mehtiega biex isostnu t-tkabbir ekonomiku, l-izvilupp u l-holqien ta' impjiegi. oggettivi politikament importanti bhal dawn kienu sikwit fil-qalba ta' l-adozzjoni tal-ligijiet tal-kompetizzjoni min-naha ta' bosta mill-pajjizi."

Hija haga cara li l-Gvern Malti ma kienx hemm biex jisma' din it-tahdita importanti. Ms Shelton tissokta "Jiena rrid nishaq ukoll li nkiseb bosta fil-ftit snin li ghaddew fejn jidhlu r-riforma regolatorja, it-tnehhija tal-monopolji u l-privatizzazzjoni u ghadhom jizdiedu l-provi dwar il-beneficcji miksubin b'din il-politika fis-settur partikulari li jkun u fil-firxa wiesa' ta' l-ekonomija. Izda ghad fadal hafna x'isir biex jigu definiti b'mod aktar car dawk ic-cirkostanzi li jkunu jirrikjedu l-indhil tal-gvern fl-ekonomija, biex jinstabu aktar modi effikaci biex isir dan, u jigu determinati dawk l-affarijiet li jkun ahjar li d-decizjonijiet dwarhom jittiehdu mis-settur ekonomiku privat. L-OECD hija mdahhla sew f'dan ix-xoghol permezz tal-progett taghha ghar-riforma regolatorja u bix-xoghol tal-kumitat taghha dwar l-ligi u l-politika tal-kompetizzjoni."

**Il-Ligi tal-Kompetizzjoni u l-Ufficcju tal-Kummerc Gust**

Twaqqfu bosta awtoritajiet hawn Malta izda hija haga stramba kif ghat-thaddim tar-regolamenti tal-kompetizzjoni ghandna dak li huwa biss ufficcju. Dan l-Ufficcju tal-Kummerc Gust jaqa' taht il-Ministeru tas-Servizzi Ekonomici u jinsab nieqes mill-istaff xieraq u mehtieg ghall-hidma tieghu.

Dak li hu mehtieg u rakkomandat huwa t-twaqqif ta' awtorità jew agenzija indipendenti b'ghadd ta' regolaturi biex jghassu d-diversi setturi. Dan huwa bla dubju qasam fejn gvern serju kien iwaqqaf awtorità biex juri li tabilhaqq irid is-serjetà.

L-abbozz il-gdid li jemenda l-Ligi dwar il-Kompetizzjoni ghandu bosta toqob li jridu jkunu mistharrga. Hemm il-htiega ghal legislazzjoni fuq l-amalgamazzjoni ta' kumpaniji (mergers) u regolamenti li jrazznu lil dawk li jkun behsiebhom jabbuzaw il-qaghda qawwija taghhom. Barra minn hekk, l-abbozz ma jiehux hsieb dawk li huma "exclusive agreements" (jigifieri ftehim bejn kumpaniji biex jeskludu ohrajn mill-generu tan-negozju taghhom jew ftehim biex ikollhom l-istess livell ta' prezzijiet).

Bosta negozji, l-aktar dawk zghar, ghadhom ma jafu xejn dwar l-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta u ma jiddistinGeneral Workers' Union hx minn istituzzjonijiet ohra. Hemm htiega immedjata ghal kampanja nazzjonali ta' taghrif dwar xi tfisser sewwasew il-ligi tal-kompetizzjoni gusta u x'ghandu wiehed jistenna minnha.

**Il-htiega ta' dokument effikaci dwar il-Politika tar-Ricerka u l-Izvilupp**

Bhalissa d-dokument wahdieni dwar ir-Ricerka u l-Izvilupp (R & D) huwa d-Dokument tal-Politika Teknologika tal-Kunsill Malti ghax-Xjenza u t-Teknologija (MCST) li kien adottat fl-1994, u r-revizjoni ta' l-Istrategija Nazzjonali ghall-Informatika li saret fl-1997.

L-MCST ghandu r-responsabbiltà li jsawwar u jikkordina l-politika nazzjonali dwar ix-xjenza u t-teknologija. Dan id-dmir jaqdih bil-Fondazzjoni ghax-Xjenza u t-Teknologija, korp pubbliku indipendenti mwaqqaf formalment fl-1995.

Xoghol il-Fondazzjoni ghax-Xjenza u t-Teknologija huwa mfisser f'charter specifiku maqbul fl-1995. Il-principji generali li jiggwidaw il-politika ta' Malta dwar ix-xjenza u t-teknologija huma:

* il-promozzjoni ta' zvilupp sostenibbli permezz ta' investiment f'bazi lokali ghax-xjenza u t-teknologija

* l-ixprunar tal-penetrazzjoni b'mod mghaggel u strategiku tax-xjenza u t-teknologija fis-setturi kollha, u dan ghandu jkun stimulat b'mod konsiderevoli minn fuq u mgharraf b'mod li jibda minn isfel u jimxi' 'l fuq

* it-tmexxija integrata tar-rizorsi permezz ta' networks u shubija bejn is-settur pubbliku u dak privat
* il-promozzjoni tat-tahrig u l-mobbiltà ta' min jaghmel ir-ricerka
* l-izvilupp ta' kuntatti internazzjonali fix-xjenza u t-teknologija u l-access ghall-bazi globali tal-ksib tat-taghrif
* aktar kuntatti u hidma flimkien bejn l-Universita' u l-industrija
* hidma id f'id bejn l-MCST u l-Istitut ghall-Promozzjoni ta' l-Imprizi z-Zghar (IPSE) u l-Korporazzjoni Maltija ghall-Izvilupp (MDC) biex jigi attirat investiment barrani dirett kif ukoll imprizi ta' xjenza u teknologija bi shab u
* hidma id f'id bejn l-MCST, l-IPSE, l-MDC, il-METCo u l-Malta Business Bureau ghall-promozzjoni tal-partecipazzjoni tas-settur privat fil-Fifth Framework Programme.

Dan id-dokument ta' R & D qed jittiehed bhala l-ghodda mehtiega ghal ezercizzju ta' l-R & D f'Malta u m'huwiex mistenni li dokument ta' R & D gdid huwa mehtieg bhala parti vitali ta' ezercizzju ta' ristrutturazzjoni. L-NPAA jistqarr illi "l-oggettivi generali tal-politika dwar ix-xjenza u t-teknologija f'Malta jkunu jaqblu ma' l-Acquis" u li "l-Acquis li ghandu x'jaqsam max-xjenza u r-ricerka ma jehtiegx traspozizzjoni fl-ordni legali nazzjonali jew f'mizuri partikulari ta' implimentazzjoni u inforzar". Barra minn hekk, "l-implimentazzjoni ta' l-Acquis primarjament tikkoncerna l-partecipazzjoni fil-Framework Programmes rilevanti tar-Research and Technical Development (RTD)".

Dawn l-istqarrijiet fl-NPAA juru bic-car li l-Gvern diehel ghax-xoghol tar-ristrutturazzjoni b'ghamad ma' ghajnejh. Billi l-Acquis jorbot l-R & D biss mal-Framework Programmes ta' l-RTD, ma hassux obbligat li jizviluppa politika ta' R & D specifikament orjentata lejn il-process tar-ristrutturazzjoni.

La l-prijoritajiet fuq medda qasira u lanqas dawk fuq medda medja ta' zmien ma juru l-ebda gharfien dwar l-importanza ta' policies dwar l-R & D aktar milli bhala ezercizzju akkademiku. Hawnhekk ukoll, kieku l-izvilupp tal-filosofija tal-Framework Programmes kien mistharreg bis-serjetà, kienet tfigg strategija differenti.

Id-dokumenti tal-komunikazzjoni dwar il-Politika ta' l-Innovazzjoni msemmija aktar qabel, flimkien mal-programm orizzontali dwar "Sehem l-SMEs u l-Innovazzjoni" taht l-FP5 kienu jipprovdu ghadd gmielu ta' linji ta' gwida biex joholqu dokument gdid. Fis-sew, dokument nazzjonali li jista' jiswa bhala gwida ghal process pozittiv ta' tigdid.

KAPITLU 3

# Kif tkejjel l-innovazzjoni?

MINN zmien ghall-iehor il-Kummissjoni Ewropea tohrog appalti biex titkejjel il-politika ta' l-innovazzjoni u dan jinkludi l-kejl ta' l-investiment fit-teknologija, fir-rizorsi umani, fir-ricerka tas-swieq u l-bqija. (Dan m'ghandux x'jaqsam ma' l-investiment fl-informatika kif bi zball issirilha riferenza u titkejjel hawn Malta).

Dan l-ahhar kien hemm appalt fuq "Studji Marbutin mat-Twettiq tal-Programm dwar il-Komunità, l-Innovazzjoni u l-SMEs" li jinkludi appalti fuq "Kwestjonijiet ta' Politika ta' Innovazzjoni f'Seba' Pajjizi Applikanti ir-Rumanija, il-Bulgarija, is-Slovakkja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta u t-Turkija". Is-sejha harget mill-Innovation Policy Unit tad-Direttorat Generali dwar l-Impriza.

"L-ghan ewlieni ta' dawn l-istudji huwa li tissahhah il-bazi tat-taghrif dwar il-hidma u l-politika ta' l-innovazzjoni fl-Ewropa. Ir-rizultati ta' dawn l-istudji ghandhom iwasslu ghar-revizjoni u l-aggornament tal-kwestjonijiet prijoritarji tal-framework analitiku fil-qasam ta' l-innovazzjoni li ghandu x'jaqsam ma' l-intrapriza".

Kif imfisser hawn fuq, ma hemm xejn effikaci f'li qed isir bhalissa biex tissawwar "kultura ta' innovazzjoni" fin-negozji lokali. L-istudju ghal appalt bhal dan jikxef il-qaghda kollha.

L-ewwel grupp ta' pajjizi applikanti ga ntalbu biex jfasslu Pjan Nazzjonali ta' Innovazzjoni. Pjani ta' din il-bixra mistennija jitfasslu f'ghamla li tkun tista' titqies u titkejjel. L-Unjoni Ewropea holqot teknika biex tkejjel l-innovazzjoni. Ghalhekk ma jdumx ma johrog car li Malta ma qabditx it-triq it-tajba f'din il-kwestjoni.

L-innovazzjoni hija kuncett li kull ma jmur qed jattira aktar interess. Dan ghaliex l-innovazzjoni tista' tiddetermina l-kompetittività ta' intrapriza u ta' ekonomija. Wahda mir-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-Green Paper tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-innovazzjoni hija l-bzonn li titwaqqaf sistema li thares lejn l-izvilupp tat-teknologija. Dan ikun ifisser li l-kuncett irid ikun imfisser ahjar u b'mod aktar preciz.

Min ifassal il-politika ghandu bzonn ikun jaf l-effetti ta' zjieda fl-investiment fl-oqsma ta' ricerka u zvilupp. F'Malta l-politika tal-Gvern ghadha ma rnexxielhiex tilhaq dan il-livell u tipprova tifhem il-kawza u l-effett tar-ristrutturazzjoni.

Fil-passat, il-mod kif dan l-impatt kien jitkejjel kien permezz ta' l-istatistika marbuta mat-teknologija, bhal infiq, patents u pubblikazzjonijiet. Madankollu kien jidher car li kien hemm bzonn ta' indikaturi ohra. It-titjib kontinwu ta' prodotti u processi, flimkien ma' l-interpretazzjonijiet differenti ikkomplikaw din l-analizi. Barra minn hekk, jezisti nuqqas ta' informazzjoni preciza dwar l-innovazzjoni f'ghadd ta' setturi, bhal servizzi.

Hemm problemi ohra, bhal, nghidu ahna:

* Kif titkejjel l-innovazzjoni meta intraprizi jibdew jersqu aktar lejn xulxin u anke jinghaqdu

* Kif titkejjel l-innovazzjoni f'intraprizi li qed isiru dejjem aktar virtwali

* Kif tista' titkejjel l-effettività ta' politika partikulari f'sistema dejjem aktar kumplikata u li titbiddel ma' kull decizjoni li tittiehed

Il-General Workers' Union ma tafx jekk il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni Malti dahalx f'mistoqsijiet bhal dawn sabiex jizgura l-ahjar sillabu possibbli ghall-Kullegg Vokazzjonali li ghadu qed jitwaqqaf.

Zviluppi ekonomici godda wasslu ghal termini u kuncetti godda bhal "socjetà informatika" (information society), "socjetà bbazata fuq it-taghrif" (knowledge-based society), u "sistemi nazzjonali ta' l-innovazzjoni" (national innovation systems). Dawn il-kuncetti godda hallew effett fuq id-decizjonijiet politici li ttiehdu f'dawn l-ahhar snin, u gabu maghhom il-bzonn ta' forom godda ta' statistika. L-innovazzjoni, u l-istatistika marbuta maghha, hija wahda mill-metodi li permezz taghhom jistghu jigu ezaminati r-rabtiet bejn it-teknologija, it-tkabbir ekonomiku, u x-xoghol.

L-Istharrig Komunitarju dwar l-Innovazzjoni (Community Innovation Surveys - CIS) kienu fost l-ewwel azzjonijiet li ttiehdu ghall-gbir ta' din l-istatistika l-gdida. L-Ufficcju Centrali ta' l-Istatistika f'Malta se jkollu jdahhal sistema simili sabiex ikejjel l-istatistika li ghandha x'taqsam ma' l-innovazzjoni. Izda dan mhux bilfors ifisser li l-intraprizi, specjalment dawk zghar, se jitghabbew b'aktar stharrig. Izda se jkun hemm bzonn li tingabar din l-informazzjoni ghax it-tqabbil ta' statistika huwa importanti hafna ghall-Eurostat. Minbarra li jitqabblu l-istatistici bejn pajjizi ta' l-Unjoni, isir tqabbil ukoll ma' pajjizi ohra bhal dawk membri ta' l-OECD. Fil-fatt, l-Eurostat u l-OECD hargu manwal flimkien dwar l-istatistika (maghruf bhala l-Oslo Manual), u dan jinkludi l-innovazzjoni fil-qasam tas-servizzi.

L-istatistika dwar l-innovazzjoni taghmel parti mill-istatistika dwar attivitajiet mhux tangibbli u investimenti. Dan il-qasam se jzid fl-importanza tieghu. Hemm sfidi godda li jridu jigu ffaccjati f'dan il-qasam. Fost l-ohrajn trid tibda tingabar statistika dwar ir-rabta bejn il-kapital uman ta' intrapriza u l-kisbiet innovattivi taghha. Dak li johrog minn din it-tip ta' statistika ghandu mbaghad ihalli effett dirett fuq il-politika ta' l-Università, il-Ministeru ghas-Servizzi Ekonomici, l-IPSE u l-METCo, fost l-ohrajn.

L-innovazzjoni tfisser li hemm xi haga gdida u li hemm bidla fil-kwalità. Ghalhekk tqum il-mistoqsija jekk wiehed jistax ikejjel l-innovazzjoni. Aktar minn hekk, hemm anke min qed jistaqsi jekk hemmx lok li tinhela daqshekk energija fuq din l-istatistika meta hija daqshekk difficli biex tingabar. Skond Keith Smith, wiehed mill-kontributuri ewlenin ta' l-Oslo Manual, huwa importanti hafna li jsir dan il-kejl. Dan il-bzonn huwa bbazat fuq ir-rwol importantissimu ta' l-innovazzjoni f'ekonomiji moderni. Ir-ricerka u zvilupp u l-innovazzjoni m'ghandhomx jigu ikkunsidrati bhala zewg oqsma separati u b'importanza zghira. Minflok, saru oqsma centrali. F'dawn l-ahhar snin, ix-xoghol kollu li tista' tghid li sar mill-OECD dwar il-qghad kien jiffoka fuq l-importanza ta' l-innovazzjoni biex titjieb il-qaghda tax-xoghol. L-istess innovazzjoni hija punt centrali mill-politika ta' "Employment and Competitiveness in Europe". Ikun f'loku li l-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig thejji pjan ta' azzjoni biex tilqa' ghal dawn il-bzonnijiet.

**L-Oslo Manual**

L-Oslo Manual jigbor flimkien tlett metodi li permezz taghhom jitkejlu l-bidla teknologika u l-innovazzjoni. L-ewwel metodu, maghruf bhala "object-based approach", ihares lejn innovazzjonijiet teknologici specifici li jigu identifikati permezz ta' letteratura teknika u specjalizzata. Fost l-aktar xoghlijiet importanti f'dan il-qasam hemm dak li wassal ghat-twaqqif ta' l-SPRU Database u ghal hafna studji ohra li hallew impatt sinjifikanti fuq il-qasam tar-ricerka. Il-metodu gie wzat mis-Small Business Administration fl-Istati Uniti u Chris DeBresson fil-Kanada. Madankollu, din il-linja ta' ricerka naqset hafna f'dawn l-ahhar snin.

It-tieni metodu juza "subject-based approach" u jitfa' l-attenzjoni tieghu fuq min johrog bl-innovazzjoni, li hafna drabi dawn ikunu intraprizi privati, universitajiet jew istituti ta' ricerka. Dan il-metodu ghandu storja relattivament twila u beda fl-1979 permezz ta' l-istharrig dwar l-innovazzjoni li kien sar fil-Germanja mill-IFo taht id-direzzjoni ta' Lothar Scholz. Dan kien segwit minn numru ta' stharrig ohra importanti li saru minn Giorgio Sircilli fl-Italja, Alexander Paiteir fi Franza, kif ukoll fl-Iskandinavja fit-tmeninijiet.

It-tielet metodu, dak tat-"technometric", huwa inqas maghruf. Jiffoka l-aktar fuq il-karatteristici ta' teknologiji specifici hafna. Ix-xoghlijiet ewlenin Ewropej f'dan il-qasam saru mill-Fraunhofer Institute ta' Karlsruhe.

Id-diffikultà ewlenija f'dan l-izvilupp ta' indikaturi huwa li huwa difficli hafna biex tigi identifikata informazzjoni li tkun newtrali.

L-Oslo Manual jiddiskuti wkoll il-qasam teoretiku u jidentifika erba' bazijiet teoretici.

L-ewwel wahda hija l-mudell interattiv ta' l-innovazzjoni li ha post il-kuncetti aktar bikrija ta' mudell lineari ta' innovazzjoni. Il-mudell il-gdid jaghfas fuq l-importanza ta' "inputs" li m'ghandhomx x'jaqsmu ma' ricerka u zvilupp fil-qasam ta' l-innovazzjoni. Fi kliem iehor, huwa rikonoxxut il-fatt li f'hafna oqsma ta' l-ekonomija l-innovazzjoni m'hix mibnija fuq ir-ricerka u zvilupp izda fuq fatturi ohra bhal tahrig u disinn.

It-tieni bazi teoretika hija dik evoluzzjonarja tal-bidla innovattiva u ekonomika. Din it-teorija taghfas fuq id-differenzi bejn intraprizi u setturi differenti.

It-tielet bazi teoretika hija dik maghrufa bhala "learning models of innovation", fejn l-innovazzjoni hija interpretata bhala sensiela ta' interazzjonijiet li jqarrbu intraprizi differenti lejn xulxin.

L-ahhar bazi teoretika hija dik ta' sistema nazzjonali ta' innovazzjoni li taghfas fuq l-interazzjonijiet ta' taghrif fuq livelli regjonali, nazzjonali u trans-nazzjonali. Din it-teorija taghti ukoll importanza sinifikanti lill-infrastruttura li fi hdanha jsir dan kollu.

Matul konferenza dwar l-innovazzjoni, Smith gie mistoqsi jekk l-innovazzjoni tistax titkejjel. Huwa wiegeb "Iva tista', izda rridu noqghodu attenti dwar dak li nkejlu, dak li nistghu nkejlu, u dak li ma nistghux inkejlu."

Meta wiehed jitkellem dwar innovazzjoni fuq livell generiku, wiehed jahseb dwar l-uzu tat-teknologija f'ekonomija, settur jew intrapriza. Izda hemm dimensjonijiet differenti tal-kuncetti ta' taghrif u teknologija. Hemm dak li huwa marbut mal-produzzjoni u dak marbut mat-teknologija.

Meta wiehed jahseb dwar taghrif u teknologija b'dan il-mod, johrog bic-car li mhux il-kuncett kollu jista' jitkejjel. Madankollu, hafna intraprizi jirnexxilhom jidentifikaw ir-rizultat ta' l-innovazzjoni, u jistghu jwiegbu mistoqsijiet dwar dan. F'dan is-sens, innovazzjoni hija definita fil-linja ta' Schumpeter, li jsostni li prodott isir innovattiv mhux meta jinholoq, izda meta jinbiegh. Ghalhekk, il-mistoqsija ewlenija li trid issir f'dan il-qasam hija dwar kemm varja il-bejgh minhabba prodotti mibdula. L-istharrig ta' l-Unjoni Ewropea jinkludu dawn it-tip ta' mistoqsijiet.

Kwestjoni ohra hija dwar it-tifsira tal-kelma "gdid". L-Unjoni Ewropea tikkunsidra prodott bhala gdid jekk kemm-il darba hemm principju gdid jew idea gdida involuta fil-prodott jew servizz. Din l-idea m'ghandhiex bzonn li tbiddel il-prodott jew servizz kompletament.

**Ghodda ghall-Management ta' l-Innovazzjoni**

Minhabba dak kollu li ghadu kif gie spjegat, il-General Workers' Union iddecidiet li tara liema ghodda jistghu jigu addottati biex jiddahhal il-kuncett ta' innovazzjoni fuq livell lokali. Ghal darb'ohra gew ikkunsidrati hafna ghodda li gew zviluppati f'dawn l-ahhar snin.

Dan li gej huwa summarju ta' dawn il-metodi kif sar minn Dr David Brown tal-Warwick Research Institute fir-Renju Unit f'isem l-Unjoni Ewropea bejn Dicembru 1995 u Novembru 1996.

Dan l-istudju taht l-awspici tal-European Innovation Monitoring System (EIMS) ghandu x'jaqsam ma' l-ghodod u mal-metodologiji wzati mill-konsulenti li jahdmu ma' imprizi zghar jew ta' daqs medju (SMEs) biex jghinuhom imexxu l-innovazzjoni. L-ghanijiet tar-rapport u l-istudji tal-kazi li hemm mieghu huma li

* titqajjem kuxjenza fost organizzazzjonijiet Ewropej tas-servizz ta' l-innovazzjoni, konsulenti u SMEs dwar l-ghodod tat-management ta' l-innovazzjoni (Innovation Management Tolls - IMTs) mahsubin ghal assenjamenti qosra ta' konsulenza
* jigi promoss it-thaddim ta' dawn l-ghodod fost il-konsulenti u agenziji ohrajn li ghandhom x'jaqsmu ma' l-ghajnuna ghall-innovazzjoni
* jinghata kontribut lill-iskambji ta' "know-how" u koperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet Ewropej ghall-izvilupp ta' negozji ta' kwalità tajba hafna u ghall-izvilupp ta' ghodod u metodologiji ghad-dijanjozi tat-teknologija.

Ir-rapport u l-istudji ta' kazi (case studies) huma mahsubin ghall-konsulenti tan-negozji, ghall-organizzazzjonijiet tal-konsulenza u ta' l-ghajnuna lin-negozji, ghall-managers fl-agenziji ta' l-ekonomija u ta' l-izvilupp, ghal dawk li ghandhom x'jaqsmu mat-tifsil u t-twettiq ta' programmi ta' ghajnuna ghall-innovazzjoni, u ghall-managers infushom ta' l-SMEs. Fl-ghazla ta' l-ghodod tal-management ta' l-innovazzjoni u tal-metodogija ghal revizjoni dettaljata, il-kriterji kienu li dawk li jintghazlu ghandhom ikunu:

* taw prova ta' xoghol tajjeb ta' assenjamenti fl-SMEs fi hdan il-Framework tal-MINT u/jew xoghol ta' konsulenza bhal dan
* dokumentati bi struttura definita jew b'metodu ta' applikazzjoni
* imfasslin b'mod partikulari biex juzawhom il-konsulenti li jridu jaghmlu dijanjozi ta' l-innovazzjoni fl-SMEs
* imfasslin ghal dijanjozi shiha jew tematika li tirrikjedi inqas minn gimaghtejn xoghol ta' konsulenza.

Ir-ricerkaturi ta' Warwick tkellmu ma' konsulenti, managers tal-SMEs, sidien u zviluppaturi ta' l-IMT, u esperti ohrajn fi 17-il pajjiz biex ihejju l-istharrig taghhom f'kull ghodda maghzula. Imbaghad fittxew li jdahhlu dawn l-ghodod u l-applikazzjonijiet taghhom f'kuntest usa' ta' ghajnuna ghall-innovazzjoni fl-SMEs, fosthom ghodod ohrajn u metodi mhaddmin minn konsulenti, agenziji ta' appogg ghan-negozji u d-ditti nfushom. Ir-rapport ewlieni taghhom iressaq:

* gabriet fil-qosor u stimi bl-irqaqat ta' 17-il ghodda ta' management ta' l-innovazzjoni, b'diskussjonijiet aqsar ta' xi ohrajn
* studji ta' kazijiet bhala appogg li juru l-uzu effikaci ta' l-IMTs maghzulin
* skema ta' klassifikazzjoni ghall-IMTs, mahsuba biex tghin lill-konsulenti jaghzlu l-ghodod
* stima shiha ta' l-ghodod mistharrga, b'diskussjoni ta' xi kwestjonijiet ewlenin u
* mudell imsejjes fuq process biex jghin lid-ditti jifhmu l-innovazzjoni u illustrat b'aktar studji ta' kazijiet.

Il-konkluzjonijiet ewlenin ta' l-istudju huma mnizzlin hawnhekk.

**L-ghanijiet u l-beneficcji ta' l-ghodod tal-management ta' l-innovazzjoni**

**(1)** Il-management ta' l-innovazzjoni m'ghandux x'jaqsam biss mal-bidla fit-teknologija. Ghandu x'jaqsam ukoll ma' materji li jikkoncernaw lin-"nies", il-kultura, il-komunikazzjoni u l-organizzazzjoni - u ma' materji li jikkoncernaw il-process tan-negozju, ghall-inqas daqs kemm ghandu x'jaqsam mat-teknologija. Beneficcju ewlieni ta' l-ghodod tal-management ta' l-innovazzjoni (IMTs) jinsab fil-hila li ghandhom li jnisslu dehra shiha ta' innovazzjoni u li jixhtu dawl fuq kwestjonijiet li jkunu qeghdin ifixklu lid-ditta u ma jhalluhiex tiehu vantagg shih minn teknologiji godda, minn opportunitajiet godda u minn strutturi alternattivi ta' organizzazzjoni.

**(2)** Uhud mill-ghodod ezaminati jghinu biex tissawwar rabta mill-qrib bejn it-teknologija u l-istrategija tan-negozju. Bihom id-ditta tkun tista' torbot l-aspett teknologiku ta' l-istrategija ma' l-aspett strategiku tat-teknologija. Fi kliem iehor, jghinu lid-ditta tfassal strategija fi hdan il-kuntest tal-hiliet teknologici, ta' l-opportunitajiet, ta' riskji u tibdil u biex tizgura li l-kisba, it-tmexxija u l-uzu tat-teknologija jsiru bhala qadi ta' l-ghanijiet strategici maghzulin mill-kumpanija.

**(3)** L-IMTs gew ikklassifikati skond l-ghamliet ta' imprizi li ghalihom tfasslu, il-processi li jahdmu bihom u x-xejra bazika tal-metodologija taghhom. Fost l-ghodod li stharrigna, hemm bosta li ghandhom x'jaqsmu ma' l-istrategija generali, ma' l-izvilupp tal-process u ma' l-izvilupp tal-prodott. Fejn jidhlu kwestjonijiet ta' rizorsi umani, materji ta' organizzazzjoni u fatturi ambjentali, il-"kaxxa ta' l-ghodda" ghandha inqas taghmir.

**(4)** Il-bicca l-kbira ta' l-ghodod mistharrga jiffokaw aktar fuq analizi milli fuq it-tehid tad-decizjonijiet, il-pjanifikazzjoni jew l-implimentazzjoni.

**(5)** L-ghodod mistharrga huma aktar b'sahhithom fejn tidhol il-partecipazzjoni tal-management milli fejn tidhol il-partecipazzjoni ta' l-impjegati, minkejja t-turija li s-sehem moghti mid-ditta kollha huwa ta' siwi kbir.

**(6)** L-imprizi z-zghar u dawk ta' daqs medju huma moqdija sew mill-ghodod disponibbli, imma hemm provvedimenti fqar ghall-mikro-imprizi, jigifieri d-ditti li jhaddmu madwar 15-il impjegat.

***L-ahjar tifsila***

**(7)** Ghodda tal-management ideali ghal kull xorta ta' innovazzjoni ma tezistix. Minflok, il-muftieh ghas-success f'bicca xoghol ta' konsulenza hija t-tahlita "ta' l-ahjar tifsila" bejn il-metodologija, il-konsulent u d-ditta klijenta. Fl-isfond ta' din il-pri-kundizzjoni, l-IMTs jitqiesu minn bosta bhala li qed jaghtu kontribut siewi lid-ditta u bihom il-konsulent ikun jista' jaghmel tgharbila aktar malajr u aktar wiesgha milli kien ikun jista' jaghmel minghajrhom. L-ghodod dianjostici li jishqu fuq il-gabra tal-fehmiet tad-ditta nnifisha (l-aktar billi ssir konsultazzjoni ma' taqsima dijagonali ta' l-istaff) wasslu ghal aktar rizultati sbieh minn dawk li jserrhu fuq l-istima tal-konsulent biss.

**(8)** Sabiex tinkiseb l-"ahjar tifsila" bejn l-ghodda, il-konsulent u d-ditta, ix-xoghol tal-konsulenza jrid iqis il-kwestjonijiet gewwiena, ic-cirkostanzi, ir-rizorsi u l-kompetenzi tad-ditta, l-ghanijiet tas-sid(ien) taghha, ecc. - u kif ukoll tal-kuntest tan-negozju estern li fiha hija mdahhla d-ditta. Dan ta' l-ahhar ihaddan lill-klijenti, lill-fornituri, lill-kompetituri, ecc. Fost l-ghodod li stharrigna sibna kemmxejn ta' xaqliba lejn enfasi interna. Ta' sikwit, il-kompetittività ta' ditta specifika tkun marbuta mill-qrib mal-kompetittività tal-katina tal-fornitura li minnha taghmel sehem, u l-ghajnuna ghall-innovazzjoni ghandha tkun imfassla meta titqies il-katina tal-fornitura b'kollox.

**(9)** Sabiex il-klijent ikun zgur sodisfatt, bicca xoghol li tuza l-IMTs ghandu jkollha oggettivi cari, realistici u li jistghu jintlahqu, kriterji sabiex ikun maghruf meta dawn l-oggettivi jkunu ntlahqu, u r-rizultati li jkun possibbli li jinkisbu. L-oggettivi m'ghandhomx joqghodu jsemmu t-"teknologija" fis-sens dejjaq tal-kelma x'aktarx ahjar ninqdew bit-terminu "t-thaddim intelligenti tat-teknologija".

**(10)** Rizultati bikrin u li jinhassu (nghidu ahna s-soluzzjoni ta' problema prattika) huma bosta drabi effettivi hafna biex jinkiseb impenn sod ghal innovazzjoni strategika fuq medda itwal ta' zmien. Ghodda xierqa ghad-dijanjozi taf bosta drabi ssib oqsma li fihom jistghu jinkisbu rizultati bikrin bhal dawn.

**(11)** L-indikaturi tas-success tal-process kollu ta' l-innovazzjoni ta' ditta huma importanti. Hawnhekk qeghdin inressqu assortiment ta' indikaturi possibbli, izda ghal kull ditta trid issir ghazla ta' sett zghir ta' indikaturi tax-xoghol, tal-produzzjoni u tar-rizultat, u din l-ghazla trid issir bi qbil fi hdan il-kumpanija bhala s-sies ta' "scorecard" ghall-andament tad-ditta.

***Principji ta' prattika tajba***

**(12)** Jekk inharsu sew lejn il-medda ta' l-IMTs mistharrga, jistghu jfiggu xi principji ta' prattika tajba ghat-tifsil ta' l-ghodod. Il-karatteristici rakkomandati ta' metodu ta' stharrig ta' l-innovazzjoni huma dawn li gejjin

* ikunu msejsin fuq mudell ta' oggettiv ta' prattika tajba

* ikunu semplici fl-istil tal-prezentazzjoni u tal-gbir tat-taghrif

* ikunu flessibbli biex tkun tista' ssir "l-ahjar tifsila" ghas-sitwazzjoni kurrenti u ghall-htigiet tal-kumpanija

* ikunu mfasslin biex iqabblu l-kisbiet u l-hidma tad-ditta klijenta ma' l-ahjar prattiki f'manjiera grafika u viziva cara

* ikunu jintuzaw flimkien ma' sfond baziku ta' informazzjoni dwar il-kumpanija

* ikunu jhaddmu l-aktar software addattat biex jibbilancjaw il-komprensività u l-uzu effikaci tal-hin u taz-zmien

* ikollhom perspettiva taz-zmien li biha jkunu jistghu jitqabblu l-aspirazzjonijiet ta' l-imghoddi, tal-prezent u tal-gejjieni

* jiehdu hsieb jigbru l-fehmiet minn "felli dijagonali" matul is-safef kollha tad-ditta, ikluz il-Kap Ezekuttiv

* jaghtu attenzjoni ghad-differenzi fl-istimi jew fil-percezzjonijiet bejn il-membri diversi ta' l-istaff

* jipprovdu ghal mezzi dwar l-ippjanar ta' l-azzjoni

* johlqu rabtiet bejn l-ghodda bazika u metodologiji ohrajn tad-dijanozi u ghajnuna fl-implimentazzjoni

* ikunu jinkludu l-kriterji ghas-success

* ikunu mfasslin biex jiffacilitaw it-taghlim fi hdan id-ditta klijenta u jizguraw li t-taghlim jinqabad sew

* jiehdu hsieb li jkun hemm segwitar (follow-up) sistematiku ta' kif ikunu sejrin l-affarijiet.

**(13)** Ir-ricerka taghna turi li hemm valur konsiderevoli mizjud fl-uzu ta' konsulent jew facilitatur flok metodu ghal kollox ta' awto-stima. Id-ditta, l-istaff taghha, u fuq kollox il-direttur

manigerjali taghha, aktar ghandhom mnejn jiehdu l-bicca xoghol bis-serjeta'. Il-kwestjonijiet jinhargu fil-miftuh biex id-ditta tiffaccjahom. Il-konsulent ghandu wkoll rwol li jghin fit-tifsir tas-sejbiet misjuba minn stima dijanjostika, jorbothom ma' mudell ta' l-ahjar prattika, u jahdem mad-ditta fit-tifsil ta' pjan ta' hidma. Huwa jista' jaghti esperjenza komparattiva siewja lid-ditta klijenta. Xi ditti ghazlu li jibqghu sejrin bid-dijanjozi u t-twettiq ma' l-istess konsulent li jkun jista' jdahhal specjalisti f'materji specifici bhala zjieda ma' hiltu. Hawnhekk ghandna xebh kbir bejn il-konsulent (bhala "tabib tan-negozju") u tabib generiku fil-medicina.

**(14)** Mill-punto di vista tal-konsulent, il-partecipazzjoni tieghu f'xoghol dijanjostiku zghir m'huwiex kummercjalment attraenti fih innifsu. Madankollu, dan jista' jiswa biex jiftah il-bibien b'qawwa halli jghin lill-konsulent jintroduci s-servizzi tieghu lil klijenti godda u juri kif is-servizzi tieghu jistghu jghinu lid-ditti.

**(15)** Hawnhekk jistghu jitnizzlu xi principji ta' prattika tajba ghall-konsulent u li huma msejsin fuq ir-ricerka taghna. Il-konsulent irid

* jibni fuq sisien ta' fiducja u rispett reciproku

* ikollu tizwiqa ta' gharfien tas-settur, hiliet u tahrig fil-konsulenza

* ikollu access ghal "kaxxa ta' l-ghodda" komprensiva

* joffri access ghan-networks ta' taghrif u ghajnuna

* jikseb l-impenn tal-Kap Ezekuttiv/Direttur Manigerjali mill-bidunett ta' hidmietu

* iqis l-istima li d-ditta nnifisha taghmel ta' hidmietha

* izid ma' l-awto-stima tad-ditta bl-osservazzjonijiet li huma jaghmel

* jidhol ghal analizi interattiva ma' team rapprezentattiv

* izid l-gharfien miksub minn oqsma ohrajn tan-negozju u tal-hsieb manigerjali

* ikollu l-hila qawwija biex igieghel lid-ditta tiehu azzjoni u juriha t-triq lejn aktar ghajnuna

* ifittex li jforni kuntatt sostenut u t-tkomplija tieghu bl-ghejjun li jistghu jintuzaw

* jahdem bhala "tabib tan-negozju" ghad-ditta klijenta.

***Mudell ghal atteggjament innovattiv fost l-SMEs***

**(16)** Il-pass li jmiss ikun li jigi pprezentat mudell li fih ikun hemm imfassla t-toroq li ghandhom jiehdu l-processi tan-negozju relatati ma' l-innovazzjoni fi hdan ditta u jorbothom mat-thaddim ta' l-IMTs. Imsejjes fuq kitbiet li hargu dan l-ahhar u fuq ghadd ta' kazijiet ta' studju, dan il-mudell jipprovdi bazi biex wiehed jifhem l-impatt specifiku ta' IMTs partikulari u jidentifika l-bixriet ewlenin ta' l-atteggjament lejn l-innovazzjoni.

**(17)** Il-mudell jissejjes fuq kwadru bi tlett elementi marbutin ma' xulxin

* element ewlieni ta' l-innovazzjoni, mislut minn xoghol ta' Chiesa et al u Kline, juri l-processi ta' kif jitnisslu ideat dwar prodotti godda, l-izvilupp tal-process u l-prodott, il-produzzjoni u s-sejba tas-swieq

* element tat-taghlim li jipprezenta process tat-taghlim fi hdan id-ditta

* element strategiku li ghandu x'jaqsam mar-(ri)definizzjoni ta' l-ghanijiet u l-istrategija tad-ditta fuq medda twila ta' zmien.

Meta thaddem flimkien dawn it-tlett elementi tal-mudell, id-ditta tkun qed tibni hilitha u l-gharfien taghha. IMTs specifici jistghu jghinu dan il-process u/jew jiehdu hsieb passi partikulari li jafu jkunu difficli biex jittiehdu, waqt li l-mudell jista' jghin ukoll biex jippjana b'mod ragunat kif IMTs diversi jistghu jolqtu l-atteggjament tad-ditta.

***Aktar zvilupp u tkattir ta' IMTs***

**(18)** F'bosta hwejjeg ghad hemm il-wisa' ghal aktar zvilupp tas-segwar (follow-up) ta' IMTs. L-aktar importanti fosthom ghandhom x'jaqsmu mat-tifsil ta' l-ghodod u mat-tiswir tal-kliem li jhaddmu bil-ghan li jkunu addattati ghall-htigiet specifici ta' l-SMEs, kif ukoll it-twettiq u s-segwar tieghu. Hafna IMTs huma neqsin bil-kbir mill-hila fis-segwar. Ghalhekk ghad hemm wisa' biex l-IMTs jitfasslu b'qies preciz li jkun jghodd ghal setturi partikulari u ghamliet ta' ditti, u ghat-tifsil u l-ghazla ta' IMTs li fuq il-bazi taghhom il-fatturi tas-success ikunu jghoddu ghad-ditta klijenta.

**(19(** Il-kwestjoni tas-segwar tqanqal problema ghall-prattika ta' konsulenza zghira li taf tkun nieqsa mill-kobor tal-hiliet u mill-profondità teknika. Dan ix-xkiel irid jintgheleb, ghall-inqas ftit minnu, bil-hidma tan-"networking" fost il-konsulenti u b'involviment akbar ta' entitajiet ohrajn, l-aktar l-organizzazzjonijiet tar-ricerka u tat-teknologija (RTos).

**(20)** Il-konsulenti, id-ditti u l-agenziji ta' l-ghajnuna m'humiex konxji bizzejjed tal-kwantità u l-kwalità ta' l-IMTs disponibbli u tal-beneficcji potenzjali li jistghu jinkisbu mit-thaddim taghhom bhalma jista' jsir minn informazzjoni ohra marbuta ma' l-innovazzjoni. Fejn tidhol id-dimensjoni Ewropea, l-istharrig taghna wera li bejn naha u ohra tal-fruntieri nazzjonali ftit li xejn isir uzu komuni ta' IMTs jew ta' esperjenza fit-thaddim taghhom. Minflok, l-istharrig taghna ta hjiel li b'adattament xieraq li jkun jaqbel mal-kultura lokali tan-negozju hemm hafna x'jista' jinkiseb jekk jittejjeb it-trasferiment taghhom minn pajjiz ghall-iehor. Ahna nirrakkomandaw li tinghata aktar emfasi lit-"tixrid tal-kelma" billi jixxandru ma' l-erbat irjieh l-ezempji li rnexxew tal-konsulenza fit-tmexxija ta' l-innovazzjoni u l-prattika t-tajba, u billi jinghata appogg lill-hidma id f'id ma' regjuni Ewropej u lill-"esportazzjoni ta' IMTs".

**(21)** L-aktar li jitghallmu l-SMEs huwa minn dawk tamparhom u l-istudju ta' ezempji ta' prattika tajba jaf jiswa lid-ditti biex itejbu l-hidma taghhom ta' innovazzjoni. Ir-ricerka taghna tissuggerixxi lill-konsulenti li l-metodi li jghinu lid-ditti biex jitghallmu minn gos-settur taghhom stess (parruccani, fornituri, l-istampa kummercjali, il-wirjiet) huma mekkanizmu aqwa milli wiehed jipprova jqabbadhom ma' istituzzjonijiet tas-settur pubbliku, bhalma huma universitajiet, li l-bicca l-kbira tad-ditti ma jarawhomx bhala rilevanti.

**(22)** L-istharrig taghna rega' sahaq fuq in-nuqqas ta' gharfien xieraq li bhalissa ghandhom dwar l-innovazzjoni d-ditti z-zghar, forsi bl-eccezzjoni ta' SMEs tat-teknologija gholja. Tassew hemm htiega ghal gharfien bil-wisq ahjar tal-kuntest li fih jahdmu l-SMEs, u ghal gharfien aktar profond ta' l-atteggjament taghhom ghall-innovazzjoni. It-thaddim ta' l-IMTs fid-ditti jipprovdi taghrif siewi dwar "case data" biex itejjeb l-gharfien f'dawn l-oqsma importanti. Kif inhi l-qaghda ta' bhalissa, dawk li jhaddmu l-IMTs ghandhom izommu ghajnejhom miftuhin berah meta jhaddmu l-ghodod li l-mudelli bazici taghhom huma msejsin fuq l-atteggjament tad-ditti l-kbar.

**KAPITLU 4**

# Il-mod kif l-Unjoni Ewropea tkejjel is-success jew falliment ta' process ta' innovazzjoni (ristrutturazzjoni)

S'ISSA dan l-Istudju dwar l-Impatt tas-Shubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea ikkunsidra ghadd ta' aspetti differenti ta' ristrutturazzjoni, jew - kif inhu aktar f'loku li tissejjah - innovazzjoni. S'issa huwa car li l-Gvern mhux korrett li jghid li qed jaghmel minn kollox biex jirristruttura lill-industrija lokali, meta l-ebda diskussjoni komprensiva dwar l-innovazzjoni ghadha ma bdiet f'Malta. M'hemm l-ebda hjiel ta' dawn id-diskussjonijiet lanqas fid-dokumenti politici tal-Gvern, bhall-politika dwar ir-Ricerka u Zvilupp u l-Ligijiet ghall-Promozzjoni tan-Negozju. Dawk l-organizzazzjonijiet li suppost ghandhom ir-rwol krucjali ta' "agenti tal-bidla" fil-pajjiz mhux qed jaghrfu kif jimplimentaw l-istrategiji li hemm bzonn sabiex ikun hawn kultura ta' innovazzjoni.

Il-logika wasslet lill-General Workers' Union biex tistaqsi B'liema mod l-Unjoni Ewropea tkejjel is-success jew il-falliment ta' process ta' innovazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea zviluppat il-European Innovation Monitoring System (EIMS) li permezz taghha kull pajjiz membru mhux biss ta' l-Unjoni Ewropea izda ukoll taz-Zona Ekonomika Ewropea (EEA) jigbor u jkejjel informazzjoni hekk kif imfissra fil-kapitlu ta' qabel skond il-Manwal ta' Oslo u l-kwestjonarju li johrog minnu. Din l-informazzjoni mbaghad tghaddi ghand is-sezzjoni tar-Ricerka u Zvilupp tal-Eurostat li tiehu hsieb tqabbel il-figuri fuq livell Ewropew.

Fl-1997/98 sar it-tieni Stharrig Komunitarju ta' l-Innovazzjoni (CIS2). Dawn li gejjin huma whud mir-rizultati ta' l-istharrig, liema rizultati juru s-successi u l-fallimenti fl-innovazzjoni ta' intraprizi differenti fil-qasam tal-manifattura tal-pajjizi ta' l-EEA. Ir-rapport tal-Eurostat sar mis-Sur Frank Foyn u jsegwi l-format tal-kwestjonarju tas-CIS2. Ghalhekk, dan ir-rapport huwa maqsum f'sitt partijiet, jigifieri intraprizi li qed jinnovaw intensità ta' l-innovazzjoni prodotti godda ghanijiet ghall-innovazzjoni ghejun ta' taghrif tfixkil. Is-sejbiet ewlenin tar-rapport ta' Foyn huma dawn li gejjin

**Intraprizi li qed jinnovaw**

Medja ta' 53 fil-mija ta' l-intraprizi kollha tal-manifattura fil-pajjizi ta' l-EEA innovaw b'xi mod fil-perjodu 1994-96 (1995-97). Dan ifisser li 53 fil-mija ta' l-intraprizi f'dan il-qasam kienu introducew prodotti godda fis-suq, tejbu l-prodotti taghhom, jew introducew metodi godda ta' produzzjoni. Fuq ta' quddiem f'dan il-process kienu l-intraprizi l-kbar. Fil-fatt, 84 fil-mija ta' l-intraprizi li jhaddmu aktar minn 250 persuna wettqu xi tip ta' innovazzjoni. Din il-medja taqa' ghal 59 fil-mija u 44 fil-mija fil-kaz ta' intraprizi medji u zghar rispettivament.

Din hija sitwazzjoni komuni f'bosta mill-pajjizi fejn sar l-istharrig. Madankollu, ta' min wiehed jinnota li d-differenza fil-medja fil-Germanja u fl-Irlanda hija inqas minn ta' pajjizi ohra. Fuq in-naha l-ohra tal-munita, id-differenzi fi Spanja, il-Lussemburgu u l-Finlandja huma akbar.

L-aktar setturi fejn hemm intraprizi li jinnovaw huma dawk tal-kimika u prodotti kemikali, makkinarju u taghmir, u t-taghmir elettriku u ottiku.

Tmienja u erbghin fil-mija ta' l-intraprizi tal-manifattura hargu bi prodotti godda. F'40 fil-mija tal-kazi dawn il-prodotti kienu totalment godda ghas-suq. 39 fil-mija ta' l-intraprizi zviluppaw metodi godda ta' produzzjoni.

Fil-qasam tas-servizzi, il-medja ta' innovazzjoni tinzel ghal 41 fil-mija. Fis-servizzi wkoll, il-kumpaniji l-kbar kienu aktar innovattivi (73 fil-mija) minn dawk medji (49 fil-mija) u zghar (37 fil-mija).

**Intensità ta' l-innovazzjoni**

Bhala medja, l-ispiza tal-process ta' l-innovazzjoni ghal intraprizi tal-manifattura fil-pajjizi ta' l-EEA kienet tlahhaq ghal 4 fil-mija tal-bejgh kollu tas-settur. B'mod generali, kien hemm aktar intensità ta' innovazzjoni fost il-kumpaniji l-kbar. Madankollu, ma kienx hemm xi differenza sinifikanti bejn dawk medji u zghar. Is-setturi li kellhom l-akbar intensità innovattiva kienu bejn wiehed u iehor l-istess bhal dawk li kellhom fi hdanhom l-akbar numru ta' kumpaniji li johorgu b'innovazzjonijiet. Min-naha l-ohra, il-paraguni bejn il-pajjizi kienu aktar kumplikati. B'mod generali, l-Isvezja kienet il-pajjiz bl-akbar intensità innovattiva, filwaqt li Spanja kienet isfel nett fuq l-istess tabella.

Fis-settur tas-servizzi, l-intensità innovattiva kellha medja ta' ftit inqas minn tlieta fil-mija meta mill-kalkolu jitnehhew in-negozju bl-ingrossa u l-intermedjazzjoni finanzjarja. Minhabba l-kuncett ta' turnover f'dawn is-setturi, mhux possibbli li tqabbel ma' setturi ohra.

Ir-ricerka u l-izvilupp, ix-xiri tal-makkinarju, taghmir u teknologija, it-tahrig fid-disinn industrijali, u l-marketing konness ma' l-innovazzjonijiet teknologici kollha ttiehdu bhala attivitajiet li ghandhom x'jaqsmu ma' l-innovazzjoni. Ta' min wiehed jghid li l-kwantifikazzjoni ta' dawn l-ispejjez kienet wahda mill-problemi ewlenin ta' dan l-istharrig.

**Prodotti godda**

Indikatur importanti fil-qasam ta' l-innovazzjoni huwa s-sehem li prodotti godda jew imtejba kellhom mill-bejgh kollu tas-settur. Irrizulta li 31 fil-mija tal-bejgh fil-qasam tal-manifattura kien gej minn dawn it-tip ta' prodotti matul it-tlett snin meqjusa fl-istharrig. Il-prodotti totalment godda wahidhom ikkontribwew sebgha fil-mija biss mill-bejgh.

Kienu ghal darb'ohra l-kumpaniji l-kbar l-aktar li kellhom persentagg gholi ta' prodotti godda bhala parti mill-bejgh taghhom. Din il-medja kienet gholja b'tali mod (70 fil-mija) li affettwat konsiderevolment il-medja meta wiehed iqis li l-medja ta' intraprizi zghar kienet ta' 15 fil-mija.

Interessanti l-fatt li jekk wiehed jikkunsidra biss lill-intraprizi li innovaw, id-differenza fid-daqs tithassar kwazi ghal kollox, minkejja li l-intraprizi l-kbar jibqghu igawdu ftit vantagg.

L-intraprizi fil-qasam tas-servizzi ma gewx ezaminati minhabba li ma jikklassifikawx ghal din it-tip ta' kategorizzazzjoni.

**Ghanijiet ta' l-innovazzjoni**

Ghal 60 fil-mija ta' l-intraprizi innovattivi fil-qasam tal-manifattura u ghal 68 fil-mija fil-qasam tas-servizzi, it-titjib tal-kwalità tal-prodott jew servizz kien il-ghan ewlieni ta' l-innovazzjoni. Dan il-ghan kien l-aktar wiehed importanti irrilevanti mid-daqs ta' l-intraprizi. Ragunijiet ohra importanti kienu t-twessiegh tas-selezzjoni ta' prodotti jew servizzi u l-ftuh ta' swieq godda. Ghal intraprizi tal-manifattura fil-Belgju, Franza, Irlanda u Lussemburgu, is-swieq godda u t-twessiegh tas-sehem fis-suq prezenti kien ikkunsidrat aktar importanti mit-titjib tal-kwalità tal-prodott. Ragunijiet ta' inqas importanza kienu l-konformità ma' regolamenti u standards, it-tnaqqis fl-uzu tal-materjal u energija, it-tnaqqis fil-hsara lill-ambjent u t-tibdil ta' prodotti li jkun qed jghaddi zmienhom.

### Ghejun ta' taghrif

L-ghejjun ewlenin tat-taghrif ghal intraprizi fil-qasam tal-manifattura huma l-kljienti u informazzjoni minn fi hdan il-kumpanija stess. L-importanza ta' din ta' l-ahhar tizdied aktar ma jkunu kbar l-intraprizi. Dan jidher li jaghmel sens minhabba li l-bazi ta' haddiema minn fejn tingabar l-informazzjoni tkun akbar aktar ma l-kumpanija tkun kbira. Intraprizi f'pajjizi differenti jaghtu l-aktar importanza lil fatturi differenti. Ghalhekk huwa difficli li wiehed jidentifika xi struttura wahda. Madankollu hemm tendenza li l-pajjizi tan-naha ta' fuq ta' l-Ewropa jaghtu aktar importanza lill-klijent bhala sors ta' informazzjoni, l-istess bhalma jigri fl-Awstrija u l-Belgju.

Il-qaghda hija bejn wiehed u iehor l-istess fil-qasam tas-servizzi, fejn izda l-importanza ta' informazzjoni minghand il-klijenti hija aktar ristretta.

### Tfixkil

L-intraprizi fil-pajjizi ta' l-EEA gew mistoqsija jekk kienx hemm xi progetti ta' innovazzjoni li ddewmu bil-bosta, thassru jew lanqas biss bdew. 48 fil-mija ta' l-intraprizi fil-qasam tas-servizzi irrapportaw dawn it-tip ta' kazijiet. Fil-parti l-kbira taghhom dawn il-progetti sofrew dewmien serju.

L-intraprizi gew mistoqsija ukoll dwar il-fatturi ewlenin ta' tfixkil. Fost l-aktar fatturi li ssemmew fil-qasam tal-manifattura kien hemm dawk ekonomici, fosthom it-thassib dwar riskji zejda, spejjez gholja u n-nuqqas ta' sorsi biex jiffinanzjaw il-progett. Dawn il-fatturi kienu kollha tfixkil importanti ghal progetti mhux mibdija, filwaqt li n-nuqqas ta' finanzi ma kinux ikkunsidrati daqshekk importanti ghal progetti li jkunu thassru. Ma kien hemm l-ebda fattur li ddomina lil iehor bhala raguni ewlenija ghal progetti li sofrew dewmien serju.

Il-qaghda kienet tista' tghid l-istess fil-qasam tas-servizzi, bid-differenza li diffikultajiet ta' nuqqas ta' flessibiltà u haddiema mharrga jkunu ta' tfixkil aktar minn fatturi ekonomici.

### Taghlimiet mir-rapport tal-Eurostat

Dan ir-rapport tal-Eurostat jista' jkun ta' ghodda bzonnjuza anki lokalment sabiex wiehed jifhem x'qed jigri fil-qasam ta' l-innovazzjoni fl-Ewropa. Jekk l-IPSE jew xi istituzzjoni ohra lokali xi darba jwaqqfu l-Innovation Relay Centre (IRC) li tant hemm bzonnu, din l-istatistika tkun ferm mehtiega sabiex jigi determinat ma' liema pajjizi nistghu naqbdu.

Sabiex ikun parti min-network ta' l-IRC u jitwaqqaf centru ta' dan it-tip, il-pajjiz ma jehtieglux jissieheb fl-Unjoni Ewropea. Aktarx li jezistu intraprizi f'Malta, minkejja li m'humiex fil-qasam tal-manifattura, li jkunu anki f'qaghda li joffru huma l-esperjenza taghhom fl-innovazzjoni lil intraprizi ohra Ewropej. Huwa interessanti l-fatt li fost is-setturi bl-akbar ammont ta' innovaturi hemm dawk tal-kimika, makkinarju u apparat elettriku u ottiku. F'Malta, il-Pharmamed aktarx tikkwalifika bhala intrapriza innovattiva bi storja ta' success fir-ricerka fil-qasam taghha. Id-Datatrak-Siemes ukoll ghandha hafna potenzjal fil-qasam ta' l-innovazzjoni. Minkejja li dawn m'humiex kumpaniji zghar u ta' daqs medju (SMEs), ir-ricerka turi li l-SMEs igawdu minn dak li johrog minn dawn il-kumpaniji.

Min-naha l-ohra, kemm is-CIS ta' l-1990-1992, kif ukoll dak ta' l-1997-1998 juri li l-kumpaniji bl-inqas kapacità ghal innovazzjoni huma dawk zghar. Jekk f'Malta 95 fil-mija ta' l-intraprizi huma zghar, x'qed jaghmel il-Gvern biex jipprotegi l-postijiet tax-xoghol f'dawn it-tip ta' intraprizi. L-incentivi tal-Ligi ghall-Promozzjoni tan-Negozju (Business Promotion Act) mhux bizzejjed biex jghinu lill-SMEs biex jikkompetu f'suq hieles fejn m'hemmx protezzjoni u l-kompetizzjoni hija harxa. Dawn l-intraprizi se jiffaccjaw dan it-tip ta' ambjent sa sentejn ohra.

---

**KAPITLU 5**

## Innovazzjoni (ristrutturazzjoni) u mpjiegi fl-Unjoni Ewropea.

IL-GENERAL WORKERS' UNION sabet twegiba semplici ghall-mistoqsija ta' kif l-Ewropa tkejjel is-succcess jew il-falliment ta' l-innovazzjoni. Il-Gvern jaghmel tajjeb jekk jerga' jistudja u jara x'jista' jsir sabiex jara li l-bicca l-kbira tal-haddiema ma jitilfux il-post tax-xoghol taghhom fil-gejjieni qrib. Sabiex jigi sostanzjat il-kontenut ta' din l-istqarrija, il-General Workers' Union iddecidiet li taghti harsa lejn il-qaghda fl-istati membri ta' l-Unjoni Ewropea, u anki lil hinn minnhom.

Mill-istharrig differenti dwar l-innovazzjoni u l-impjiegi li saru matul dawn l-ahhar snin, deher car li l-gvernijiet ta' tista' tghid il-pajjizi kollha ta' l-Unjoni Ewropea assumew li zjieda f'attivitajiet innovattivi f'livell ta' intrapriza jghinu biex isolvu l-problema tal-qghad fl-istess Unjoni Ewropea . Fil-verità, hafna ekonomisti ilhom ghal aktar minn mitt sena jippruvaw ikejlu u jqisu r-rabta bejn l-impjiegi u l-bidliet teknici. Minkejja l-isforzi kbar li saru f'ricerka kemm teoretika kif ukoll prattika, din ir-rabta ghadha ma gietx iccarata.

L-istorja tax-xoghol madwar id-dinja turi li matul it-tieni nofs ta' dan is-seklu l-impjiegi ccaqilqu mill-qasam tal-manifattura ghal dak tas-servizzi. Fil-pajjizi kollha, bl-eccezzjoni tal-Gappun, kien hemm tnaqqis fil-qasam tal-manifattura bejn l-1970 u l-1993. L-akbar tnaqqis sehh fir-Renju Unit (-2.4 fil-mija fis-sena) segwit mill-Belgju, Svezja, Spanja, Norvegja u Franza. Min-naha l-ohra, il-qasam tal-manifattura Gappuniz kiber b'rata ta' 0.3 fil-mija kull sena, filwaqt li kien hemm tnaqqis zghir fl-impjiegi fl-Istati Uniti, Awstrija, Germanja u Italja. Fl-istess hin, dawn il-pajjizi kollha esperjenzaw zjieda fir-rata ta' produttività. L-akbar zieda fil-produttività matul dawn l-ahhar 20 sena giet esperjenzata mill-Gappun. L-istess pajjiz kellu wkoll l-akbar zjieda fix-xoghol. Min-naha l-ohra, minkejja li jigu ezatt wara l-Gappun bhala zjieda fil-produttività, il-Belgju u r-Renju Unit sofrew tnaqqis kbir fl-impjiegi. F'hafna pajjizi ohra l-korrelazzjoni bejn zjieda fl-impjiegi u zjieda fil-produttività hija negattiva.

Skond studju ta' l-OECD dwar ix-xoghol, is-setturi li l-aktar ipprovdew zieda fl-impjiegi matul l-ahhar 20 sena kienu dawk ibbazati fuq teknologija sofistikata u servizzi. Il-waqa' tas-sehem tal-manifattura meta mqabbel mas-sehem tas-servizzi tista' tigi spjegata bil-qawmien ta' oqsma bhal servizzi finanzjarji, komunikazzjoni, assigurazzjoni, negozju tal-propjetà, servizzi

ghan-negozju, u industriji teknologici bhal dawk informatici u aero-spazjali. Dawn il-bidliet fl-istruttura ta' l-impjiegi huma differenti bejn pajjiz u iehor. Dan ifisser li l-impatt ta' l-innovazzjoni huwa differenti bejn pajjiz Ewropew u iehor.

Skond ekonomisti ewlenin, it-thaddim ta' teknologiji avanzati wassal ghal caqliq ta' haddiema fil-qasam tal-manifattura. Bejn l-1981 u l-1983, ic-caqliq fl-impjiegi tal-manifattura minhabba l-uzu tal-mikro-elettronika kien negattiv ghal tlett pajjizi Ewropej, jigifieri r-Renju Unit, Franza u l-Germanja. Madankollu, iz-zjieda fl-impjiegi fil-qasam tas-servizzi pattiet ghal dan it-tnaqqis biex hekk l-effett totali tal-bidla teknologika baqa' pozittiv bi ftit, minkejja li l-qasam tal-manifattura sofra minn dan kollu. Huwa stmat li hamsa fil-mija biss tat-tnaqqis fl-impjiegi mill-qasam tal-manifattura huwa gej mill-introduzzjoni ta' teknologiji godda. L-impjiegi huma ferm aktar affettwati minn fatturi bhal domanda baxxa u kompetizzjoni internazzjonali.

**Innovazzjoni u esportazzjoni**

Xi studji jsostnu li l-aktar fattur importanti li jaffettwa l-impjiegi huwa l-bejgh. F'hames pajjizi Ewropej (Germanja, Danimarka, Lussemburgu, Belgju u Italja) l-innovazzjoni hija t-tieni l-aktar fattur importanti, filwaqt li f'zewg pajjizi ohra (Franza u Spanja) it-tieni l-aktar fattur importanti hija l-ispiza tal-hlas tal-haddiema. Fil-hames pajjizi fejn l-innovazzjoni hija t-tieni l-aktar fattur importanti, l-ispejjez tal-produzzjoni huma s-soltu t-tielet l-aktar fattur importanti. Intraprizi innovattivi li jahdmu fil-qasam tar-ricerka u zvilupp jikkontribwixxu zjieda fl-impjiegi sa 38 fil-mija. Dan huwa minnu l-aktar fejn il-progress teknologiku huwa frott ta' investiment ghaqli u b'ghanijiet precizi fir-ricerka u zvilupp u fir-rizorsi umani. L-istess progress teknologiku jkun ikkontribwixxa ghal caqliq fl-impjiegi lejn is-servizzi u setturi li jaghfsu aktar fuq ir-ricerka u zvilupp.

L-organizzazzjoni ta' l-intraprizi, l-esportazzjoni, in-nuqqas ta' finanzi u n-nuqqas ta' haddiema mharrga jiddeterminaw l-istruttura ta' l-impjiegi f'xi pajjizi. Madankollu, wiehed ma jistax jidentifika tendenza komuni bejn il-pajjizi kollha ta' l-Unjoni Ewropea.

**Caqliq fid-domanda ghall-impjiegi**

Sa minn 30 sena ilu kien jinghad li hafna mit-tort taz-zjieda fil-qghad kienet ghall-fatt li l-avanz teknologiku kien qed inaqqas il-possibiltà ta' xoghol ghall-haddiema mhux imharrga. Minhabba li t-teknologija u t-tahrig imorru flimkien, id-domanda ghal haddiema mharrga tista' tizdied, filwaqt li d-domanda ghal haddiema mhux imharrga tista' tonqos.

Storikament, kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll fi bnadi ohra tad-dinja, it-tort tal-qghad hafna drabi jintefa' fuq l-innovazzjoni, u l-haddiema jispiccaw jiggieldu kontra l-istess avvanzi. L-effetti ta' l-innovazzjoni fuq l-impjiegi jistghu jkunu kemm pozittivi kif ukoll negattivi, skond l-industrija, skond is-sengha, u skond jekk wiehed ikunx qed ihares lejn l-impatt fuq medda qasira jew medda itwal ta' zmien. Madankollu, in-natura evoluzzjonarja ta' l-ekonomija tas-suq twassal ghal process il-hin kollu ghaddej ta' twelid u mewt ta' intraprizi, u holqien u tkissir ta' postijiet tax-xoghol fl-istess qasam u fl-istess hin.

Ghalhekk huwa difficli li wiehed jaghraf liema huma l-kawzi tat-tkissir tal-postijiet tax-xoghol. Hemm spjegazzjonijiet ohra, minbarra dik ta' l-avanz teknologiku, li jistghu jispjegaw it-telf ta' impjiegi. Hemm bosta ezempji decizjonijiet hziena fuq livell ta' tmexxija, nuqqas ta' bidla fi hdan l-intrapriza, nuqqas ta' flessibiltà fis-suq tax-xoghol, nuqqas ta' finanzi, u nuqqas ta'

investiment fost l-ohrajn. Dan ifisser li jezisti mekkanizmu kumplikat li huwa responsabbli ghat-telf ta' postijiet tax-xoghol.

Ic-caqliq fid-domanda ghal aktar haddiema mharrga, kemm fil-manifattura kif ukoll fis-servizzi, igib fuq quddiem il-hila tal-pajjizi li jharrgu lin-nies taghhom. Ghalhekk, il-politika ta' l-edukazzjoni saret ferm aktar importanti llum il-gurnata. L-importanza ta' tahrig kontinwu u fuq il-post tax-xoghol se tkompli tizdied fil-gejjieni minhabba l-avanz teknologiku. Huwa f'dan il-kuntest li Leoni (1992) jissuggerixxi li l-avanz teknologiku jista' jkollu impatt differenti fuq in-nisa u fuq l-irgiel. Jekk avanz teknologiku jirrekjedi li l-haddiema jkunu mharrga fuq bazi kontinwa, nisa mizzewga u bit-tfal aktarx li jkunu zvantaggjati biex ilahhqu b'mod kontinwu mat-tahrig.

Ekonomisti moderni, bhal Acemoglu, huma mhassba dwar jekk is-socjetà qeghdiex tinvesti l-ammont bzonnjuz ta' rizorsi fl-akkumulazzjoni ta' snajja'. Huwa janalizza ekonomija fejn l-innovazzjonijiet fil-processi jistghu jigu implimentati fi hdan l-intrapriza biss meta l-haddiema jkunu mharrga kif suppost. Meta l-investiment fir-rizorsi umani jkun baxx, l-investiment fit-teknologija jkun baxx ukoll. Jekk ma jkunx hemm bizzejjed haddiema mharrga, l-innovazzjoni ma ggibx maghha qligh lill-intrapriza. Bil-maqlub ta' dan, meta jkun mistenni li l-livell ta' snajja' fil-gejjieni jkun oghla, ikun hemm aktar intraprizi li jinvestu biex jiksbu teknologija gdida. Acemoglu jassumi li hemm rabta bejn it-teknologiji godda u l-livell ta' tahrig tal-haddiema, liema tahrig ikun jista' jigi trasferit minn intrapriza ghal ohra.

**Produttività tal-haddiema**

Illum il-gurnata fl-Unjoni Ewropea huwa accettat li l-intraprizi innovattivi ghandhom produttività oghla minn intraprizi ohrajn. Ghal x'uhud, l-impatt ta' l-innovazzjoni fuq l-impjiegi jiddependi ghal kollox fuq it-teknologija. It-teknologija tiddetermina l-produttività tal-haddiema. Aktar ma tkun gholja l-produttività, aktar tkun sensittiva r-reazzjoni ta' l-impjiegi ghall-innovazzjoni, l-aktar meta d-domanda tibqa' fl-istess livelli. Aktar ma l-produttività tizdied bit-teknologija, inqas tkun il-possibbiltà li jkun hemm gwadann fl-impjiegi.

Punt importanti tat-tluq biex issir analizi tar-rabta bejn innovazzjoni u impjiegi huwa li wiehed jaghraf id-differenza bejn l-effetti ta' l-innovazzjoni tal-prodott u l-innovazzjoni tal-process. Generalment, l-innovazzjonijiet fil-prodott huma mahsuba li jzidu x-xoghol, ta' l-inqas f'livell ta' intrapriza. Min-naha l-ohra, innovazzjonijiet fil-process huwa mahsub li jnaqqsu x-xoghol ghaliex permezz taghhom l-intraprizi jkunu jistghu jiksbu l-istess produzzjoni b'anqas rizorsi, li hafna drabi jfissru anqas postijiet tax-xoghol.

Madankollu jidher minn studji li saru li dawn ir-rabtiet m'humiex cari daqs kemm wiehed jista' jahseb. Hemm effetti indiretti li jtellfu mill-effetti inizjali u diretti ta' l-innovazzjoni fil-prodott u fil-process. Per ezempju, innovazzjoni fil-process tista' zzid l-effi.jenza ta' l-intrapriza, u b'rizultat ta' dan jitbaxxew l-ispejjez. Dan jista' jwassal ghal zjieda fis-sehem tas-suq u fid-domanda, biex hekk jinzammu jew anki jizdiedu l-postijiet tax-xoghol ezistenti.

Min-naha l-ohra, minkejja li innovazzjoni fil-prodott ghandha effett pozittiv fuq l-impjiegi fil-bidu, dan ma jfissirx li dan l-effett bilfors itul. Meta prodotti godda jibdlu ohrajn qodma li jkunu ghamlu zmienhom fis-suq, wiehed ma jistenniex zjieda fil-postijiet tax-xoghol fuq livell ta' intrapriza. Sahansitra jista' jkun hemm effett negattiv jekk il-prodotti l-godda juzaw teknologiji tal-produzzjoni aktar efficjenti.

Ir-rizultati li jinkisbu fuq livell ta' intraprizi mhux bilfors li jigu riflessi fuq livell ta' industrija jew ekonomija. Fuq livell ta' intrapriza, hafna mill-innovazzjonijiet jistghu jigu klassifikati bhala innovazzjonijiet fil-prodott. Madankollu, jekk wiehed ihares lejhom mil-lat ta' ekonomija, hafna

mill-innovazzjonijiet jistghu jitqiesu bhala innovazzjoni tal-process. Fil-verita', huma biss parti zghira ta' l-innovazzjonijiet li jirraprezentaw prodotti godda ghall-klijenti.

L-effetti tar-rizultat bejn l-innovazzjoni tal-prodott u dak tal-process jiddependi fuq il-qaghda tas-suq tax-xoghol, ir-rabta li l-intrapriza ghandha ma' l-istess suq, u l-istruttura tas-suq ghall-prodott. Il-qaghda tas-suq tax-xoghol tinfluwenza l-mod li bih il-pagi jkunu affettwati minn caqliq fid-domanda ghal snajja' differenti, u kemm fil-verità l-postijiet tax-xoghol ikunu jistghu jigu ristrutturati.

## Tmexxija teknologika

Kif sostna A.J. Schumpeter fil-bidu tas-seklu ghoxrin, il-progress teknologiku johloq zbilanc fis-swieq tal-prodott u tax-xoghol. Il-veru sfida kemm ghall-komunità politika kif ukoll ghal dik xjentifika hi li wiehed jara kemm is-suq tax-xoghol kapaci jiflah fuq medda qasira ta' zmien. B'mod aktar importanti, dawn il-komunitajiet iridu jaraw kif se jwasslu ghal livell ottimu ta' progress teknologiku. Huwa f'dan il-kuntest li wiehed ghandu jezamina l-impatt tat-tmexxija teknologika fuq l-impjiegi.

Jekk l-intraprizi kollha jaddottaw teknologija gdida fl-istess hin, aktarx li jkun hemm tnaqqis fl-impjiegi sabiex jinstab ekwilibru gdid. Jista' jkun hemm telf ta' impjiegi anki jekk dawn l-istess impjiegi jkunu se jizdiedu fuq il-medda itwal ta' zmien. Katsoulacos ifisser mudell li fih il-mexxejja teknologici, jigifieri dawk l-intraprizi li jiehdu azzjoni teknologika qabel haddiehor, idahhlu teknologija gdida. Intraprizi ohra jiehdu z-zmien sakemm jimitaw din it-teknologija minhabba li t-taghrif dwarha jdum ma jdur madwar l-ekonomija. Fil-perjodu ta' transizzjoni li matulu dan it-taghrif ikun qed idur, jista' jkun hemm tnaqqis fl-impjiegi. Dan ghaliex fil-bidu tal-process id-domanda ddur fuq dawk l-intraprizi li jkunu qed imexxu t-teknologija u li jkunu qed joffru prezzijiet irhas. Din l-intrapriza tohloq inqas postijiet tax-xoghol, u ghalhekk l-impjiegi totali jistghu jonqsu fiz-zmien ezatt wara d-dhul tat-teknologija l-gdida. Min-naha l-ohra, fuq medda iqsar ta' zmien, jista' jkun hemm effett pozittiv fuq l-impjiegi. Dan ghaliex jekk intraprizi jkollhom jinvestu f'makkinarju huma jkollhom bzonn aktar haddiema f'din il-fazi. Min-naha l-ohra, dan kollu jghodd bhala spejjez oghla li jistghu jwasslu biex l-intrapriza tnaqqas il-kapacità tal-produzzjoni u b'hekk tnaqqas ix-xoghol matul il-perijodu ta' transizzjoni.

Hemm aspetti ohra li jaffettwaw l-impjiegi fil-kontinent izda li ghadhom ma gewx studjati bizzejjed. Fosthom hemm l-effetti tal-politika fiskali u monetarja kif ukoll l-effett tad-deregolazzjoni.

## Politika fiskali u monetarja u r-regolazzjoni

Il-politika fiskali u dik monetarja jiddeterminaw parti sostanzjali mill-izvilupp makro-ekonomiku, stabbilità u xoghol f'sistema ekonomika. Ir-rwol ta' dawn l-oqsma politici ghadhom ma gewx indirizzati fuq livell ta' Unjoni Ewropea. Bl-istess mod, ghadha ma gietx indirizzata r-regolazzjoni ta' l-innovazzjoni. Dan minkejja li dawn huma oqsma krucjali biex jigu stimulati l-ekonomiji tal-pajjizi Ewropej. Il-qafas u r-regolamentazzjoni makro-ekonomika huma importanti ghas-suq tax-xoghol minhabba li ghandhom rwol kbir f'decizjonijiet dwar investiment kif ukoll ir-rati tal-kambju.

Zewg setturi li qed jikbru bil-bosta fl-Ewropa huma dawk tat-telekomunikazzjoni u s-servizzi finanzjarji. Id-deregulazzjoni ta' dawn is-setturi ghandha twassal ghal aktar espansjoni billi

jkun hemm aktar innovazzjoni. Bhala ezempju nistghu niehdu l-qasam tat-telekommunikazzjoni fil-Germanja li holoq bosta postijiet tax-xoghol godda wara li tnehhew ix-xkiel ghas-swieq tal-prodotti. Ghaldaqstant, wiehed mill-oqsma fejn il-Kummissjoni Ewropea trid tiehu azzjoni huwa dak tad-deregolazzjoni ta' l-ekonomiji tal-pajjizi membri ta' l-Unjoni Ewropea. Din id-deregolazzjoni jidher li hemm lokha l-aktar fil-qasam tas-servizzi sabiex jinholqu swieq godda ghal prodotti u servizzi innovattivi. Dawn ikollhom biss ftit sostituti u ghalhekk iwasslu ghall-holqien ta' postijiet tax-xoghol.

**KAPITLU 6**

# Malta u l-Acquis

IR-RAPPORT li l-Kummissjoni Ewropea harget f'Novembru li ghadda dwar il-progress ta' Malta fl-applikazzjoni ghal shubija shiha fl-Unjoni Ewropea ma kien fih xejn gdid. Bhal kull rapport iehor tal-Kummissjoni jishaq fuq l-istess affarijiet, l-aktar fuq il-fatt li l-pajjizi applikanti, inkluza Malta, ghandhom jimxu 'l quddiem b'mod konvincenti fit-tishih ta' l-istrutturi amministrattivi u gudizzjarji taghhom. Barra minn hekk, l-istess rapporti juru li qed isir ftit li xejn progress fil-qasam tal-politika agrikola, ambjentali u regjonali.

**Fejn hi l-politika ghal "knowledge-based driven economy?**

Kif digà gie spjegat fil-kapitli ta' qabel, il-hsieb ekonomiku ta' l-Unjoni Ewropea huwa dak li tiehu mizuri li permezz taghhom iddawwar l-ekonomija minn wahda ibbazata fuq l-industrija t-tqila ghal wahda ibbazata fuq is-servizzi, jew - kif inhi maghrufa ahjar - "knowledge-based driven economy". Barra minn hekk, l-Unjoni timmira lejn li tghin lil kumpaniji zghar u ta' daqs medju biex ikunu huma li veru jixprunaw lill-ekonomija Ewropea. Il-Pjan Nazzjonali ghall-Adozzjoni ta' l-Acquis (NPAA) isemmi ghadd ta' dokumenti dwar politika industrijali, u ohrajn li suppost jaghmlu parti mill-istess politika. Madankollu, il-Pjan ifalli fit-tentattiv li jfassal qafas li fih dawn il-policies differenti jinghaqdu flimkien b'mod koerenti. Per ezempju, insibu l-Att dwar il-Promozzjoni tan-Negozju bhala inizjattiva izolata bil-ghan li tipprovdi incentivi. Madankollu, dawn l-incentivi mhux marbuta ma' politika ghall-intrapriza, ghax din ghadha ma tlestietx. Ma kienx ikun jaghmel aktar sens kieku l-ewwel tfasslet il-politika ta' l-intrapriza, u mbaghad jitfasslu l-incentivi fil-qafas taghha Kritika simili tista' ssir lill-politika dwar ricerka u zvilupp u l-ligijiet tal-kompetizzjoni, fejn minflok sforz biex tigi mghejuna l-komunità kummercjali lokali sar il-minimu indispensabbli biex ikun hemm konformità ma' l-Acquis. Dan juri nuqqas serju ta' thejjija ghal dik li minghajr dubju se tkun herba kbira li se ssehh fi zmien sentejn meta r-regoli tal-kompetizzjoni se jaqbdu lil hafna mhux imhejjija.

Huwa wkoll car li l-Gvern qed jghaddi dawn il-ligijiet kollha malajr mill-Parlament sabiex ikun jista' jissieheb. Il-hsieb tal-Gvern huwa dak ta' shubija shiha akkost ta' kollox u anki a spejjez tal-maggoranza tal-haddiema u tan-negozji. Dan mhux biss nuqqas kbir ta' ippjanar nazzjonali u implimentazzjoni ta' strategiji, izda ukoll sinjal car li ma jezistux pjani biex Malta tersaq lejn mudell ta' socjetà ibbazata fuq taghrif. Li kieku mhux hekk, il-Gvern ma joqghodx kull darba jdur fuq l-industrija tal-bini biex jipprova jdawwar ir-rota. Il-pjani tal-Gvern f'dan il-qasam iduru madwar Tignè, Manoel Island, il-Belt Valletta u l-Kottonera. Dan ghandu jkun ta' gid ghall-industrija tal-bini fil-medda ta' zmien qasir, izda x'qed isir biex l-istess industrija tithejja ghal medda ta' zmien aktar fit-tul lt-tieni nett, minn fejn gejjin il-flus biex isiru dawn il-progetti kollha Zgur li mhux se jigu mill-Unjoni Ewropea. Il-fondi ta' qabel is-shubija mhux gejjin minhabba nuqqas ta' hila fil-mod kif dawn jithaddmu, kif ukoll nuqqas f'li wiehed jifhem x'hemm bzonn isir. Hafna osservaturi nnutaw dan matul in-negozjati.

**Hemm bzonn ta' politika dwar l-intrapriza issa ...mhux fl-2004**

Aktar ma jghaddi z-zmien il-komunita' kummercjali qed aktar tinduna li dak li hemm imnizzel fl-NPAA hija sempliciment lista ta' x'ghandu jsir sabiex jiddahhlu r-regoli ta' Brussell aktar milli x'inhu fl-interess tal-pajjiz. Il-Ligi ghall-Promozzjoni tan-Negozju, per ezempju, nehhiet l-incentivi marbuta ma' l-esportazzjoni. L-NPAA jghid li l-ligi kif mibdula se tkun taqbel mal-linji ta' gwida ta' l-Unjoni Ewropea dwar ghajnuna regjonali, ghajnuna de minimis, ricerka u zvilupp, harsien ambjentali, intraprizi zghar u ta' daqs medju, tahrig, ristrutturar ta' intraprizi f'diffikultà. Izda dawn l-incentivi kollha jidher li huma mdendlin fuq l-istqarrija li dawn l-incentivi kollha jidhlu fis-sehh meta jkun hemm fondi disponibbli, per ezempju mill-fondi strutturali. L-NPAA jghid li l-ligi l-gdida tipprodi anki li jinghataw ghotjiet lil intraprizi, izda dawn jibdew jinghataw biss meta jkun hemm il-fondi, specjalment meta Malta tissieheb fl-Unjoni Ewropea u tkun tista' tibbenefika minn fondi strutturali.

Ghalhekk, kollox jiddependi fuq jekk Malta jkollhiex access jew le ghal fondi strutturali xi snin ohra. Sadattant, il-kumpaniji lokali jistghu biex jgharrxu f'pakkett ta' incentivi bit-tama li huma jkunu jistghu jikkwalifikaw ghal xi forma ta' ghajnuna. Ghalhekk, il-Ligi ghall-Promozzjoni tan-Negozju ma jirnexxilhiex tohloq l-ambjent li hemm bzonn biex tistimula l-intraprenditorjalità. Dan ghaliex, kif digà ghedna fil-kapitli ta' qabel, ir-ristrutturazzjoni u l-innovazzjoni m'ghandhomx x'jaqsmu sempliciment ma' li jinghataw l-incentivi.

Kif issemma f'Kapitlu 2, il-Ligi tal-Kompetizzjoni ghandha hafna nuqqasijiet li hemm bzonn li jigu indirizzati. Hemm bzonn ta' ligi dwar il-mergers, regoli biex jizguraw li certi interessi kummercjali ma jabbuzawx mill-qaghda dominanti taghhom (anti-trust). Issemma wkoll il-fatt li minhabba li l-Acquis jghaqqad ir-ricerka u l-izvilupp biss mal-programmi ta' l-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam, m'hemm xejn li jimbotta ghal politika ta' ricerka u zvilupp immirata lejn il-process ta' ristrutturazzjoni.

Il-Ligi ghall-Promozzjoni tan-Negozju ma tinkoraggix l-imprenditorjalità. Intrapriza zghira m'ghandhiex struttura ta' tmexxija kumplikata. Ghalhekk, l-ghajnuna li ghandha bzonn mhix sempliciment kuntratt li permezz tieghu ssir transazzjoni ma' l-IPSE, izda sensiela ta' mizuri li jghinuha tahdem b'mod kompetittiv.

Il-ligi tara wkoll li tiddefinixxi intraprizi tal-manifattura b'tali mod li ma thallix toqob ghal intraprizi f'oqsma ohra li jibbenefikaw mill-incentivi taht l-iskuza tal-manifattura. Forsi din il-klawsola iddahhlet biex jekk ikun hemm interessi minn pajjizi mhux membri ta' l-Unjoni Ewropea li jkunu jridu jifthu industrija aero-spazjali f'Malta, dawn ma jkunux jikkwalifikaw ghall-incentivi

Il-fatt jibqa' li jekk ma jkunx hemm pjan ta' implimentazzjoni, din il-ligi ftit tista' tkun effettiva. Dan jinghad mill-Unjoni Ewropea stess fir-Rapport Glante u f'rapporti ohra li hargu wara. Ghalxejn li wiehed jistenna sakemm Malta forsi tidhol fl-Unjoni Ewropea ghaliex digà hareg car li l-pajjiz mhux se jkun jikkwalifika mill-Fondi Strutturali taht oggettiv 1 u 2 li ghandhom x'jaqsmu ma' xoghlijiet infrastrutturali.

**It-tigrija li jmiss strategija ta' innovazzjoni ghall-industriji**

Fil-fernezija li ghaddej biha biex jghaddi kemm jista' jkun ligijiet malajr mill-Parlament sabiex jikkonforma ma' l-Acquis, il-Gvern mhux qed jaghti kaz ghadd ta' fatturi importanti. Fost l-ohrajn, ghadu ma ndunax li l-Kummissjoni Ewropea talbet lill-ewwel grupp ta' applikanti, jigifieri l-Ungerija, Polonja, Repubblika Ceka, Slovenja, Estonja u Cipru, biex jizviluppaw

strategija ta' innovazzjoni addattata ghall-industriji taghhom. Il-Gvern Malti kif se jaghmel dan meta huwa ffaccjat bil-kaos li ddiskrivejna aktar 'il fuq. Aktarx li jithejja dokument ta' malajr li l-uniku ghan tieghu jkun li joghgob lill-Unjoni Ewropea. Wiehed kien jahseb li kellu jitwaqqaf grupp biex titfassal din l-istrategija sa mill-1995 meta d-diskussjoni fl-Unjoni kienet dwar kif ghandhom isiru dawn it-tip ta' strategiji. Il-mistoqsija hi issa x'se tintalab il-General Workers' Union f''dan il-qafas.

### Konformità ma' l-Acquis fi zmien sentejn se ggib taqliba shiha fl-industrija

L-Acquis jitlob ukoll taqliba shiha fl-industriji li jgawdu protezzjoni hekk kif jitnehhew it-tariffi u levies. Din se tkun esperjenza difficcli l-aktar ghal dawk l-intraprizi Maltin li huma mdorrija b'din il-protezzjoni, u li huma kapaci jzommu lil haddiehor milli jikkompeti maghhom.

Barra minn hekk, sa l-2002 ikollhom jispiccaw dawk li fl-1999 kienu stmati li kienu Lm80 miljun f'sussidji. Hafna intraprizi li llum il-gurnata jgawdu minn dawn il-privileggi ghadhom ma jafux ezatt dan x'se jkun ifisser ghalihom u ghall-impjegati taghhom.

Stharrig li sar f'Mejju 2000 mill-Kamra tal-Kummerc juri l-incertezza li qed tirrenja fost l-intraprizi lokali. L-istharrig, li fih hadu sehem 29 fil-mija ta' dawk mitluba biex jaghmlu dan, wera li zewg terzi ta' l-intraprizi li ippartecipaw kienu hadu inizjattiva biex jaraw x'jista' jkun l-impatt tas-shubija fuqhom. Minn dawk li ghamlu din it-tip ta' ricerkla, 45 fil-mija sostnew li l-effetti se jkunu pozittivi, 22 fil-mija qalu li se jkunu negattivi, filwaqt li 33 fil-mija sostnew li se jkun hemm effett newtrali. Meta mistoqsija dwar x'jahsbu fuq il-pozizzjoni tal-Gvern fin-negozjati u jekk dawn humiex se jwasslu ghal ftehim favorevoli ghall-intrapriza, madwar nofs dawk li hadu sehem urew ruhhom incerti. In-nofs l-iehor kienu maqsuma bejn favorevoli u kuntrarji.

Dan l-istharrig juri li minkejja li jezisti c-Centru ta' Informazzjoni Malta-Unjoni Ewropea (MIC) u attivitajiet ohra li matulhom jinghad hafna dwar l-Unjoni Ewropea, hafna intraprendituri ghadhom mhux certi x'se tkun tfisser ghalihom shubija. Il-qaghda ekonomika incerta li hawn bhalissa u l-bidliet kbar li qed isehhu fi zmien tant qasir qed ikattru l-biza' li hafna haddiema se jitilfu l-post tax-xoghol taghhom. Hafna sidien li se jsibu ruhhom minghajr protezzjoni, sussidji, spjegazzjonijiet u gwida se jkollhom ikeccu l-haddiema meta jibda jonqsilhom ix-xoghol minhabba l-kompetizzjoni minn barra.

### Id-derogi mitluba minn Malta

Aktarx li l-Unjoni Ewropea se tichad hafna mid-derogi mitluba minn Malta, u b'hekk Malta jkollha taderixxi bis-shih ma' l-Acquis hekk kif tissieheb. Perijodi ta' transizzjoni li jistghu jinghataw jafu jkunu xafra li taqta' miz-zewg nahat. Dan ghaliex l-Unjoni Ewropea ghamlitha cara li mhux se taghti fondi strutturali f'dawk l-oqsma fejn se jintalbu perijodi ta' transizzjoni. Dan johrog bic-car mir-rapporti kollha dwar il-progress tal-pajjizi applikanti. Il-Gvern Malti qed jitlob ghal xi derogi u perijodi ta' transizzjoni ghax jaf li jekk jaghmel dak kollu li hemm imnizzel fl-Acquis, dan ikun ifisser il-mewt ghal hafna intraprizi u impjiegi.

Malta qed titlob ghal derogi u perjodi ta' transizzjoni hekk kif gej:

* Deroga permanenti ghal restrizzjoni fuq moviment hieles ta' kapital li jinvolvi pajjizi terzi skond l-Artiklu 57 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea.
* Hemm deroga mitluba fuq xiri tat-tieni dar u prorpjetà ghal spekulazzjoni minn cittadini ta' l-Unjoni Ewropea.
* Fil-qasam tal-kompetizzjoni l-Gvern qed jitlob perijodu ta' transizzjoni ta' seba' snin li matulhom ikun jista' jibqa' jinghata sussidju lit-tarznari.
* Malta qed titlob ukoll perijodu ta' transizzjoni ghal dawk l-intraprizi li jgawdu mill-ghajnuna skond l-Att dwar l-Izvilupp Industrijali (Kap 325) u l-Att dwar il-Port Hieles (Kap 334) sabiex din l-ghajnuna tkun tista' tibqa' tinghata sad-data miftehma minn qabel ma' l-intraprizi koncernati.
* Perijodu ta' transizzjoni sa Gunju 2004 ghat-Tour operator Support Scheme (ToSS) li hija mmirata biex tattira t-turizmu mir-Renju Unit.
* Fil-qasam tas-sajd, Malta qed titlob deroga li permezz taghha tkun tista' tikkontrolla s-sajd kollu li jsir f'zona ta' konservazzjoni ta' 25 mil madwar il-pajjiz.
* Qed jintalab li jitbiddel ir-regolament 3759/92 ta' l-Unjoni Ewropea sabiex tigi inkluza lista ta' hut ta' interess ghas-sajjieda Maltin sabiex dawn ikunu jistghu igawdu minn sistema ta' "withdrawal" meta jkun hemm qbid abbundanti ta' dawn it-tip ta' hut.
* Il-Gvern Malti qed jitlob ukoll deroga minn regolamenti li jistabbilixxu l-ispecifikazzjonijiet ta' bcejjec tas-sajd sabiex dawn ikunu jistghu jinghataw ghajnuna skond l-iskema tal-Financial Instruments for Fisheries Guidance (FIFG).
* Fil-qasam tat-trasport qed jintalab perijodu ta' transizzjoni ta' tlett snin qabel ma tigi implimentata d-direttiva 92/6EEC dwar l-istallazzjoni u l-uzu ta' taghmir li jikkontrolla l-velocità f'certu vetturi.
* Perijodu ta' transizzjoni ta' sentejn qabel tigi implimentata d-direttiva 99/62 dwar taxxa komuni li ghandha tithallas minn vetturi sabiex ikunu jistghu jgorru affarijiet tqal.
* Fir-rigward ta' din l-istess taxxa, Malta qed titlob li r-rati minimi ta' tassazzjoni ghal vetturi li jintuzaw biss fit-territorju nazzjonali jkunu japplikaw ghaliha.
* Malta qed titlob arrangament specjali permanenti rigward id-direttivi 88/599EEC u 3820/85EEC dwar ligijiet socjali li jirrigwardjaw t-trasport fuq l-art u r-regolament 382/85EEC dwar taghmir ta' irrekordjar uzat ghal trasport fuq l-art.
* Fil-qasam tal-politika socjali, Malta qed titlob perijodu ta' transizzjoni ta' erba' snin biex timplimenta Artikli 3, 5, 6 u 8 tad-direttiva 93/104 dwar is-sighat tax-xoghol.
* Perijodu ta' transizzjoni ta' sena ghall-implimentazzjoni ta' direttiva dwar ir-riskji minn hsejjes fuq il-post tax-xoghol.
* Perijodu ta' transizzjoni ta' tlett snin qabel ma tigi implimentata direttiva dwar standards ta' sahha u sigurtà fuq il-makkinarju wzat mill-haddiema.
* Perijodu ta' transizzjoni ta' sena qabel l-implimentazzjoni ta' direttiva dwar is-sahha u sigurtà f'postijiet fejn ikun qed isir bini.

**X'ifisser li talba ghal deroga jew perijodu ta' transizzjoni tigi michuda**

Sabiex l-esperiment tal-Gvern jirnexxi, hemm bzonn ta' qabza kbira 'l quddiem, jew ahjar miraklu, sa l-2002. Minhabba li ftit hemm possibbiltà li dan isehh, hafna haddiema se jkunu qed ibatu minn dak li huwa l-mod hazin li bih qed jitmexxa l-pajjiz bhalissa.

Fin-nuqqas ta' suq tax-xoghol li jkun imhejji u flessibbli bizzejjed, li huwa parti importanti mit-twettiq ta' pjan strategiku nazzjonali u l-policies l-ohra mfissra aktar qabel, il-haddiema f'diversi setturi mistennija li jbatu fil-gejjieni qrib.

It-tnehhija ta' kontrolli fuq il-kapital tkun aktarx tfisser li l-kapital Malti johrog aktar barra l-pajjiz u jmur f'dawk il-pajjizi fejn ikun jista' jaqla' aktar. Ma jezisti xejn bil-kitba dwar x'behsiebu jaghmel il-Gvern dwar dan kollu, anki jekk hemm dubji serji jekk issa tistax issir xi haga. Il-haddiema mhux imhejjija biex jghaddu minn esperjenza bhal din. Hekk kif imfisser fl-NPAA,

ghandu jitfassal Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni dwar ix-Xoghol (National Action Employment Plan) sa l-ahhar tlett xhur ta' l-2001. Huwa ta' awgurju tajjeb dak li qal il-Prim Ministru waqt id-diskors tieghu fil-konferenza ta' l-10 anniversarju tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig (ETC) dwar "Malta and the European Union Guidelines", jigifieri li ghas-sena li jmiss l-allokazzjoni finanzjarja ghall-ETC se tizdied b'60 fil-mija. Huwa qal li l-parti l-kbira minn dan l-ammont se jmur ghal "inizjattivi godda ghal xoghol, mizuri biex jigi miggieled l-illitterizmu, promozzjoni ta' ugwaljanza fost is-sessi, zjieda fit-tahrig fit-teknologija ta' l-informatika, u titjib fis-sistemi ta' l-apprendistat u tahrig".

Ghal darb'ohra, dan il-Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni dwar ix-Xoghol mhux qed jithejja minhabba li l-pajjiz ghandu bzonnu izda ghax hekk qed jigi mitlub mill-Acquis. Zgur li hemm hafna li kienu jahsbu li din l-inizjattiva kienet se tkun parti integrali mill-process ta' integrazzjoni mibdi mill-Gvern prezenti tnax-il sena ilu. It-tfassil ta' pjan bhal dan lejlet dak li se jkun kaos ekonomiku juri nuqqas serju ta' ippjanar u tmexxija bazika.

L-ispejjez tal-produzzjoni lokali se jkomplu joghlew b'pass aktar mghaggel minn tal-pajjizi kompetituri jekk ma jsirx ippjanar tajjeb u r-rizorsi umani ma jintuzawx bl-ahjar mod possibbli. Spejjez tal-produzzjoni relattivament oghla jfissru li l-investituri jkunu jistghu jaqilghu aktar jekk imorru x'imkien iehor. Dan jista' jirrizulta f'kapital li jitlaq mill-pajjiz, u b'hekk zjieda fil-qghad.

Kull pajjiz membru shih ta' l-Unjoni Ewropea jintalab biex ifassal Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni dwar ix-Xoghol. Dan il-pjan huwa ta' importanza kbira ghax suppost ikun wiehed li jinkludi l-oqsma kollha. Dan ifisser li dan il-pjan ghandu jinkludi pjan ta' tahrig ghall-entitajiet pubblici kollha, bhat-Tarzna.

**X'se jigri mis-suq turistiku Ingliz**

Skond l-Ufficcju Centrali ta' l-Istatistika, l-ammont ta' turisti li zaru Malta f'Awissu 2000 waqa' bi 2.4 fil-mija ghal 155,321 meta mqabbel ma' l-istess xahar matul is-sena ta' qabel. Fl-istess hin is-suq Ingliz zdied bi 3.5 fil-mija ghal 52,760.

L-industrija turistika hija kontributur importanti biex il-pajjiz jaqla' munita barranija. It-turizmu jirrapprezenta 21 fil-mija ta' l-esportazzjoni totali tal-pajjiz. Wara z-zjieda fl-izbilanc kurrenti f'nofs is-snin disghin, is-sehem tat-turizmu fil-Prodott Gross Domestiku waqa' ghal 4.4 fil-mija fl-1999.

Bhalissa t-ToSS tipprovdi incentivi ghal tours mibjugha minn operaturi Inglizi. Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tas-suq Ingliz, il-Gvern prezenti jrid inehhi ghal kollox din l-iskema sa nofs is-sena 2004. Forsi sa dak iz-zmien il-Gvern ikun sab x'tip ta' fond strutturali se jissostitwixxi t-ToSS.

L-NPAA isostni li t-turizmu huwa kolonna ta' l-ekonomija Maltija u se jkompli jigi zviluppat fis-snin li gejjin f'qafas ambjentali, socjali u ekonomiku sostenibbli. Matul l-1999 twaqqfet l-Awtorità Maltija ghat-Turizmu (MTA) bhala parti minn sforz favur attitudni komprensiva u integrata lejn l-industrija. Inholoq spazju ghal partecipazzjoni aktar diretta mis-settur privat fi hdan din l-Awtorità li x-xoghol taghha jinkludi l-ippjanar u r-regolazzjoni ta' l-industrija turistika, flimkien mal-promozzjoni ta' Malta bhala destinazzjoni turistika.

Kif gie mfisser aktar qabel, is-Subject Plans ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar flimkien ma' l-MTA dwar il-wirt kulturali fihom hafna nuqqasijiet u juru li l-hsieb ta' l-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam ghadu ma nftehemx. Digà nghata ezempju dwar il-Programm ta' Framework 5, specjalment il-Key Action 4 Belt ta' Ghada u Wirt Kulturali, li tintegra l-ippjanar ta' l-ibliet mal-wirt kulturali.

Jidher car li hemm bzonn politika nazzjonali dwar it-turizmu kulturali fil-qafas ta' zvilupp ambjentali, socjali u ekonomiku sostenibbli. Huwa biss permezz ta' politika bhal din u pjan ta' implimentazzjoni li forsi jistghu jhassru l-effetti negattivi tat-tnehhija tat-ToSS. Madankollu, pjan bhal dan jiddependi fuq diversi fatturi ohra.

L-NPAA isostni ukoll li l-ammont ta' turisti li zaru Malta fl-1999 qabzu l-1.2 miljuni, u l-istess ammont kien mistenni fl-2000. Ghanijiet importanti fl-istrategija turistika huma d-diversifikazzjoni tas-swieq u l-firxa tat-turisti matul is-sena kollha. Jinghad li l-Gvern se jiehu passi sabiex jizgura li z-zjieda fl-ammont ta' turisti tkun tfisser ukoll zjieda fil-granet li dawn idumu Malta, kif ukoll zjieda fil-flus li jhallu, ras ghal ras, b' mod li jigi massimizzat il-kontribut ta' dan il-qasam lejn l-ekonomija Maltija. Madankollu s'issa m'hemm l-ebda pjani ekonomici dwar dan.

L-NPAA ikompli jghid li l-izvilupp tat-turizmu fis-snin li gejjin se jinbena madwar turizmu kulturali u ta' incentivi, filwaqt li jissahhah it-turizmu tal-cruise liners. Kif intwera fir-rapport ta' Hyder Consulting ikkummissjonat mill-Awtorità Marittima Maltija (MMA) dan l-ahhar, il-Port il-Kbir jenhtieg dawra sew sabiex ikun ikkunsidrat bhala kompetittiv ma' portijiet girien li jilqghu fihom il-cruise liners. Izda forsi ghal darb'ohra l-Gvern qed jistenna li jigu xi fondi strutturali minn x'imkien biex forsi jaghmel xi haga dwar il-port. Izda anki qabel ma ssir xi haga hemm bzonn li titfassal rabta shiha bejn il-facilitajiet tal-port, it-turizmu tal-cruise liners u l-istrategija tal-marketing tat-turizmu.

L-NPAA jghid ukoll li certu incentivi li qed jigu riveduti mill-Korporazzjoni Maltija ta' l-Izvilupp (MDC) se jigu mwessa' lill-operaturi tat-turizmu li jkunu jridu jaghmlu zvilupp strutturali. Ghal darb'ohra wiehed jittama li dan ma jfissirx li trid tigi mistennija l-wasla ta' xi fondi strutturali qabel ma jsir xi haga.

**Il-ligijiet tad-dwana ghadhom mhux konformi ma' l-Acquis**

Ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-progress ta' l-applikazzjoni Maltija jghid li l-ligijiet Maltin tad-dwana ghadhom mhux konformi ma' l-Acquis. Dawn il-ligijiet jikkoncernaw ghadd ta' setturi differenti bhal proceduri tad-dwana, zoni hielsa, imhazen tad-dwana, tariffi u ceilings tat-tariffi, sospensjonijiet, u oggetti ikkupjati.

Permezz tal-Cargo Clearance and Transport Act ta' l-1967, id-Dipartiment tad-Dwana johrog u jgedded il-licenzji lill-burdnara. Il-ligijiet ta' l-Unjoni Ewropea jaffettwaw direttament dan il-monopolju li sal-lum il-gurnata jkopri 113-il burdnar li bejniethom jimpjegaw madwar 720 persuna, u li ilhom igawdu minn xoghol stabbli ghalihom u ghall-familji taghhom ghal ghexieren ta' snin.

Jintqal li l-fatt li Malta naqset milli timplimenta t-tieni parti tal-Ftehim ta' Assocjazzjoni ma' l-Unjoni Ewropea, jigifieri l-ghaqda doganali, dewwem il-liberalizzazzjoni ta' l-ekonomija Maltija u l-konformità tal-ligijiet Maltin ma' dawk ta' l-Unjoni. Izda hekk kif isir hekk, il-burdnara jistghu jitilfu s-sigurtà tax-xoghol taghhom fil-gejjieni immedjat. Jekk il-Gvern jara li hemm bzonn li jizdiedu l-licenzji fil-gejjieni qrib, kulhadd ikun jista' jikkompeti ghalihom, anki cittadini ta' pajjizi ohra ta' l-Unjoni Ewropea.

**Incertezzi kbar fl-agrikoltura**

L-agrikoltura hija qasam zghir f'Malta li jikkontribwixxi biss ghal tlieta fil-mija tal-Prodott Gross Domestiku. Izda huwa car daqs il-kristall li l-implimentazzjoni tar-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea minnufih f'dan il-qasam iwasslu ghal diffikultajiet.

Matul il-process ta' screening, in-negozjaturi Maltin qalu li minhabba li l-produtturi ta' l-Unjoni Ewropea jircievu ghajnuna, l-agrikoltura Maltija ghandha bzonn ta' certu protezzjoni. Kien ikun aktar siewi kieku gie innegozjat ftehim simili ghas-SAPARD, bhal fil-kaz tal-pajjizi tac-centru u lvant ta' l-Ewropa. F'Kapitlu 1 gie indikat li Malta falliet milli tiehu fondi mis-SAPARD.

L-Unjoni Ewropea addottat strategija komuni fid-diskussjoni dwar l-agrikoltura. Din il-pozizzjoni, kif imfissra hawnhekk, turi li l-Unjoni Ewropea se tkun rigida hafna mal-pajjizi applikanti dwar il-Politika Agrikola Komuni (CAP):

* Il-kwoti ghandhom ikunu ibbazati fuq produzzjoni li tkun saret u mhux fuq produzzjoni li tista' ssir. Ghalhekk il-pajjizi applikanti qed jintalbu l-figuri tal-produzzjoni ghas-snin 1995-1999.
* Il-pajjizi applikanti se jdahhlu l-prezzijiet ta' l-Unjoni Ewropea hekk kif jissiehbu. Qed tintalab informazzjoni dwar il-passi li se jittiehdu f'kull pajjiz biex dan isir.
* Perijodi ta' transizzjoni huma biss l-eccezzjoni, ikunu limitati fiz-zmien u fl-iskop, u jridu jkunu akkumpanjati bi pjan ghat-tmiem ta' l-istess transizzjoni.
* Decizjoni dwar jekk il-pajjizi applikanti humiex se jircievu hlasijiet diretti tittiehed aktar 'il quddiem.
* Il-pajjizi applikanti jridu juru li huma kapaci li jamministraw u jimplimentaw l-Acquis hekk kif jissiehbu.
* Minkejja li l-pajjizi applikanti jridu jibdew idahhlu r-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea sa minn qabel is-shubija, huma jridu jkunu konxji li dawn l-istess regolamenti m'humiex xi haga permanenti. Ghalhekk, huma jkollhom jikkonformaw mar-regolamenti li jkun hemm meta jigu biex jissiehbu, anki jekk dawn ikunu differenti.

Din l-attitudni iebsa li qed tiehu l-Unjoni Ewropea fil-qasam ta' l-agrikoltura kienet tidher cara sa minn Marzu tas-sena 2000. Il-Gvern Malti messu ha spunt mid-decizjonijiet li ttiehdu nhar il-25 ta' Marzu 1999 dwar ir-riformi tal-Fondi Strutturali waqt il-Kunsill Ewropew ta' Berlin bhala parti minn Agenda 2000. Dawn id-decizjonijiet kienu jinkludu l-CAP, il-budget totali ta' l-Unjoni u t-thejjija ghat-tkabbir ta' l-Unjoni.

Kien hemm qbil generali li dak li hareg min-negozjati ta' Agenda 2000 ma kienx bizzejjed biex jilqa' ghall-isfidi ta' l-Unjoni Ewropea ghas-snin li gejjin. Dawn l-isfidi kienu jinkludu it-tkabbir u t-tahdidiet tal-World Trade organisation (WTo). L-imbottatura ghal riforma akbar mhix se tigi kif gab u lahaq. Il-maggoranza fil-Kunsill Ewropew hija kontra r-riformi u se zzomm lura milli dawn isiru. Il-Kunsill Ewropew ta' Berlin qabel ukoll li ma jhallix li tizdied in-nefqa f'dan il-qasam sa l-2007. Dan jista' jigi biss mibdul bi ftehim unanimu tal-mexxejja tal-pajjizi membri.

Gie deciz li Agenda 2000 taghmel it-tkabbir sostenibbli fil-medda ta' zmien qasir ghax mhux se jinghataw fondi ghal oqsma li ghalihom il-pajjizi membri godda se jkunu qed jitolbu perijodi ta' transizzjoni. Dan se jpoggi lill-membri godda fi zvantagg matul il-perijodi ta' transizzjoni u ghalhekk mistenni li jkun politikament difficli ghalihom li jaccettaw dan kollu. Aktar minn hekk, l-Unjoni Ewropea tkun imbaghad trid tara x'ghandu jsir fi tmiem il-perijodi ta' transizzjoni.

Dawn id-decizjonijiet kollha prattikament ifissru li Malta se jkollha ssegwi l-Acquis kelma b'kelma, fl-istess hin li l-Unjoni Ewropea m'hi se tkun imgeghla taghti xejn bi tpattija ghal dan. Kif jinsabu l-affarijiet, mhux se jkun hemm aktar flus ghall-agrikoltura sa l-2007. X'se jfisser dan ghall-haddiema Maltin huwa punt iehor li ghadu mhux maghruf.

Possibbiltà li giet diskussa matul il-laqgha ta' Agenda 2000 kienet li l-pajjizi membri godda jinghataw l-istess sussidji ghall-agrikoltura daqs il-pajjizi membri. Madankollu, din il-possibbiltà giet ikkunsidrata bhala li tqum hafna u li twassal biex il-pajjizi membri godda jibdew jirrezistu aktar riformi fil-CAP. Possibbiltà ohra kienet li s-sussidji tal-CAP jitnaqqsu fuq numru ta' snin,

biex b'hekk jigi minimizzat ukoll il-bzonn ta' perijodi ta' transizzjoni. Meta jqis dan kollu wiehed m'ghandux ghaliex jissorprendi ruhu li r-Rapport Stenzel isostni li t-tnehhija tal-protezzjoni f'dan il-qasam huwa fl-interess ta' Malta.

Fil-qasam ta' l-agrikoltura wkoll ma jezistix pjan nazzjonali. L-uniku ezercizzju ta' certu validità qed isir mill-Ufficcju Centrali ta' l-Istatistika li beda programm ta' gbir ta' informazzjoni dwar l-agrikoltura u s-sajd. Dan jinkludi l-gbir ta' registri ta' l-irziezet, sigar tal-frott u annimali. Il-bzonn ta' pjan nazzjonali huwa kbir ghax dan jaffettwa mhux biss lill-bdiewa, rahhala u konsumaturi, izda ukoll lill-industrija ta' l-ikel u x-xorb li tiddependi mill-produzzjoni lokali.

**Incertezzi kbar fis-sajd**

L-NPAA jghid li bi shubija, Malta se tbiddel il-politika taghha dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' hut sabiex tikkonforma ma' dik ta' l-Unjoni. Dan se jsir kemm fir-rigward ta' kummerc ma' pajjizi membri, kif ukoll fir-rigward ta' kummerc ma' pajjizi mhux membri.

Jidher li l-membri tal-koperattivi tas-sajd ghadhom mhux konxji ta' x'ifisser dan kollu. Dan deher, per ezempju, meta nhar it-2 ta' Novembru 2000 ipprotestaw li l-agenti fil-Pixkerija kienu qed joffru prezz baxx wisq ghal 2,000 kilo ta' pixxispad frisk li kienu ghadhom kif qabdu. Huma wahhlu fl-importazzjoni bla kontroll ta' hut tal-friza ghan-nuqqas ta' domanda ghal hut frisk. Huma jridu wkoll sistema fejn l-importaturi tal-hut jiggarantixxu prezz minimu ghal hut frisk. Fl-1995 kien hawn biss 4 importaturi ta' hut tal-friza. Issa dan in-numru kiber ghal 23. Dawn kollha huma l-effetti tas-suq hieles, fejn il-konsumatur huwa mistenni li jgawdi meta jkun hemm aktar provvista minn domanda. Madankollu, jekk is-sajjieda lokali qed isibuha difficli li jbieghu l-pixxispad taghhom illum, x'se tkun il-qaghda taghhom jekk Malta tissieheb fl-Unjoni Ewropea u sajjieda barranin jkunu jistghu jbieghu l-qabdiet taghhom f'Malta

L-NPAA jsostni li Malta tesporta 95 fil-mija tal-hut imrobbi permezz ta' l-akwakultura, u dan imur l-aktar lejn pajjizi membri ta' l-Unjoni Ewropea. Ta' min jinnota li filwaqt li Malta ma timponix tariffi fuq il-hut impurtat mill-Unjoni Ewropea , il-hut Malti li jidhol fl-Unjoni Ewropea jigi intaxxat bi 15 fil-mija Common External Tariff (CET). Dan minkejja li l-materja prima kollha li tintuza f'din l-industrija, inkluz il-frieh u l-ikel, jigu impurtati mill-Unjoni Ewropea . Bi shubija, l-Unjoni Ewropea jkollha tnehhi dawn it-tariffi. Madankollu, Malta tesporta wkoll madwar 30 fil-mija tal-qabda tat-tonn lil Gappun, u mhux lill-Unjoni Ewropea.

L-NPAA ma jghid xejn dwar kif se jintlaqtu l-bejjiegha tal-hut li jduru l-gzejjer Maltin bil-vannijiet taghhom. Dawn aktarx li jkollhom jieqfu minhabba r-regolamenti stretti ta' l-Unjoni dwar standards ta' igjene.

Kif intqal aktar qabel, Malta mhux se jkollha access ghal fondi taht objective 1 u objective 2. Madankollu, dawk iz-zoni kostali li m'humiex eligibbli ghal fondi taht objective 1 jistghu jircievu ghajnuna permezz ta' l-FIFG. L-FIFG jikkontribwixxi lil programmi nazzjonali ta' pajjizi differenti biex jinkoraggixxi mizuri ghat-tibdil ta' strutturi tas-sajd.

**Il-principju tas-sussidjarjetà**

Ta' min isemmi l-fatt li l-Unjoni Ewropea ghandha, skond il-Principju tas-Sussidjarjetà, kompetenza esklussiva fl-oqsma ta' l-agrikoltura u sajd.

Dan il-principju biex jintlahaq bilanc korrett bejn l-azzjonijiet ta' l-Unjoni u dawk nazzjonali huwa maghruf bhala sussidjarjetà u huwa mdahhal fit-Trattat ta' Maastricht. F'oqsma fejn l-Unjoni Ewropea ghandhom kompetenza esklussiva, kull azzjoni li tittiehed ma tistax tmur lil hinn milli tikseb l-ghanijiet tat-Trattat. F'oqsma fejn kemm l-Unjoni Ewropea kif ukoll il-pajjizi membri ghandhom il-poter li jagixxu (bhall-politika ambjentali), l-Unjoni tidhol biss fejn il-ghan ma jkunx jista' jinkiseb mill-pajjiz membru wahdu. Fir-realtà dan ifisser li l-Unjoni Ewropea ghandha dritt li tindahal f'kollox.

---

## KAPITLU 7

# L-implikazzjonijiet ta' direttivi ohra fuq l-industriji lokali

FI ZMIEN ftit tas-snin ohra, l-industriji Maltin, inkluzi dawk zghar, se jkollhom jimxu ma' sensiela shiha ta' regolamenti filwaqt li jkunu mistennija li jkunu l-"mutur ta' l-ekonomija" u li jikkontribwixxu ghat-"tkabbir ekonomiku" tal-pajjiz.

Dan huwa kaz iehor fejn il-Gvern ma jafx ghal xiex diehel. L-ispiza sabiex jiddahhlu r-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea dwar ambjent huwa stmat li se tlahhaq madwar 5 fil-mija tal-Prodott Gross Domestiku. Din is-somma enormi li trid tintefaq turi kemm Malta ghadha lura f'dan il-qasam. Il-ligijiet ambjentali Maltin ghadhom godda u huma bbazati fuq l-Att dwar il-Harsien ta' l-Ambjent 1991 u l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp 1992.

Il-Gvern ghadu ma harigx bi pjan dwar kif se jdahhal dawn ir-regolamenti. Wisq inqas ghadu ma tfassal pjan li jistudja l-mod ta' kif dawn id-direttivi se jolqtu lill-industriji lokali.

Minbarra li jridu jimxu ma' ghadd ta' direttivi dwar standards, l-industriji lokali jridu jseGeneral Workers' Union wkoll ghadd ta' direttivi ambjentali, l-aktar fil-qasam ta' l-iskart industrijali, riciklagg obbligatorju, u l-principju ta' min iniggez ihallas.

M'hemmx dubju li Malta ghandha hafna bzonn ta' ligijiet ambjentali sodi. Izda l-implimentazzjoni ta' dawn il-ligijiet hija haga totalment differenti. Wahda mill-industriji li bla dubju tgawdi minn dawn il-mizuri tkun dik tat-turizmu. Anki c-cittadini jesperjenzaw titbjib fil-kwalità tal-hajja. Il-problemi li jezistu fil-qasam tat-tniggiz, skart u konservazzjoni tan-natura ghandhom bzonn jigu ffaccjati b'mod effettiv fil-gejjieni qrib.

Izda hemm ukoll spejjez kbar li jridu jsiru. Niehdu biss ezempju wiehed ta' direttiva dwar ir-riciklagg li tohloq il-kontradizzjonijiet bejn il-bzonnijiet ambjentali u dawk tas-suq lokali. Il-qasam tas-soft drinks huwa wiehed kbir f'Malta, fejn kull sena jinbieghu madwar 6 miljun unit. Il-ligi Maltija titlob li dawn is-soft drinks jinbieghu fi fliexken tal-hgieg li jistghu jergghu jigu wzati mill-gdid. Madankollu, fis-suq dan ix-xorb jinbiegh ukoll fil-bottijiet. Li wiehed jdahhal ir-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea u jintroduci facilitajiet ta' riciklagg mill-ewwel ikun ta' piz kbir hafna ghal Malta. Malta tista' titlob lill-Unjoni Ewropea biex izzomm ir-regolamenti ezistenti, izda din il-koncessjoni tista' tinghata biss ghal ftit zmien.

Il-General Workers' Union taghraf li d-direttivi ambjentali se jkollhom effett pozittiv fuq medda twil ta' zmien. Madankollu, l-union tistaqsi kif l-industrija hija mistennija li tikkonforma ma' dawn id-direttivi meta l-Gvern ghadu ma harigx bi pjan nazzjonali ghall-immanigjar ta' l-iskart. Jekk il-Gvern mhux kapaci johrog bi pjan bhal dan, ikun ingust hafna li wiehed jistenna lil industriji zghar u kbar li jimxu ma' regolamenti li l-Gvern stess mhux kapaci jimxi maghhom.

Se jkun difficli hafna ghall-Gvern li jinghata hafna derogi f'dan il-qasam minhabba li l-Presidenza Svediza mistennija li taghfas fuq li l-pajjizi applikanti ghandhom jimxu mar-regolamenti ambjentali ta' l-Unjoni Ewropea .

Il-General Workers' Union qed tara x'qed jinghad f'dan il-qasam, specjalment mill-Kummissarju ghall-Ambjent, Margot Wallstom, li f'komunikat qalet li biz-zmien it-tnehhija ta' sussidji li huma ta' hsara ghall-ambjent, u l-implimentazzjoni tal-principju li min iniggez ihallas, ghandhom itejbu l-efficjenza ekonomika u l-kompetittività. Hija ssostni li dan ghandu jwassal ghal tkabbir ekonomiku sostenibbli b'aktar postijiet tax-xoghol li jkunu ta' kwalità ahjar, u b'aktar ghaqda socjali. Ghal Malta dan ikun ifisser li l-industriji lokali jkollhom jibdew jimxu mar-regolamenti kollha ambjentali fl-inqas zmien possibbli, izda minghajr ma jinghataw ghajnuna biex jaghmlu dan. Lokalment, l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti tkun tfisser iz-zieda ta' pizijiet finanzjarji u t-telf ta' postijiet tax-xoghol jekk dan isir bl-ghaggla fi zmien sentejn u minghajr gwida u ghajnuna finanzjarja.

**L-Iskema ta' l-Unjoni Ewropea ghat-Tmexxija u Awditjar Ekologiku**

L-Iskema ta' l-Unjoni Ewropea ghat-Tmexxija u Awditjar Ekologiku (EU Eco-Management and Audit Scheme - EMAS) hija skema li ghal intraprizi privati li jimplimentaw politika ambjentali ghalihom u ghall-impjanti taghhom. Il-hidma taghhom tkun tikkonsisti f'li jaghmlu rendikont ambjentali ta' l-impjanti taghhom u jdahhlu programm ambjentali u sistema ta' tmexxija ambjentali. Dan ikun jinkludi l-immaniggjar ta' l-iskart, riciklagg u kontroll ta' l-emissjonijiet, fost l-ohrajn.

L-iskema tizgura li l-intraprizi tal-manifattura jkunu konformi ma' mill-inqas uhud mid-direttivi ambjentali ta' l-Unjoni Ewropea. Hekk kif pajjiz jissieheb fl-Unjoni Ewropea , l-intraprizi ta' dak il-pajjiz li jkunu haddmu din l-iskema jkollhom vantagg fuq intraprizi ohra meta jigu biex jesportaw il-prodotti taghhom. Intraprizi zghar Maltin se jigu diskriminati jekk ma jhaddmux din it-tip ta' skema.

---

**KAPITLU 8**

## L-impatt tas-shubija fl-Unjoni Ewropea fuq setturi differenti

F'DAN il-kapitlu l-General Workers' Union se tidhol aktar fid-dettall dwar l-impatt ta' shubija shiha fl-Unjoni Ewropea fuq diversi setturi differenti f'Malta. Jidher fic-car li n-nuqqas serju ta' ippjanar u implimentazzjoni ta' politika cara se jaffettwa lis-setturi kollha, anki lil dawk li suppost ghandhom igawdu minn shubija fuq medda twila ta' zmien. Kif digà hareg mill-kapitli ta' qabel, ir-ristrutturazzjoni u l-innovazzjoni m'ghandhomx x'jaqsmu ma' li wiehed joqghod iharref f'seminars u fil-gazzetti. Kapitlu 2 isemmi l-bosta nuqqasijiet tal-Ligi dwar il-Kompetizzjoni li hemm bzonn li jigu indirizzati. Isemmi wkoll li kemm ilu l-Gvern li skopra li l-Acquis jghaqqad l-oqsma ta' ricerka u zvilupp biss mal-programmi ta' ricerka, tahrig u zvilupp, dan hassu li m'ghandux ghalfejn jizviluppa politika ta' ricerka u tahrig immirata lejn il-process ta' ristrutturazzjoni. Bosta mill-organizzazzjonijiet lokali li suppost huma l-mutur tal-bidla, mhux imharrga jew mghammra bizzejjed biex ibiddlu l-affarijiet, la f'medda qasira ta' zmien u lanqas fit-tul. Hafna qed jittamaw u jiddependu fuq l-access ghal fondi strutturali, la l-Gvern ceda li jibbenefika mill-fondi ta' qabel is-shubija. Izda dawn l-istess nies mhux qed jaqraw tajjeb bizzejjed ir-rapporti minn Brussell li qed jghidu li Malta mhux se tinghata fondi minn objective 1 u 2.

Fil-kapitli ta' qabel, il-General Workers' Union uriet li l-Gvern ma fehemx x'hemm bzonn isir biex l-innovazzjoni u r-ristrutturazzjoni jitwettqu. Ma tezistix definizzjoni ta' ristrutturazzjoni, u lanqas linji ta' gwida ta' kif din ghandha ssir. Dan minkejja li l-Unjoni Ewropea ghamlet tant stharrig, attivitajiet u rapporti li setghu ntuzaw lokalment bhala gwida. Wiehed ma jistax jifhem x'qed jaghmlu l-hekk-imsejjha "esperti" tal-Gvern li jmorru bil-gzuz fi Brussell imhallsa minn flus il-poplu, u li suppost jigu lura aktar mgharrfa dwar x'ghandu jsir.

Dan kollu juri li s-success ta' l-industriji Maltin fil-process tar-ristrutturazzjoni se jkun jiddependi fuq l-isforz ta' kull intrapriza individwali aktar milli fuq il-gwida u l-ghajnuna tal-Gvern. Dan l-istess sforz se jiddetermina jekk l-intrapriza hix se zzomm lill-haddiema kollha taghha jew inkella tnaqqas jew taghlaq. Iz-zmien iffissat mill-Gvern fl-NPAA ghat-tibdil huwa ftit. Hafna mil-ligijiet se jkunu dahlu sa l-1 ta' Jannar 2003. L-intraprizi zghar u ta' daqs medju digà huma inkwetati hafna biz-zjieda fl-ispejjez biex idahhlu u jmexxu dawn il-mizuri.

Kif digà ssemma f'dan ir-rapport, il-kompetizzjoni minn barra, flimkien mal-bzonn immedjat u urgenti ghall-innovazzjoni se jkomplu jnaqqsu d-domanda ghal haddiema mhux imharrga, u se jkomplu jzidu d-domanda ghal haddiema mharrga. Jirrizulta li bhalissa 80 fil-mija ta' dawk li jirregistraw ghax-xoghol ma' l-ETC qed ifittxu xoghol ta' l-id li m'hawnx domanda ghalih. Fil-fatt, 41 fil-mija ta' l-impjiegi li qed jinholqu huma ghal xoghol mhux manwali.

Ir-ristrutturazzjoni se zzid il-qghad In-nuqqas li jidher li jezisti ta' haddiema mharrga se jigi affrontat bl-importazzjoni ta' haddiema barranin imharrga, jew - kif hemm bzonn kbir li jsir - bi programm nazzjonali qawwi ta' tahrig u tahrig mill-gdid Hawnhekk qed jerga' jigi enfasizzat li Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni dwar ix-Xoghol suppost kellu jsir xi snin ilu, u li l-haddiema m'humiex lesti ghall-bidliet kbar li qed isehhu. Il-General Workers' Union temmen fl-importanza ta' dan il-pjan, irrilevanti jekk il-pajjiz jissehibx jew le fl-Unjoni Ewropea.

**L-Erba' Libertajiet ta' l-Unjoni Ewropea ... libertajiet ghal min?**

Xi ekonomisti lokali li jharsu lejn shubija shiha fl-Unjoni Ewropea b'mod ottimista, il-hin kollu jghidu li l-isfida ewlenija li se jiffaccjaw intraprizi zghar u ta' daqs medju se tkun dik tas-sehem fis-suq intern ta' l-Unjoni Ewropea . Dan ifisser access ghall-Erba' Libertajiet (Four Freedoms) ta' l-Unjoni Ewropea, jigifieri l-moviment hieles ta' prodotti, persuni, kapital u servizzi. Dan prattikament ifisser li ghandhom jizzarmaw il-barrieri ghan-negozju, fosthom levies, l-gharfien reciproku ta' kwalifiki u standards, id-dritt li wiehed jiftah negozju u jmur joqghod f'pajjiz iehor, it-tnehhija tal-kontroll tal-kambju, u l-liberalizzazzjoni tac-caqliq tal-kapital.

Fil-kapitli ta' qabel digà giet diskussa s-sinifikanza reali tal-moviment tal-kapital u l-effett tieghu fuq il-haddiema. Digà saret il-mistoqsija Libertà ghal min Libertà ghall-haddiem Malti jew liberta' ghall-haddiema Ewropej

L-erba' libertajiet ma jaghtux hjiel tal-fatt li ghadd ta' pajjizi membri ghad ghandhom ghadd ta' barrieri ghall-kummerc li m'humiex f'forma ta' tariffi. Jekk l-intraprizi Maltin ghadhom lanqas biss fehmu x'se jigri madwarhom fis-sentejn li gejjin, hemm xi hadd li qed jistenna li dawn se jifhmu kif jahdmu dawn il-barrieri "invizibbli" Is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-SMEs deher sorpriz meta organizza laqgha dwar ir-rwol u l-importanza ta' l-Awtorita' Maltija ta' l-iStandards u ma mar hadd. Xi hadd li jippjana tajjeb kien johrog bi strategija biex jghaddi l-messagg tieghu b'mod effettiv.

L-istess ekonomisti li semmejna aktar qabel isostnu li aktarx ma jkunx hemm problemi bil-moviment hieles tas-servizzi. Ir-Rapport Ramboll isostni li s-suq tas-servizzi kiber minn 37 fil-mija ghal 42 fil-mija u dan ghandu jigi sostnut. Huwa f'dan is-settur li hemm l-akbar mobbiltà ta' snajja' u dan jaghti indikazzjoni ta' suq zghir izda dinamiku. Madankollu, dan it-tkabbir gie registrat fi zmien meta l-erba' libertaijiet kienu ghadhom mhux fis-sehh. Ghalhekk kif jistghu dawn l-ekonomisti jikkonkludu li mhux se jkun hemm problemi kbar ghal dan il-qasam

Fil-verità jezisti thassib kbir minn ghadd ta' hwienet u dawk li jipprovdu s-servizzi dwar il-moviment hieles ta' persuni. Hemm min isostni li mhux mistenni li jkun hemm hafna barranin li jigu u jifthu n-negozji taghhom f'Malta kemm minhabba kunsiderazzjonijiet kulturali u kemm minhabba d-daqs tas-suq. Izda jekk qed nghidu lil kulhadd li ghandna kultura Ewropea,

flimkien max-xemx u l-bahar, ghaliex hemm min qed ibassar li dawk il-barranin interessati li jifthu negozju f'Malta se jkunu daqstant ftit Barra minn hekk, ic-caqliq fost il-haddiema fl-Unjoni Ewropea jista' jkun baxx, izda c-caqliq fost iz-zghazagh u l-persuni mharrga huwa oghla. Dan ifisser li z-zghazagh u l-persuni mharrga Maltin se jhabbtu wicchom ma' aktar kompetizzjoni meta jigu biex ifittxu post tax-xoghol

**Kif jigi attirat l-investiment dirett barrani**

Ir-Rapport Ramboll kien digà sostna li kemm it-teorija kif ukoll il-prattika juru li l-investiment barrani huwa attirat minn zewg fatturi ewlenin

**(a)** Access ghal suq li qabel kien maghluq.

**(b)** Il-profitti u fatturi ohra ekonomici mistennija fil-pajjiz fejn ikun se jsir l-investiment. L-access ghas-suq u l-qliegh mistenni jiddependi hafna fuq l-ezistenza u t-thaddim tas-swieq tal-kapital, kif ukoll fuq fatturi ohra bhal ligijiet, haddiema mharrga, esperjenza fit-tmexxija u stabilità politika.

L-NPAA ma jaghtix harsa daqshekk wiesa' u ghal darb'ohra jfalli milli jaghraf x'inhuma l-veru sfidi. Minflok, il-Gvern qed jipprova jaghmel strategija biex jattira l-investiment dirett barra (Foreign Direct Investment - FDI) billi

**(a)** Jirrevedi l-incentivi ta' l-Att ghall-Izvilupp Industrijali (Kap 325).

**(b)** Il-Korporazzjoni Maltija ghall-Izvilupp (MDC) tiehu certu mizuri biex tigi konformi ma' l-Acquis. Aktarx li se jkun hemm bzonn arrangamenti specjali li jiehdu sa wara l-2003 minhabba certu ghajnuniet li hemm intraprizi li digà qed igawdu minnhom. Huwa importanti li dan it-tibdil isehh minghajr ma jinholqu diffikultajiet ghall-investiment. Il-mizuri li hemm bzonn li jittiehdu kellhom jigu identifikati sas-sena 2000.

**(c)** Huwa mistenni li l-ghan ewlieni ta' l-incentivi l-godda jkun il-promozzjoni ta' tkabbir rapidu fil-valur mizjud. L-ahjar kriterju biex jinkiseb dan huwa permezz ta' l-ammont li jigi investit f'kapital fiziku u uman.

## 8.1
## Is-settur tal-manifattura

HUWA interessanti li wiehed jinnota l-fatt li 95 fil-mija ta' l-SMEs Maltin huma negozji tal-familja, b'medja ta' 10 impjegati. Hemm biss 45 intrapriza li jhaddmu aktar minn 45 persuna.

Wiehed u sittin fil-mija ta' dawk li huma involuti fis-settur privat jahdmu bi qliegh. L-istatistika turi li 44 fil-mija tal-haddiema fil-qasam tal-manifattura huma impjegati minn intraprizi barranin. Ramboll kienu sostnew li l-intraprizi tal-manifattura li jahdmu ghas-suq lokali kienu naqsu minn 34 fil-mija ghal 32 fil-mija.

Ekonomista ewlieni tal-Gvern dan l-ahhar ghamel analizi provizorja dwar kif sejra l-ekonomija Maltija billi bbaza ruhu fuq l-informazzjoni dwar il-Prodott Gross Domestiku u l-Prodott Gross

Nazzjonali sa Gunju 2000 li giet ippublikata ghall-Gvern. Il-kontributur ewlieni ghall-GDP baqa' s-settur tal-manifattura (23.2 fil-mija), segwit mill-oqsma tas-servizzi (11.6 fil-mija) u l-bejjiegha bl-imnut u l-grossisti (11.5 fil-mija). L-akbar titjib urieh il-qasam tat-trasport u komunikazzjoni b'zjieda ta' 13.1 fil-mija, segwit mill-manifattura b'zjieda ta' 10.6 fil-mija. Skond dan l-ekonomista ewlieni governattiv, dan juri li l-qasam tal-manifattura baqa' wiehed mill-aktar importanti ghall-ekonomija Maltija.

L-NPAA jghid li r-ristrutturazzjoni ta' l-industrija tal-manifattura huwa dak li jholl u jorbot biex jara kemm l-ekonomija Maltija hija kapaci tikkompeti mal-forzi tas-suq fl-Unjoni Ewropea . Meta wiehed iqis l-analizi li semmejna aktar 'il fuq (bl-ST Microelectronics tibqa' l-kontributur ewlieni), kif jista' l-NPAA jaqbez ghall-konkluzjoni li jekk isehhu l-bidliet kollha li qed jissemmew, fl-ispazju ta' sentejn l-industrija tal-manifattura tkun kapaci teghleb il-pressjonijiet kollha li se jsirulha. Il-Business Promotion Act zgur li mhux se jkun ta' xi ghajnuna kbira ghax, kif digà ghedna, huwa pakkett ta' incentivi izolat bla rabta ma' pjan strategiku.

Rapport li sar dan l-ahhar mill-ETC sostna li 23 fil-mija ta' dawk li jahdmu bi qliegh (jigifieri 40,442) jaghmlu dan f'attivitajiet ta' produzzjoni diretta. Hafna minnhom huma impjegati fl-oqsma tal-kostruzzjoni (3.9 fil-mija) u l-manifattura ta' taghmir ta' trasport (5.3 fil-mija). Dawn id-29 fil-mija tal-haddiema kollha huma prezentament il-mutur ta' l-ekonomija. Il-bidliet drastici li se jsehhu mistennija jbiddlu din il-figura.

It-tnehhija tas-sussidji u tal-monopolji fil-gejjieni qrib se tolqot hafna oqsma fi hdan il-manifattura. Il-kompetizzjoni diretta se tolqot l-oqsma kollha. Din li gejja hija selezzjoni ta' whud mill-impatti li jista' jkun hemm.

Il-qasam ta' l-ipprocessar ta' l-ikel se jintlaqat kemm mid-direttivi kif ukoll mill-kompetizzjoni diretta li tkun gejja minn pajjizi ta' l-Unjoni Ewropea. M'hemmx dubju li f'ghadd ta' setturi, il-konsumatur se jgawdi mit-titjib li jitolbu d-direttivi ta' l-Unjoni Ewropea , filwaqt li l-haddiem se jgawdi mir-regolamenti tas-sahha u sigurtà fuq il-post tax-xoghol. Dak li jhasseb lill-General Workers' Union hija l-ghaggla li bih qed isir dan kollu.

Dawn li gejjin huma s-setturi fi hdan il-qasam tal-manifattura u l-mod kif aktarx se jigu milquta:

* Ikel (idahhlu direttivi dwar l-ipprocessar ta' l-ikel u jiffaccjaw kompetizzjoni diretta).
* Xorb (idahhlu direttivi dwar l-ipprocessar ta' l-ikel u jiffaccjaw kompetizzjoni diretta).
* Tabakk (jiffaccja kompetizzjoni diretta).
* Tessuti (aktar kompetizzjoni specjalment mill-pajjizi ta' l-Ewropa Centrali u tal-Lvant - CEECs).
* Zraben, Kalzaturi u Hwejjeg (aktar kompetizzjoni specjalment mill-pajjizi ta' l-Ewropa Centrali u tal-Lvant - CEECs).
* Injam (aktar kompetizzjoni specjalment mill-pajjizi ta' l-Ewropa Centrali u tal-Lvant - CEECs).
* Prodotti tal-Karta (jiffaccja kompetizzjoni diretta).
* Stampar u Industriji Relatati (jistghu jitilfu s-swieq Gharab).
* Gild u Prodotti tal-Gild (mhux stabbli ghall-kompetizzjoni).
* Prodotti tal-Lastiku (skond minn fejn gejja l-materja prima).
* Prodotti mhux Metallici (skond minn fejn gejja l-materja prima).
* Prodotti Metallici (skond il-prezzijiet tal-materja prima).
* Makkinarju (skond il-prezzijiet tal-materja prima).
* Taghmir tat-Trasport (jiffaccja kompetizzjoni diretta).
* Ohrajn.

Dan kollu juri li dawn l-industriji mhux se jkunu jistghu jikbru fi hdan ambjent dejjem aktar kompetittiv jekk kemm-il darba ma jkunx hemm regolamentazzjoni stabbli u politika tal-kompetizzjoni cara.

Barra minn hekk, Malta ghandha bzonn urgenti ta' proceduri ta' regolamentazzjoni miftuha u accessibbli flimkien ma' qafas ta' kif jittiehdu u jigu infurzati d-decizjonijiet. L-ewwel oqsma li fih ghandu jsir dan kollu huma s-settur pubbliku, it-telekommunikazzjoni, l-energija u l-ilma.

## 8.2
## Settur Pubbliku

GHADDEW biss madwar 10 snin minn meta l-pajjizi ta' l-Unjoni Ewropea gew imgeghla, per ezempju, li jipprivatizzaw billi jwaqqfu "shareholding companies". Minn dak iz-zmien 'l hawn gew studjati u ippubblikati l-impatti pozittivi u negattivi ta' dawn il-mizuri. Il-qaghda ghall-pajjizi applikanti issa hija wahda differenti, bl-istennijiet u l-pizijiet ikunu akbar.

Il-hames tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea qed jahbat ukoll ma' tkabbir dejjem aktar mghaggel tas-socjetà informatika. Malta tista' tgawdi mill-holqien ta' dik li l-Unjoni Ewropea ssejjah bhala "zona komuni ta' informazzjoni". L-Unjoni Ewropea tistenna li s-settur pubbliku jaghti l-ezempju fl-applikazzjoni tat-teknologija ta' l-informatika li l-istess Unjoni ssostni li tista' tghin hafna biex taghmel it-tmexxija ta' l-Istat fil-pajjizi membri aktar trasparenti, semplici u timxi b'aktar heffa. Dan kollu jgib dilemma interessanti quddiem il-Gvern prezenti. Il-furur li qed jitqajjem dwar il-kuncett ta' "e-government" huwa wiehed tajjeb, madankollu dan qed isir minhabba l-Unjoni Ewropea u mhux sabiex jigi akkomodat il-poplu Malti. Hafna nies f'Malta m'ghandhomx access ghall-"e-mail" u l-"internet", u ghalhekk l-"e-government" ftit se jaghmel differenza ghalihom.

Is-settur pubbliku jimpjega 38 fil-mija ta' dawk kollha li jahdmu bi qligh. L-Acquis jindika li dan l-ammont ghandu jitnaqqas. Is-settur pubbliku jixrob ukoll parti kbira mill-budget nazzjonali tas-salarji. Il-Gvern ghadu kif habbar li ghandu bzonn 200 manager gdid, jew li jingataw tahrig mill-gdid, sabiex jizgura bidla minghajr problemi meta jiddahhlu u jibdew jithaddmu l-ligijiet skond l-Acquis. Dan jidher ammont zghir meta wiehed iqis il-bidla kulturali kbira li hemm bzonn.

Digà kien hemm tentattivi minghajr success fis-snin ta' qabel fejn wiehed joffri incentivi lill-haddiema tal-Gvern biex jitilqu l-post tax-xoghol taghhom mas-settur pubbliku, bit-tama li dan inaqqas l-ammont ta' persuni impjegati mal-Gvern.

Madankollu fil-prezent ix-xoghol li hemm bzonn isir biex is-settur pubbliku jigi konformi ma' l-Acquis huwa enormi, u qed ikun ta' piz kbir fuq il-haddiema tal-Gvern. Jekk dan ix-xoghol irid isir fi zmien tlett snin jew erbgha, kif jista' l-Gvern jippretendi li fl-istess zmien inaqqas il-haddiema minn mieghu

Jekk irid jimxi ma' l-Acquis, il-Gvern irid ukoll johloq postijiet tax-xoghol f'setturi ohra biex b'hekk jassorbi l-haddiema li se jispiccaw minn mieghu. Izda biex dan isehh hemm bzonn li l-politika dwar l-intrapriza tigi fis-sehh minghajr dewmien.

**Maltacom**

It-telekomunikazzjoni huwa qasam li l-hin kollu ghaddej minn bidliet kbar, izda li fih hemm possibbiltajiet tajbin li jinholqu postijiet tax-xoghol godda. Kif digà ghedna, id-domanda ghal haddiema bla sengha qed kull ma tmur tonqos. Fil-passat is-settur pubbliku Malti, bhal dak ta' pajjizi ohra, kien spicca jassorbi lil dawn il-haddiema fil-gradi l-baxxi tieghu.

Maltacom plc giet iffurmata f'Dicembru 1997 biex tiehu post il-Korporazzjoni Telemalta li kienet entità parastatali li kellha f'idejha d-drittijiet kollha f'dan il-qasam u kienet hi stess ir-

regolatur tas-servizzi kollha tat-telekomunikazzjoni. F'Gunju 1998 il-Gvern biegh 40 fil-mija ta' l-ishma fil-Maltacom. Jezisti pjan biex il-qasam tat-telekomunikazzjoni jigi liberalizzat sa l-ahhar kwart ta' l-2002, bi skedi ta' liberalizzazzjoni dettaljati ghal kull servizz. Is-servizzi kollha tat-telekomunikazzjoni, bl-eccezzjoni tat-telefonija fissa, cellulari, "international gateway" u televizjoni bil-cable, gew liberalizzati matul is-sena 2000. Il-Maltacom se tibda taqa' wkoll taht il-Ligi tal-Kompetizzjoni, bhall-intraprizi kollha f'dan il-qasam.

L-izviluppi b'pass mghaggel fil-qasam tat-telekomunikazzjoni f'Malta aktarx li jattiraw lil haddiema mharrga hafna minn pajjizi ta' l-Unjoni Ewropea. Dawn jigu jahdmu Malta hekk kif is-settur jigi liberalizzat ghal kollox. Dan aktarx jigri anki ghaliex it-telekomunikazzjoni huwa wiehed mill-oqsma fejn l-aktar li jkun hemm caqliq ta' haddiema bejn pajjiz u iehor. Il-Maltacom u s-sussidjarji taghhom ikollhom jimpjegaw lill-haddiema barranin mill-Unjoni Ewropea jekk jaraw li jistghu jinqdew ahjar bihom.

Barra minn hekk, il-Maltacom u l-intraprizi l-ohra fis-settur ikollhom jiffaccjaw kompetizzjoni minn intraprizi minn setturi ohra li jkunu jistghu jistabbilixxu n-negozju taghhom f'Malta bis-sahha ta' l-erba' libertajiet. Minhabba dawn l-izviluppi mghaggla, il-pajjiz ghandu bzonn awtorità regolatorja indipendenti li jkollha bizzejjed rizorsi u li tkun immexxija minn chairman kompetenti. Il-kwistjoni prezenti bejn tminn Internet Service Providers u l-Melita Cable, flimkien mar-relazzjoni bejn l-Vodafone u l-Go Mobile jridu lil regolatur li jmexxi b'mod delikat hafna sabiex jizgura li s-suq jizviluppa bl-ahjar mod. U dan minghajr ma ghadha dahet kompetizzjoni barranija.

L-Awtorità Maltija tal-Komunikazzjoni (MCA) giet imwaqqfa sabiex tosserva u tirregola l-izvilupp tas-servizzi u teknologiji ta' komunikazzjoni. Il-funzjonijiet taghha jinkludu:

* ir-regolazzjoni, monitorjar u revizjoni tas-servizzi ta' komunikazzjoni
* l-iffissar tal-mekkanizmu tar-rati ta' hlas
* it-tfassil ta' l-istandards tas-servizzi ta' komunikazzjoni
* l-ghoti ta' pariri lill-Ministru kompetenti dwar il-formulazzjoni ta' politika ghal dan il-qasam
* l-assigurar ta' kompetizzjoni gusta u
* ir-regolazzjoni u l-assigurazzjoni li jkun hemm konnettività bejn l-operaturi differenti.

L-MCA hija wkoll responsabbli li tizgura il-libertà tal-komunikazzjoni u li ma jkunx hemm diskriminazzjoni fi kwistjonijiet relatati ma' dan il-qasam.

Is-servizzi ta' komunikazzjoni hekk kif definiti fil-Ligi li waqqfet l-Awtorità jinkludu t-telekomunikazzjoni, servizzi postali, protezzjoni tad-"data", kummerc elettroniku u servizzi ta' l-internet.

F'Kapitlu 2 digà gie rrimarkat li l-Ligi tal-Kompetizzjoni ghandha hafna nuqqasijiet li hemm bzonn li jigu indirizzati. Ghedna li hemm bzonn ta' ligi dwar mergers u regoli ta' l-"anti-trust" biex hadd ma jithalla jabbuza minn pozizzjoni determinanti. Barra minn hekk intqal ukoll li l-ftehimiet ta' esklussività m'humiex inkluzi f'din il-ligi. Awtorità b'sahhitha li tirregola l-kompetizzjoni flimkien ma' l-MCA tista' tkun importanti hafna biex jigu protetti l-impjiegi fil-qasam tat-telekomunikazzjoni lokali.

F'paper mahruga mill-OECD li diga' rriferejna ghaliha qabel, id-Deputat Segretarju Generali ta' l-OECD, Ms Joanna R. Shelton, tkellmet dwar ir-riforma tar-regolazzjoni, it-tnehhija tal-monopolji, il-privatizzazzjoni u l-mod kif wiehed jizgura konsistenza mal-kompetizzjoni. Dwar il-monopolji tal-Gvern, Ms Shelton qalet li minkejja l-beneficcji li jista' jkollha s-socjetà bir-riforma regolatorja, tnehhija ta' monopolji u privatizzazzjoni, din it-tip ta' politika trid tigi implimetata bil-ghaqal hafna. Per ezempju, ir-riforma tista' tnehhi l-inefficjenza governattiva izda tista' thalli lil intraprizi bl-incentiv u l-kapacità li jabbuzaw mill-pozizzjoni taghhom jew li jiffurmaw "cartel". Bl-istess mod, il-beneficcji mit-tnehhija ta' monopolju governattiv jistghu jigu bil-mod hafna jekk l-intrapriza koncernata tkun tista' tuza metodi li jmorru kontra l-

kompetizzjoni biex izzomm id-dhul ta' intraprizi ohra fis-suq. Privatizzazzjoni li ma ssirx bil-ghaqal tista' twassal biex monopolju governattiv sempliciment jinbidel f'wiehed privat. Anki privatizaazzjoni li taqsam intrapriza tista' ma thallix beneficcji jekk l-intraprizi godda li jinholqu jithallew jiftehmu bejniethom u jergghu joholqu monopolju iehor. F'dawn ic-cirkustanzi kollha, l-aktar haga importanti li pajjiz jista' jaghmel sabiex jizgura li johrog il-potenzjal tal-kompetizzjoni ta' l-ekonomija u r-regolatur tieghu huwa li jkollu ligi soda tal-kompetizzjoni flimkien ma' awtorità b'sahhitha.

Ghalhekk, il-qasam tat-telekomunikazzjoni huwa minn ta' l-ewwel li jgawdi mit-twaqqif ta' awtorità tal-kompetizzjoni li anki sservi ta' gwida.

Shelton tkompli tghid li xi pajjizi zghar b'ekonomiji miftuha jahsbu li m'ghandhomx bzonn ta' ligi b'sahhitha li tirregola l-kompetizzjoni. Attitudni bhal din twassal biex dawn il-pajjizi zghar ikunu vulneribbli ghal "cartels" internazzjonali. Per ezempju, konferenza ricenti ta' l-OECD dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni fir-Regjun Baltiku iddiskutiet il-kaz ta' zewg intraprizi internazzjonali li qasmu l-istati Baltici bejniehtom. Facilità akbar biex wiehed jidhol fis-suq ma tghinx f'sitwazzjoni bhal din, izda l-infurzar ta' ligi b'sahhitha tista'. Hemm raguni ohra ghaliex huwa importanti li jkun hemm awtorità b'sahhitha. Hemm hafna mistoqsijiet difficli li jqumu meta tasal biex tigi regolata facilità pubblika meta jigi mnehhi monopolju u meta ssir privatizzazzjoni. Dawn m'humiex it-tip ta' mistoqsijiet li hafna regolaturi huma mdorrija li jwiegbu. Il-pajjizi ta' l-OECD sabuha ta' ghajnuna kbira li jkollhom l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni taghhom li jipprovdu parir specjalizzat lil kull min huwa involut.

Din l-istqarrija turi ghal darb'ohra li dak li ghamel il-Gvern fil-qasam tal-kompetizzjoni, ghamlu biss biex ikun qed jimxi ma' l-Acquis u xejn aktar.

**Enemalta**

Bhalissa, l-energija kollha f'Malta hija prodotta b'mod centralizzat u mqassma permezz ta' sistema ta' provvista generali. Jezistu zewg Power Stations li flimkien jistghu jipproducu 381MW. Dan igib mieghu spiza konsiderevoli fi fUnjoni Ewropea l. Per ezempju, bejn Novembru 1996 u Novembru 1997, l-Enemalta nefqet b'kemm jiswew $62.8 miljun fi fUnjoni Ewropea l. Il-qasam ta' l-energija huwa wiehed li jesperjenza hafna caqliq, kif deher car dan l-ahhar wara z-zjieda enormi fil-prezz tal-fUnjoni Ewropea l. M'hemmx l-icken idea ta' x'se jigri lill-possibbiltajiet ta' xoghol f'dan is-settur anke minhabba li l-istruttura tat-tmexxija prezenti tirrezisti hafna d-dhul ta' ideat godda. Il-mod kif l-Enemalta se tiffaccja l-liberalizzazzjoni tas-settur taghha huwa incert, u dan mhux awgurju tajjeb ghall-haddiema tal-korporazzjoni.

Il-ligi ewlenija ta' l-energija hija l-Att dwar l-Enemalta. Permezz ta' dan l-Att, l-Enemalta nghatat monopolju fuq il-holqien, trasmissjoni u distribuzzjoni ta' l-elettriku. Ghandha wkoll monopolju fuq l-importazzjoni, hazna u distribuzzjoni ta' prodotti taz-zejt, inkluz il-gass LPG. Hemm bzonn tal-permess ta' l-Enemalta biex haddiehor jaghmel dawn l-attivitajiet. Il-korporazzjoni ghandha ukoll id-dmir ta' regolatur tal-qasam ta' l-energija. Aktar 'il quddiem huwa mistenni li dan ir-rwol jghaddi ghand l-Awtorità Maltija ghar-Rizorsi (Malta Resources Authority - MRA).

Malta tiddependi bis-shih fuq l-importazzjoni z-zejt sabiex taqdi l-bzonnijiet taghha ghal fUnjoni Ewropea l. L-uzu tal-faham ghall-produzzjoni ta' l-energija gie mwaqqaf xi snin ilu minhabba ragunijiet ambjentali. Ma jezistu l-ebda pipelines tal-gass jew xi facilitajiet ohra li jghaqqdu lil Malta ma' xi sors ta' materja prima ghall-energija. Ma jezistux ligijiet dwar dawn is-suggetti, hlief ghall-obbligu ta' l-Enemalta li tipprovdi l-fUnjoni Ewropea l ghal kull bzonn ragonevoli. Ma jezistux lanqas ligijiet dwar skarsità ta' fUnjoni Ewropea l

Fl-Acquis jintqal li l-monopolji ta' kumpaniji ta' l-istat li jahdmu kummercjalment, bl-eccezzjoni tal-qasam ta' l-energija, se jitrangaw sa l-ahhar tlett xhur ta' l-2002. Fil-fatt, ghal dan il-qasam qed jintalab perijodu ta' transizzjoni ta' tlett snin. Jekk dan jinghata, ikun hemm zmien bl-ezatt biex il-Gvern jahdem fuq din il-liberalizzazzjoni u jara li jizgura l-impjiegi tal-haddiema tal-korporazzjoni.

Ma jezisti l-ebda Pjan Nazzjonali dwar l-Energija, li jkun jinkludi wkoll energija alternattiva. L-NPAA jghid li l-Kunsill Malti ghax-Xjenza u Teknologija (MCST) inghata l-inkarigu u qed jahdem biex ifassal dan il-pjan. Dan id-dokument jaghti qafas li fi hdanu jkunu jistghu jittiehdu decizjonijiet u jitwaqqfu l-istrutturi li hemm bzonn. Il-pjan ikun konformi ukoll mal-politika ta' l-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam izda b'riferenza partikulari lejn il-qaghda Maltija. Ghandhom jissemmew, fost l-ohrajn, il-konservazzjoni u l-efficjenza ta' l-energija u sorsi alternattivi ta' energija.

Izda fil-verità l-MCST huwa kollu kemm hu mitfugh fuq il-kordinazzjoni tal-Framework Five Programme u m'hemm hadd li qed jahdem fuq dan il-pjan.

Jezistu dubji dwar kemm se tinbet kompetizzjoni mil-lum ghal ghada f'dan il-qasam. Madankollu, meta din il-kompetizzjoni tasal, din se timpjega biss lil professjonisti u dawk imharrga. Barra minn hekk, fi sforz biex jitnaqqsu l-ispejjez tal-produzzjoni ta' l-energija, l-ewwel ma jsir huwa li jitnaqqsu l-haddiema. Dan huwa settur iehor fejn il-bzonn ta' Awtorità tal-Kompetizzjoni, hekk kif indikat mill-OECD, huwa kbir.

Il-paper tad-Deputat Segretarju Generali ta' l-OECD issostni li l-oqsma ta' l-energija u ta' l-ilma huma monopolji naturali. Ms Shelton issostni li f'oqsma fejn jezistu monopolji naturali, id-deregolazzjoni tista' twassal ghal rizultati negattivi. Hafna pajjizi ta' l-OECD huma tal-fehma li f'cirkostanzi bhal dawn l-ahjar huwa li jkun hemm xi xorta ta' regoli dwar prezz u servizz li jharsu lill-konsumaturi u lil ekonomija mill-abbuzi tal-monopolji. Barra minn hekk, hemm hafna pajjizi li qed jindunaw li l-principji tal-kompetizzjoni jistghu jigu wzati sabiex tinholoq sistema ta' regolamentazzjoni differenti ghall-monopolji naturali u ghall-bqija ta' l-industrija. Per ezempju, f'hafna inhawi bit-teknologija prezenti, politika ta' kompetizzjoni fis-settur ta' l-elettriku jkollha bzonn regolamentazzjoni tal-prezz u servizz fit-tqassim ta' l-elettriku. Fl-istess hin, ikun hemm bzonn li l-generazzjoni ta' l-elettriku, li jista' jsir b'mod kompetittiv, jigi trattat b'mod differenti. Shelton taghti wkoll ezempji ta' problemi li jistghu jinholqu mill-privatizzazzjoni f'dan il-qasam. Per ezempju, wiehed irid jikkonsidra l-vantaggi li jkun fiha l-ezistenza ta' intrapriza kbira (economies of scale) qabel ma jigi deciz jekk din tinqasamx biex tigi privatizzata. Awtorità tal-Kompetizzjoni kompetenti tista' tghin biex issir analizi ta' dan it-tip.

Dan kollu juri li dak li hemm bzonn hija strategija mahsuba tajjeb, u mhux weghdiet fiergha ta' tfassil ta' pjanijiet dwar l-energija.

L-NPAA ma jsegwix lill-Unjoni Ewropea f'li jaghmel rabta bejn il-politika dwar l-energija u dik dwar it-trasport. Din hemm bzonn li ssir, l-aktar meta wiehed iqis il-kaos li nqala' minhabba l-gholi ricenti fil-prezz tal-fUnjoni Ewropea l. F'Novembru 2000, il-Kummissjoni Ewropea kellha tipprezenta Green Paper dwar l-Energija lill-Parlament Ewropew. Dan id-dokument mistenni jwessa' d-dibattitu dwar id-diversifikazzjoni tal-politika energetika ta' l-Unjoni Ewropea , fejn se tinghata l-konsiderazzjoni xierqa lill-konkluzjonijiet tal-Laqgha Gholja ta' Kyoto, kif ukoll lit-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea . Wiehed mir-rapporti ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-progress tal-pajjizi applikanti jghid li z-zjieda ta' 13-il pajjiz mal-15 li digà huma membri se tkabbar il-problemi li ghandhom x'jaqsmu ma' l-energija Se jqumu ghadd ta' mistoqsijiet, fosthom jekk il-253 ligi Ewropea (sa l-1998) hemmx bzonnhom kollha, jew jekk hemmx bzonn revizjoni fundamentali taghhom. Il-Kummissjoni Ewropea stess tammetti li dawn ir-regolamenti huma ta' piz kbir fuq il-pajjizi applikanti. Il-General Workers' Union tittama li l-Gvern qed jistudja b'mod mill-aktar attent l-effett ta' l-implimentazzjoni ta' dawn il-253 regolament, flimkien mal-Green Paper il-gdida tal-Kummissjoni.

Matul is-snin kollha li ilha fil-Gvern, l-amministrazzjoni prezenti falliet f'li tohrog b'politika dwar energija alternattiva u li tista' tiggedded. Din it-tip ta' politika tkun tinkludi l-energija tax-xemx u tar-rih. Dan huwa qasam fejn setghu nholqu postijiet godda tax-xoghol. Ghal darb'ohra, forsi dan huwa tort tat-tmexxija bla ispirazzjoni ta' l-Enemalta, li anki falliet f'li tiehu sehem f'xi programm ta' l-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam, liema programmi huma accessibbli ghal pajjizi tal-Mediterran u pajjizi ohra mhux membri.

Ricentament il-Kummissarju Ewropew ghall-Kompetizzjoni, Mario Monti, iddikjara li l-ghajnuna ta' l-istat lejn l-industrija ta' l-energija alternattiva ghandha tinqata' fi zmien hames snin sabiex il-kumpaniji f'dan il-qasam ikunu jistghu jqumu fuq saqajhom aktar malajr. F'abbozz li jispjega l-pjani ghal dan is-settur, il-Kummissjoni tghid li b'mod generali m'hix favur li intrapriza tinghata ghajnuna biex tkun tista' tahdem. Fil-kaz ta' intraprizi f'dan il-qasam jista' jkun hemm xi eccezzjonijiet f'kazijiet specifici. Ghalhekk dan huwa qasam fejn il-Gvern ma jistax igib l-iskuza ta' fondi mill-Unjoni Ewropea , ghax dawn mhux gejjin.

Dan kollu jfisser li jekk l-Enemalta trid tiehu sehem fil-Programm ta' Xjenza u Teknologija ta' l-Unjoni Ewropea , din ikollha tiehu sehem fis-SAV, JoULE, THERMIE, ALTENER, ecc. Biex jingiebu fondi minn programmi bhal dawn, l-Enemalta jkollha tghaddi minn selezzjoni iebsa u kompetizzjoni harxa.

**Servizzi ta' l-Ilma**

Ir-ristrutturazzjoni ta' l-industriji kien ukoll fuq l-agenda ta' l-amministrazzjoni precedenti. Madankollu, din kienet se ssir fuq medda itwal ta' zmien. Parti mir-raguni l-ghala l-Partit Laburista tilef l-elezzjoni generali kienet minhabba li ried li l-poplu jhallas prezz korrett ghall-produzzjoni ta' l-ilma. Ironikament, il-Kummissjoni Ewropea trid li jiddahhlu mizuri bhal dawn sa l-2010 permezz ta' mizuri li jkollhom jittiehdu taht il-"framework directive" il-gdida maghrufa bhala Water Framework Directive. Bhalissa din id-direttiva qed tigi diskussa mill-Parlament Ewropew.

L-NPAA ma jitkellimx hafna dwar il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma (Water Services Corporation - WSC), u lanqas ma jghid kif din se tittratta l-privatizzazzjoni. Hemm hafna inqas informazzjoni dwar id-WSC milli hemm dwar il-Maltacom u l-Enemalta. Bhal fil-kaz ta' l-Enemalta, jezistu dubji kbar dwar kemm il-kompetizzjoni tista' tidhol malajr f'dan is-suq. Madankollu, bhal fl-istess kaz ta' l-energija, la darba tasal din il-kompetizzjoni mistennija jigu impjegati biss il-professjonisti u haddiema mharrga. Il-qasam tas-servizzi ta' l-ilma huwa wkoll dipendenti hafna fuq ic-caqliq fil-prezz ta' l-energija li hemm bzonn sabiex jithaddmu t-tlett impjanti tar-Reverse osmosis. Jekk ikun hemm privatizzazzjoni, aktarx li jitnaqqsu xi haddiema mill-ewwel biex jitnaqqsu l-ispejjez tal-produzzjoni.

Wiehed jista' jitghallem hafna minn dak li gara fir-Renju Unit meta gie ipprivatizzat il-qasam tas-servizzi ta' l-ilma aktar minn ghaxar snin ilu. L-awtorità centrali nqasmet f'awtoritajiet regjonali, bir-rizultat li naqsu l-kordinazzjoni u s-servizz lill-komunitajiet. Barra minn hekk, it-"top management" taw lilhom infushom salarji gholjin hafna ta' madwar £100,000, kif ukoll kienu fost ix-xerrejja ewlenin ta' l-ishma tal-kumpaniji l-godda. Dan assigurahom minn bonus iehor qawwi. Barra minn hekk, kien hemm bosta haddiema fi skali baxxi li tilfu l-impjieg taghhom.

L-NPAA ftit isemmi d-direttivi li d-WSC ikollha tkun konformi maghhom. Lanqas isemmi li l-ligijiet prezenti jridu jitbiddlu biex jigu konformi ma' l-Acquis.

Fil-bidu tas-snin sebghin, il-Komunità Ewropea bdiet tizviluppa ghadd ta' regoli komuni biex tipprotegi l-ambjent akwatiku u biex tipprevjeni t-tniggiz ta' l-ilma. L-ewwel ligijiet ta' l-Unjoni

Ewropea dwar l-ilma, bhas-Surface Water Directive (1975), Bathing Water Quality Directive (1976), Fish Water Directive (1978), Shellfish Water Directive (1979), u Drinking Water Directive (1980) huma ibbazati fuq l-istrategija maghrufa bhala Water Quality objective (WQo). Din l-istrategija tiddefinixxi l-kwalità minima ghall-ilma b'mod li jista' jigi ikkalkulat l-impatt ta' l-emissjonijiet. Il-WQo tara wkoll li jkun hemm certu livell ta' kwalità fl-ilma b'mod li dan ma jaghmilx hsara lill-ambjent u lis-sahha tal-bniedem.

Il-legislazzjonijiet komunitarji dwar l-ilma tas-snin disghin huma ibbazati fuq l-istrategija maghrufa bhala Emission Limit ValUnjoni Ewropea s (ELV). Dawn jinkludi Urban Waste Water Treatment Directive (1991), Nitrates Directive (1991), u l-parti ta' l-Integrated Pollution Prevention and Control (IPPC) Directive (1996) li ghandha x'taqsam ma' l-emissjonijiet fl-ilma. Din l-istrategija timmarka l-kwantità massima ta' materji li jniggzu li jistghu jintefghu fl-ilma, kif ukoll tiffoka fuq it-trattament ta' l-ilma, tniggiz mill-industrija, u l-impatt tal-biedja fuq il-kwalità ta' l-ilma.

Fis-snin disghin kien hemm bosta partijiet, fosthom il-Kumitat ghall-Ambjent tal-Parlament Ewropew, li qablu li l-politika Ewropea dwar l-ilma kienet qed issir frammentata zzejjed, u ghalhekk kien hemm bzonn li tingabar flimkien b'mod koerenti. Kien ghalhekk li fi Frar 1997 il-Kummissjoni Ewropea ipprezentat proposta ghall-holqien ta' "framework directive" maghrufa bhala Water Framework Directive. Il-Parlament Ewropew ghaddiha mill-ewwel qari nhar il-11 ta' Frar 1999, filwaqt li l-Kunsill approva l-pozizzjoni komuni tieghu fit-22 ta' ottubru 1999. Il-Kummissjoni regghet harget opinjoni ohra fil-5 ta' Gunju 2000. Id-direttiva li qed tigi proposta tirregola t-tmexxija tar-rizorsi ta' l-ilma l-ghanijiet tal-harsien ta' l-ilma ghal ghanijiet differenti (xorb, ghawm, ecc.) mizuri ikkordinati li jridu jittiehdu biex jigu iffacjati certu problemi id-definizzjoni tar-rabta bejn il-limiti ta' l-emissjonijiet u l-livelli tal-kwalità f'dak li huwa maghruf bhala l-istrategija kombinata sehem dejjem akbar mill-pubbliku li b'hekk iwassal ghal aktar trasparenza u infurzar tal-ligijiet dwar l-ilma.

L-istess direttiva se tkun qed titlob li sas-sena 2010 il-pajjizi membri jdahhlu sistema li permezz taghha jkunu qed jigbru lura l-flus kollha li jkunu qed jonfqu biex jipproducu l-ilma. B'sistema bhal din, il-konsumaturi jkollhom ihallsu l-prezz veru tal-produzzjoni ta' l-ilma - mill-produzzjoni tieghu sar-riciklagg. Madankollu, hemm ghadd ta' derogi, fosthom il-bzonn li l-familji jinghataw servizz baziku ta' l-ilma bi prezz ragonevoli.

Fil-"framework" tal-politika Ewropea dwar l-ilma qed tigi studjata sistema ta' hlas ghall-ilma li jinhela. Il-Gvern Malti ghandu jhares mill-qrib lejn l-implikazzjonijiet ta' din id-direttiva l-gdida. Jekk din id-direttiva tkun tfisser li l-ispejjez kollha tal-produzzjoni jridu jigu ikkontjati, il-Gvern irid joqghod attent hafna qabel ma jiddeciedi liema tip ta' teknologija jixtri. Id-WSC digà ghandha dejn kbir, u dan jaghmel difficli l-privatizzazzjoni taghha. Qaghda finanzjarja hazina bhal din tista' thalli effett hazin fuq il-haddiema tad-WSC fil-gejjieni immedjat u fil-medda itwal taz-zmien.

## 8.3
## It-Tarznari l-oqsma tal-bini u tiswija tal-vapuri

L-OQSMA tal-bini u t-tiswija tal-vapuri se jkunu fost dawk li l-aktar jaqilghu daqqa ta' harta kbira jekk Malta tissieheb fl-Unjoni Ewropea. Ammont kbir ta' haddiema - aktar minn 3,300 - jahdmu f'dan il-qasam li qed jinzamm haj permezz ta' sussidji kbar. Il-Gvern prezenti talab ghal perijodu ta' transizzjoni ta' sebgha jew possibbilment ghaxar snin.

L-ewwel ma wiehed irid jghid huwa li l-oqsma tal-bini u t-tiswija tal-vapuri kienu jew huma problematici ghal hafna pajjizi ta' l-Unjoni Ewropea . Dawn il-problemi ma ssolvewx minghajr ma thallas prezz socjali qares.

Fil-kapitli ta' qabel, il-General Workers' Union uriet li storikament it-tort tat-telfien ta' postijiet tax-xoghol jintefa' fuq il-bidliet ekonomici. Li kieku Malta kellha ekonomija tas-suq dinamika u

li tassew qed tikber, bir-rizultat tal-holqien u gheluq ta' intraprizi differenti, il-haddiema tat-tarznari kien ikollhom xi alternattiva. Izda l-qaghda mhix hekk.

Il-haddiema tat-tarznari mhux qed jirrezistu l-bidla, izda affarijiet ohra. F'pajjizi ohra, it-tmexxija hazina, nuqqas ta' bidla organizattiva, in-nuqqas ta' flessibbiltà fis-suq tax-xoghol, l-imperfezzjonijiet fis-suq finanzjarju, u n-nuqqas ta' investiment wassal ghal telf ta' postijiet tax-xoghol f'dan il-qasam. Dan juri li hemm mekkanizmu socjali u ekonomiku kumplikat li jwassal biex jintilfu l-impjiegi.

Il-bidla f'dak li jrid is-suq fil-qasam tax-xoghol, minn haddiema bla sengha ghal ohrajn mill-aktar imharrga, kemm fil-manifattura kif ukoll fis-servizzi, jenfasizza bil-kbir dak li kapaci taghmel Malta fil-qasam tat-tahrig. L-ghan ewlieni tal-Gvern ghandu jkun li jara li jkun hemm politika ta' edukazzjoni li tkompli matul il-hajja kollha tal-persuna. Din l-edukazzjoni tkun tinkludi tahrig fuq il-post tax-xoghol u aggornament kontinwu tas-snajja' u tat-taghlim. Il-qaghda fit-tarznari hija sinjal tan-nuqqas kbir ta' vizjoni ta' l-amministrazzjoni prezenti. Wara tant snin fil-Gvern, l-amministrazzjoni prezenti ghadha ma sabitx tarf ta' kif tuza bl-ahjar mod possibbli s-snajja' li jezistu fit-tarznari. It-tarznari ilhom jaghmlu telf ghal bosta snin. L-aghar rizultati nkisbu fl-1995 u fl-1996 b'telf enormi ta' Lm14.1 miljun u Lm13.5 miljun rispettivament qabel is-sussidju governattiv. Dan jirrapprezenta zjieda fit-telf ta' 81 fil-mija u 73 fil-mija rispettivament fuq l-1994. It-telf fis-sena 2000 mistenni jkun ta' madwar Lm17-il miljun. Min-naha l-ohra, id-dhul zdied b'mod konsistenti. Dan jirrifletti t-tnaqqis fil-haddiema, li l-lum il-gurnata jlahhqu madwar nofs ta' dawk ta' l-1990. Madankollu, dan huwa settur li jiddependi hafna fuq il-haddiema, u f'xi snin minnhom kien hemm ukoll zjieda marginali fin-numru taghhom.

Kien hemm ghadd ta' tentattivi dwar kif l-ahjar li tinstab soluzzjoni. Ir-Rapport Appeldore huwa wiehed minn dawn it-tentattivi. Appeldore jissuggerixxu gejjieni fejn l-intrapriza prezenti tkun ristrutturata b'mod li timpjega 1,286 persuna. Fl-istess hin jinholqu intraprizi godda, ibbazati fuq operazzjonijiet ezistenti u godda, biex jigu impjegati l-bqija tal-haddiema (1,991 b'kollox). Dawn l-intraprizi ma jistghux jinholqu bl-ghaggla. L-esperjenza tar-Renju Unit, fejn kien hemm problemi simili hafna, turi li hemm bzonn bejn tlieta u ghaxar snin biex dan il-programm jitwettaq.

Appledore xorta jahsbu li se jkun hemm ugigh biex minn intrapriza li taghmel telf enormi u inaccettabli ghall-Gvern Malti, it-tarzna ssir vijabbli u jonholqu wkoll ghadd ta' intraprizi godda. Appledore kienu wkoll qalu li dawn l-intraprizzi godda m'ghandhomx jidhlu fi swieq relatati mat-tiswija tal-vapuri.

Din l-istrategija taghmel sens. Madankollu, bhalissa l-enfasi hija fuq li jitbiddlu n-nies fil-karigi gholja tat-tmexxija. Il-hsieb huwa li t-tarznari jqumu fuq saqajhom jekk it-"top management" ikun maghmul minn esperti ikkwalifikati internazzjonalment.

Ir-Rapport Appledore jaghti d-dettalji ta' kif ghandhom jitqassmu l-haddiema fi hdan l-intraprizi differenti. Minkejja li Appledore intalbu biex ma jinkludux strategija biex jitnehhew haddiema, uhud mir-rakkomandazzjonijiet iwasslu ghal irtirar sfurzat. Ir-Rapport ma jidhirx li jinkludi skemi ta' tahrig li permezz taghhom kull haddiem ikun jista' jiehu sehem fil-bidliet li qed jigu anticipati. Huwa importantissimu li l-Gvern jiffinanzja t-tahrig tal-haddiema. It-tahrig u t-tahrig mill-gdid ghandu jkun parti mill-Pjan Nazzjonali tax-Xoghol li ghandu jsir mill-ETC.

Fil-prezent, l-aktar haddiema imharrga huma dawk l-aktar anzjani. In-nuqqas taghhom jista' jikkawza problemi jekk dawn jiddeciedu li jiehdu l-offerta ta' rtirar kmieni li tista' tigi inkluza fl-ezercizzju tar-ristrutturazzjoni.

Dawn li gejjin huma t-tip ta' haddiema li wiehed jista' jsib fit-tarznari:
* Fitters.
* Machinists.
* Pipeworkers.

* Electricians.
* Steelworkers.
* Painters/Blasters.
* Woodworkers.
* Dockers/Riggers/Slingers.
* Ohrajn.

Fil-kuntest ta' Unjoni Ewropea, hafna minn dawn il-haddiema mharrga fl-industrija t-tqila jispiccaw qeghda. Min-naha taghhom, il-mastrudaxxi jkunu jistghu jsibu xoghol skond kemm l-industrija lokali ta' l-ghamara tkun innovattiva.

Appledore jissuggerixxu wkoll ghadd ta' opportunitajiet ta' diversifikazzjoni ghall-haddiema. Madankollu, kwazi dawn l-opportunitajiet kollha ghad iridu jinholqu. Huwa difficli li wiehed jifhem kif ir-rapport qed jissuggerixxi l-manifattura ta' panelli solari, karozzi tal-linja, apparat ghall-ferroviji, ecc. Dan ghaliex hemm bzonn ta' infrastruttura industrijali biex issir din id-diversifikazzjoni. Dawn is-suggerimenti ttiehdu minn dak li sar fir-Renju Unit, fejn kien possibbli li l-haddiema tat-tarznari jigu trasferiti ghal impjanti tal-manifattura tal-karozzi tal-linja ghaliex l-infrastruttura kienet digà tezisti.

Ma nistghux nitkellmu dwar il-qasam tat-tarznari minghajr ma nsemmu specifikament is-sussidji u r-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea dwar dan il-qasam. L-Unjoni Ewropea tippermetti li t-tarznari jinghataw sussidji, izda hemm regolamentazzjoni stretta hafna ta' x'tip ta' sussidji huma permessi.

Is-sussidji permessi huma dawk li jirrigwardjaw attivitajiet specifici, bhal mizuri favur il-harsien ta' l-ambjent, kif ukoll dawk li ghandhom x'jaqsmu ma' ezercizzji ta' ristrutturazzjoni. Dawn ta' l-ahhar hafna drabi jissarrfu fit-tkeccija ta' haddiema. Fiz-zewg kazi, is-sussidji li jistghu jinghataw ikunu limitati mhux biss fl-iskop izda wkoll fiz-zmien.

Min-naha l-ohra, huma projbiti ghal kollox sussidji li jintuzaw biex jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez ta' kuljum tat-tarznari. Dawn huma t-tip ta' sussidji li jinghataw it-tarznari Maltin. Ghalhekk dawn is-sussidji se jkollhom jinqatghu tista' tghid ghal kollox.

Ikun f'waqtu jekk dan ir-rapport jintemm b'ezempju ta' l-impatt tal-privatizzazzjoni f'pajjiz iehor sabiex wiehed juri li l-Gvern Malti ghadu lanqas biss beda jifhem x'inhu l-impatt socjali ta' l-ghaggla biex il-pajjiz jissieheb fl-UE. Dan huwa ezempju ta' kif l-Inglizi ppruvaw jirristrutturaw tarzna simili ghal dik Maltija fin-naha ta' fuq tar-Renju Unit. Dak li gara lill-haddiema ghandu jkun ta' ezempju ghal min jiehu d-decizjonijiet f'Malta.

F'dan il-kaz kien hemm rakkomandazzjoni biex din it-tarzna tal-bini tal-vapuri inbidel f'zona residenzjali "up-market'. Il-haddiema accettaw din ir-rakkomandazzjoni, bil-patt u kundizzjoni li huma jigu impjegati biex jibnu din iz-zona, u li huma jkunu jistghu jixtru jew jikru postijiet f'din iz-zona. Dawn il-haddiema nghataw xoghol ghal xi sentejn sakemm intemm il-progett. Madankollu, hekk kif dan intemm, id-djar f'din iz-zona irrizulta li kienu gholjin wisq ghalihom. Ghalhekk, huma mhux biss spiccaw bla xoghol, izda lanqas biss ma setghu jhallsu biex jibqghu jghixu fl-istess inhawi. Ghalhekk huma kellhom jitilqu minn hemm.